ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 319

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

**Volum 51**

**29 ta' Novembru 2008**

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1176/2008 tas-27 ta' Novembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 713/2005 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti antibjotiċi ta' firxa wiesgħa li joriġinaw mill-Indja** ........ 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1177/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........ 14

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1178/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għall-medda qasira ta' żmien u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1503/2006 u (KE) Nru 657/2007 fir-rigward ta' addattamenti wara r-reviżjoni tal-klassifikazzjonijiet statistiċi NACE u CPA** ([1]) ........ 16

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1179/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/55/KE dwar l-għajnuna reċiproka għall-irkupru ta' talbiet rigward ċerti imposti, dazji, taxxi u miżuri oħra** ........ 21

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1180/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 li jwaqqaf sistema ta' komunikazzjoni ta' tagħrif dwar ċerti provvisti ta' ċanga, vitella u majjal fit-territorju tal-Federazzjoni Russa** (Verżjoni kodifikata) ........ 44

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1181/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 616/2007 dwar il-ftuħ u l-mod ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Brażil, it-Tajlandja u pajjiżi terzi oħra** ........ 47

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1182/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 li jistabbilixxi l-ammonti ta' għajnuna minn qabel għall-ħżin privat tal-butir għall-2009** ........ 49

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: 18 EUR**

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1183/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1019/2002 dwar l-istandards ta' marketing għaż-żejt taż-żebbuġa** ...... 51

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1184/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-aringi fl-ilmijiet tal-KE u dawk internazzjonali ta' Vb, VIb u ViaN min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza** ........ 52

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1185/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Bulgarija** ........ 54

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1186/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 li jffissa d-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mill-1 ta' Diċembru 2008 ........ 56

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq** ........ 59

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2008/109/KE tat-28 ta' Novembru 2008 li temenda l-Anness IV għad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u l-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità** ........ 68

---

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kummissjoni**

2008/891/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2003/61/KE li tawtorizza ċerti Stati Membri jipprovdu għal derogi temporanji minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE fir-rigward ta' patata għaż-żrigħ li toriġina minn ċerti provinċji tal-Kanada** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7317)* ........ 71

**Bank Ċentrali Ewropew**

2008/892/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' Ottubru 2008 dwar dispożizzjonijiet transitorji għall-applikazzjoni tar-riżervi minimi mill-Bank Ċentrali Ewropew wara l-introduzzjoni tal-ewro fis-Slovakja** ***(BĊE/2008/14)*** ........ 73

2008/893/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Novembru 2008 li twaqqaf il-qafas għall-akkwist konġunt tal-Ewrosistema** ***(BĊE/2008/17)*** ........ 76

---

MT

*Avviż lill-qarrejja (ara paġna 3 tal-qoxra)*

III *Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE*

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

2008/894/PESK:

★ **Deċiżjoni EUMM/1/2008 tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tas-16 ta' Settembru 2008 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja EUMM Georgia** ..... 79

2008/895/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà BiH/14/2008 tal-21 ta' Novembru 2008 dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Forza ta' l-Unjoni Ewropea għall-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina** ........ 80

MT

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1176/2008

**tas-27 ta' Novembru 2008**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 713/2005 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti antibjotiċi ta' firxa wiesgħa li joriġinaw mill-Indja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ([1]) (ir-"Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 15 u 19 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. PROĊEDURA

### I. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri eżistenti

(1) Il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 713/2005 ([2]), impona dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti antibjotiċi b'firxa wiesgħa, jiġifieri amoxicillin trihydrate, ampicillin trihydrate u cefalexin li ma tqegħdux f'dożi kkalkulati jew f'forom jew pakketti għal bejgħ bl-imnut ("il-prodott ikkonċernat") li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi ex 2941 10 10, ex 2941 10 20 u ex 2941 90 00 li joriġinaw mill-Indja. Ir-rata tad-dazju tvarja bejn 17,3 % u 30,3 % għal esportaturi nominati individwalment b'rata ta' dazju residwu ta' 32 % impost fuq importazzjonijiet minn esportaturi oħrajn.

### II. Bidu ta' reviżjoni interim parzjali

(2) Wara l-impożizzjoni tad-dazju kumpensatorju definittiv il-Gvern tal-Indja ("GTI") issottemetta li ċ-ċirkustanzi fir-rigward ta' żewġ skemi ta' sussidju (l-Iskema tal-Passbook għall-Intitolament tad-Dazju u l-Eżenzjoni mit-Taxxa fuq id-Dħul taħt it-Taqsima 80 HHC tal-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dħul), inbidlu u dawn il-bidliet huma ta' natura dejjiema. Għaldaqstant, kien sostnut li l-livell ta' sussidjar x'aktarx li kien naqas u għalhekk miżuri li ġew stabbiliti parzjalment fuq dawn l-iskemi għandhom jiġu riveduti.

(3) Il-Kummissjoni eżaminat l-evidenza mressqa mill-GTI u qesitha biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu ta' reviżjoni taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku. Wara li kkunsultat lill-Kumitat Konsultattiv, il-Kummissjoni bdiet permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]), reviżjoni interim parzjali *ex officio* tar-Regolament (KE) Nru 713/2005.

(4) Il-fini tal-investigazzjoni tar-reviżjoni interim parzjali hija li jiġi vvalutat il-bżonn għat-tkomplija, it-tneħħija jew l-emenda tal-miżuri eżistenti fir-rigward ta' dawk il-kumpaniji li bbenefikaw minn waħda mill-iskemi ta' sussidju mibdula jew mit-tnejn li huma, fejn kienet ipprovduta biżżejjed evidenza b'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-avviż ta' bidu. L-investigazzjoni tar-reviżjoni interim parzjali tivvaluta wkoll il-bżonn, abbażi tal-konklużjonijiet mir-reviżjoni, biex ikunu riveduti l-miżuri applikabbli għal kumpaniji oħra li kkooperaw fl-investigazzjoni li stabbilew il-livell tal-miżuri eżistenti u/jew il-miżura residwi applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha.

### III. Il-perjodu ta' investigazzjoni

(5) L-investigazzjoni kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2006 sal-31 ta' Marzu 2007 ("il-perjodu ta' investigazzjoni għal reviżjoni" jew il-"PIR").

([1]) ĠU L 288, 21.10.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 121, 13.5.2005, p. 1.
([3]) ĠU C 212, 11.9.2007, p. 10.

IV. **Partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni**

(6) Il-Kummissjoni infurmat lill-GTI u lil dawk il-produtturi esportaturi Indjani li kkooperaw fl-investigazzjoni preċedenti, li kienu msemmija fir-Regolament (KE) Nru 713/2005 u li kienu elenkati fl-avviż ta' bidu tar-reviżjoni interim parzjali, li nstab li jibbenefikaw minn kwalunkwe waħda miż-żewġ skemi ta' sussidju allegatament mibdula, kif ukoll lill-produtturi Komunitarji bil-bidu tal-investigazzjoni għal reviżjoni interim parzjali. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu fehmiethom bil-miktub u li jitolbu seduta. Il-kummenti bil-miktub u bil-fomm ippreżentati mill-partijiet kienu kkunsidrati u, meta kien xieraq, ingħata kas tagħhom.

(7) Fid-dawl tal-għadd apparenti ta' partijiet involuti f'din ir-reviżjoni, l-użu ta' teknika ta' kampjunament għall-investigazzjoni tal-issussidjar kien previst taħt l-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku.

(8) Żewġ produtturi esportaturi biss ippreżentaw ruħhom u pprovdew it-tagħrif mitlub għat-teħid ta' kampjuni. Għalhekk, l-użu ta' teknika ta' kampjunament ma tqiesx li kien hemm bżonnu.

(9) Madankollu, wieħed mill-produtturi esportaturi msemmija hawn fuq stqarr fit-tweġiba tiegħu għat-teħid tal-kampjuni li ma rċeviex benefiċċji taħt iż-żewġ skemi ta' sussidju allegatament mibdula (jiġifieri l-Iskema ta' Passbook għall-Intitolament tad-Dazju u l-Eżenzjoni mit-Taxxa fuq id-Dħul taħt it-Taqsima 80 HHC tal-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dħul) jew waqt il-perjodu ta' investigazzjoni li wassal għall-miżuri fis-seħħ jew il-PIR. Barra minn hekk, din il-kumpanija ma kkooperatx fl-investigazzjoni oriġinali, u ma kien hemm l-ebda bżonn identifikat biex tadatta l-miżura residwa applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha, inkluża din. B'hekk, il-kumpanija ma ssodisfatx id-dispożizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-ambitu tal-investigazzjoni ta' reviżjoni interim parzjali kif stabbilit fil-punt (4) tal-avviż ta' bidu u għalhekk ma setgħetx tipparteċipa f'din l-investigazzjoni ta' reviżjoni. Il-kumpanija meqjusa kienet informata b'dan.

(10) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-uniku produttur esportatur li kkoopera li kien eleġibbli għal din ir-reviżjoni (Ranbaxy Laboratories Ltd) u l-GTI. Waslu tweġibiet kemm mingħand dak il-produttur u kemm mill-GTI.

(11) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li qieset meħtieġ għad-determinazzjoni tal-issussidjar. Saru żjajjar ta' verifika fl-istabbilimenti tal-partijiet ikkonċernati li ġejjin:

(1) Il-Gvern tal-Indja

Il-Ministeru tal-Kummerċ, New Delhi.

(2) Produtturi esportaturi fl-Indja

Ranbaxy Laboratories Ltd., New Delhi.

VI. **Żvelar u kummenti dwar il-proċedura**

(12) Il-GTI u l-partijiet interessati l-oħrajn kienu infurmati bil-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li abbażi tagħhom kien hemm il-ħsieb li tiġi proposta l-emenda għar-rata applikabbli tad-dazju għall-uniku produttur Indjan li kkoopera u jittawlu l-miżuri eżistenti għall-kumpaniji l-oħrajn kollha li ma kkooperawx ma' din ir-reviżjoni interim parzjali. Huma ngħataw ukoll żmien raġonevoli biex jikkummentaw. Is-sottomissjonijiet u l-kummenti kollha tqiesu sew kif stabbilit hawn taħt.

B. **IL-PRODOTT KONĊERNAT**

(13) Il-prodott kopert minn din ir-reviżjoni huwa l-istess prodott bħal dak ikkonċernat mir-Regolament tal-Kunsill, (KE) Nru 713/2005, jiġifieri amoxicillin trihydrate, ampicillin trihydrate u cefalexin li ma tqegħdux f'dożi kkalkulati jew f'forom jew pakketti għal bejgħ bl-imnut li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi ex 2941 10 10, ex 2941 10 20 u ex 2941 90 00 u li joriġinaw mill-Indja.

C. **SUSSIDJI**

I. **Introduzzjoni**

(14) Abbażi tal-informazzjoni mibgħuta mill-GTI u l-uniku produttur esportatur li kkoopera u t-tweġibiet tal-kwestjonarju tal-Kummissjoni, l-iskemi li ġejjin, li allegatament jinvolvu l-għoti ta' sussidji, ġew investigati:

(a) L-Iskema ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem (li qabel kienet magħrufa bħala l-Iskema ta' Liċenzja bil-Quddiem);

(b) L-Iskema ta' Passbook għall-Intitolament tad-Dazju;

(ċ) L-Iskema tal-Oġġetti Kapitali għall-Promozzjoni tal-Esportazzjoni;

(d) L-Iskema ta' Suq Iffukat;

(e) L-Iskema tat-Taxxa fuq id-Dħul:

— L-Iskema ta' Eżenzjoni mit-Taxxa fuq id-Dħul għall-Esportazzjoni,

— Inċentiv tat-Taxxa fuq id-Dħul għar-Riċerka u l-Iżvilupp;

(f) L-Iskema ta' Kreditu għall-Esportazzjoni.

(15) L-iskemi (a) sa (d) speċifikati hawn fuq huma bbażati fuq l-Att dwar il-Kummerċ Barrani (Żvilupp u Regolamentazzjoni) tal-1992 (Nru 22 tal-1992) li daħal fis-seħħ fis-7 ta' Awwissu 1992 (l-"Att dwar il-Kummerċ Barrani"). L-Att dwar il-Kummerċ Barrani jawtorizza lill-GTI biex joħroġ notifiki dwar il-politika ta' esportazzjoni u importazzjoni. Dawn jinsabu miġbura fil-qosor fid-dokumenti "Politika ta' Esportazzjoni u Importazzjoni", li l-Ministeru tal-Kummerċ joħroġ kull ħames snin u jaġġorna regolarment. Dokument wieħed ta' Politika ta' Esportazzjoni u Importazzjoni huwa rilevanti għall-PIR ta' dan il-każ; jiġifieri l-pjan ta' ħames snin relatat mal-perjodu mill-1 ta' Settembru 2004 sal-31 ta' Marzu 2009 ("politika-EXIM 04-09"). Barra minn hekk, il-GTI jistipula l-proċeduri li jirregolaw il-politika EXIM 04-09 f'"Manwal ta' Proċeduri - mill-1 ta' Settembru 2004 sal-31 ta' Marzu 2009, Volum I" ("HOP I 04-09"). Il-Manwal ta' Proċedura jkun aġġornat ukoll fuq bażi regolari.

(16) L-Iskemi tat-Taxxa fuq id-Dħul speċifikati hawn fuq taħt (e) huma bbażati fuq l-Att tat-Taxxa fuq id-Dħul tal-1961, li tkun emendata kull sena mill-Att tal-Finanzi.

(17) L-Iskema ta' Kreditu għall-Esportazzjoni speċifikata taħt (f) hija bbażata fuq it-taqsimiet 21 u 35 A tal-Att tal-1949 dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Attività Bankarja, li tippermetti lill-Bank ta' Riserva tal-Indja ("BRI") jiddirieġi lill-banek kummerċjali fil-qasam tal-krediti għall-esportazzjoni.

(18) Taħt l-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni stiednet lill-GTI għal konsultazzjonijiet addizzjonali fir-rigward kemm ta' skemi mibdula u kemm ta' skemi li baqgħu l-istess bl-għan li tiġi ċċarata s-sitwazzjoni fattwali fir-rigward tal-iskemi allegati u li jaslu għal soluzzjoni li jaqblu magħha t-tnejn. Wara dawn il-konsultazzjonijiet, u fin-nuqqas ta' soluzzjoni maqbula mit-tnejn fir-rigward ta' dawn l-iskemi, il-Kummissjoni inkludiet dawn l-iskemi kollha fl-investigazzjoni tal-issussidjar.

## II. **Skemi Speċifiċi**

### 1. *Skema ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem ("AAS")*

#### (a) Bażi ġuridika

(19) Id-deskrizzjoni ddettaljata tal-iskema tinsab fil-paragrafi 4.1.1 sa 4.1.14 tal-politika EXIM 04-09 u l-kapitoli 4.1 sa 4.30 tal-HOP I 04-09. Din l-iskema kienet tissejjaħ Skema ta' Liċenzja bil-Quddiem matul l-investigazzjoni ta' reviżjoni preċedenti li wasslet għall-impożizzjoni mir-Regolament (KE) Nru 713/2005 tad-dazju kumpensatorju definittiv fis-seħħ bħalissa.

#### (b) Eliġibbiltà

(20) L-AAS tikkonsisti f'sitt sottoskemi, kif deskritt f'iktar dettall fil-premessa (23). Dawk is-sottoskemi jvarjaw fost l-oħrajn fl-ambitu tal-eliġibbiltà. Il-fabbrikanti-esportaturi u n-negozjanti-esportaturi "marbuta ma'" fabbrikanti sostenituri huma eliġibbli għall-AAS għall-esportazzjonijiet fiżiċi u għall-AAS għall-ħtieġa annwali. Il-fabbrikanti-esportaturi li jfornu lill-esportatur finali huma eliġibbli għall-AAS għall-provvisti intermedji. Il-kuntratturi ewlenin li jfornu lill-kategoriji "meqjusa bħala esportati" msemmija fil-paragrafu 8.2 tal-politika EXIM 04-09, bħall-fornituri ta' unità orjentata lejn l-esportazzjoni ("EOU"), huma eliġibbli għall-AAS għall-meqjusa bħala esportati. Eventwalment, il-fornituri intermedji għall-fabbrikanti-esportaturi huma eliġibbli għal benefiċċji "meqjusa bħala esportati" taħt is-sottoskemi Ordni għar-Rilaxx bil-Quddiem ("ARO") u ittra ta' kreditu interna wara l-oħra.

#### (c) Implimentazzjoni prattika

(21) Awtorizzazzjonijiet bil-quddiem jistgħu jinħarġu għal:

(i) *Esportazzjonijiet fiżiċi:* Din hija s-sottoskema ewlenija. Hija tippermetti l-importazzjoni bla dazju tal-materjali li jidħlu fil-produzzjoni tal-prodott speċifiku li jirriżulta għall-esportazzjoni. "Fiżiku" f'dan il-kuntest tfisser li l-prodott għall-esportazzjoni jrid iħalli t-territorju Indjan. Permess għall-importazzjoni u obbligu għall-esportazzjoni inkluż it-tip ta' prodott għall-esportazzjoni jkunu speċifikati fl-awtorizzazzjoni.

(ii) *Rekwiżit annwali:* Awtorizzazzjoni bħal din mhix marbuta ma' prodott għall-esportazzjoni speċifiku, imma ma' grupp usa' ta' prodotti (eż. prodotti kimiċi u dawk relatati). Id-detentur tal-awtorizzazzjoni jista' – sa ċertu limitu fil-valur stabbilit mill-esportazzjonijiet preċedenti – jimporta bla dazju dak kollu li jkun se jintuża fil-manifattura ta' kwalunkwe oġġett li jaqa' taħt dan il-grupp ta' prodotti. Huwa jkun jista' jagħżel li jesporta kwalunkwe prodott li jirriżulta li jidħol f'dan il-grupp ta' prodotti billi juża dan il-materjal eżentat mid-dazju.

(iii) *Provvisti intermedji:* Din is-sottoskema tkopri l-każijiet meta żewġ fabbrikanti jkun beħsiebhom jipproduċu prodott wieħed għall-esportazzjoni u jaqsmu l-proċess ta' produzzjoni. Il-fabbrikant-esportatur li jipproduċi l-prodott intermedju jista' jimporta bla dazju l-materjal li jidħol fil-prodott u jista' jikseb għal din il-fini l-AAS għall-provvisti intermedji. L-esportatur finali jwassal fit-tmiem il-produzzjoni u jkun obbligat li jesporta l-prodott mitmum.

(iv) *Meqjusa bħala esportati:* Din is-sottoskema tippermetti lill-kuntrattur ewlieni li jimporta bla dazju materjali li jidħlu fil-produzzjoni tal-oġġetti li se jinbigħu bħala "meqjusa bħala esportati" lill-kategoriji ta' klijenti msemmija fil-paragrafu 8.2.(b) sa (f), (g), (i) u (j) tal-politika-EXIM 04-09. Taħt il-GTI, oġġetti meqjusa bħala esportati jirriferu għal dawk it-tranżazzjonijiet fejn l-oġġetti fornuti ma jħallux il-pajjiż. Għadd ta' kategoriji ta' provvisti huma kkunsidrati meqjusa bħala esportazzjonijiet sakemm l-oġġetti jiġu ffabbrikati fl-Indja, eż. provvista ta' oġġetti lil EOU jew lil kumpanija li tkun tinsab f'żona ekonomika speċjali ("SEZ").

(v) *ARO:* Id-detentur tal-AAS li jkun beħsiebu li jġib il-materjal li jidħol fil-prodott minn sorsi indiġeni, minflok ma jimporta direttament, ikollu l-għażla li jġibhom kontra l-AROs. F'każijiet bħal dawn l-Awtorizzazzjonijiet bil-Quddiem ikunu vvalidati bħala AROs u jkunu endorsjati lill-fornitur indiġenu mal-kunsinna tal-oġġetti speċifikati fihom. L-endorsjar tal-ARO jintitola l-fornitur indiġenu għall-benefiċċji ta' dawk meqjusa bħala esportati kif stabbilit fil-paragrafu 8.3 tal-politika EXIM 04-09 (jiġifieri l-AAS għall-provvisti intermedji/meqjusa bħala esportati, ħlas lura ta' dazju mħallas fuq oġġetti meqjusa bħala esportati u rifużjoni ta' dazju tas-sisa finali). Il-mekkaniżmu tal-ARO jirrifondi taxxi u dazji lill-fornitur minflok ma jirrifondihom lill-esportatur finali fil-forma ta' ħlas lura/rifużjoni ta' dazji. Ir-rifużjoni ta' taxxi/dazji hija disponibbli għall-materjali li jidħlu fil-prodott kemm jekk ikunu indiġeni u kemm jekk ikunu importati.

(vi) *Ittra ta' kreditu interna wara l-oħra:* Din is-sottoskema għal darba oħra tkopri l-provvisti indiġeni lil detentur ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem. Id-detentur ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem jista' javviċina bank biex jiftaħ ittra ta' kreditu interna favur il-fornitur indiġenu. L-awtorizzazzjoni tithassar mill-bank għall-importazzjoni diretta, b'konnessjoni biss mal-valur u l-volum tal-oġġetti miġjuba minn sorsi indiġeni minflok ma jkunu importati. Il-fornitur indiġenu jkun intitolat għall-benefiċċji ta' dawk meqjusa bħala esportati kif stipulat fil-paragrafu 8.3 tal-politika EXIM 04-09 (jiġifieri AAS għall-provvisti intermedji/oġġetti meqjusa bħala esportati, ħlas lura ta' dazju mħallas fuq oġġetti meqjusa bħala esportati u rifużjoni ta' dazju tas-sisa finali).

Kien stabbilit li waqt il-PIR, l-esportatur li kkoopera kiseb biss konċessjonijiet taħt żewġ sottoskemi marbuta mal-prodott ikkonċernat, jiġifieri (i) AAS għall-esportazzjonijiet fiżiċi u (ii) AAS għall-provvisti intermedji. Għalhekk m'hemmx bżonn li jiġi stabbilit kumpens għas-sottoskemi mhux użati li jifdal.

(22) Wara l-impożizzjoni mir-Regolament (KE) Nru 713/2005 tad-dazju kumpensatorju definittiv fis-seħħ bħalissa, il-GTI mmodifika s-sistema ta' verifika applikabbli għall-AAS. F'termini konkreti, għal finijiet ta' verifika mill-awtoritajiet Indjani, id-detentur ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem huwa obbligat legalment li jżomm "rendikont veru u proprju tal-konsum u l-użu ta' oġġetti importati bla dazju/miksuba lokalment" f'format speċifikat (kapitoli 4.26, 4.30 u l-Appendiċi 23 HOP I 04-09), jiġifieri reġistru tal-konsum effettiv. Dan ir-reġistru għandu jkun ivverifikat minn kontabilist estern imqabbad/kontabilist tal-ispejjeż u x-xogħlijiet li joħroġ ċertifikat li jgħid li r-reġistri preskritti u r-rekords rilevanti ġew eżaminati u t-tagħrif fornut taħt l-Appendiċi 23 huwa minnu u korrett f'kull rigward. Madankollu, id-dispożizzjonijiet msemmija qabel japplikaw biss għal Awtorizzazzjonijiet bil-Quddiem maħruġa nhar it-13 ta' Mejju 2005 jew wara. Għall-Awtorizzazzjonijiet bil-Quddiem kollha jew għal-Liċenzji bil-Quddiem maħruġa qabel dik id-data, id-detenturi huma mitluba jsegwu d-dispożizzjonijiet ta' verifika applikabbli preċedentement, jiġifieri li jinżamm rendikont veru u proprju tal-konsum tal-liċenzji u użu ta' oġġetti importati fil-format speċifikat tal-Appendiċi 18 (kapitolu 4.30 u Appendiċi 18 HOP I 02-07).

(23) Fir-rigward tas-sottoskemi użati matul il-PIR mill-uniku produttur esportatur li kkoopera, jiġifieri esportazzjonijiet fiżiċi u provvisti intermedji, kemm il-kwota permessa għall-importazzjoni kif ukoll l-obbligu tal-esportazzjoni huma ffissati fil-volum u fil-valur mill-GTI u huma dokumentati fuq l-Awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, fil-waqt tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni, it-tranżazzjonijiet korrispondenti jridu jkunu dokumentati mill-uffiċjali tal-Gvern fuq l-Awtorizzazzjoni. Il-volum tal-importazzjonijiet permess taħt din l-iskema jkun iddeterminat mill-GTI fuq il-bażi tan-normi standard ta' dħul-ħruġ ("SIONs"). Is-SIONs jeżistu għall-biċċa l-kbira tal-prodotti inkluż il-prodott ikkonċernat u huma ppubblikati fil-HOP II 04-09. Wara l-impożizzjoni mir-Regolament (KE) Nru 713/2005 tad-dazju kumpensatorju definittiv fis-seħħ bħalissa, in-normi SION għall-prodott ikkonċernat kienu applikabbli biss sa Settembru 2005. Ħarġu normi ġodda f'Settembru 2006 (għal amoxicillin trihydrate) u f'April 2007 (għal ampicillin trihydrate u cefalexin). Sadattant, applikaw normi *ad hoc*.

(24) Il-materjali importati biex jidħlu fil-prodott mhumiex trasferibbli u jridu jintużaw biex jinħadem il-prodott għall-esportazzjoni li jirriżulta. L-obbligu tal-esportazzjoni jrid ikun sodisfatt fi żmien preskritt wara l-ħruġ tal-awtorizzazzjoni (24 xahar b'żewġ estensjonijiet possibbli ta' 6 xhur kull waħda).

(25) L-investigazzjoni tar-reviżjoni stabbiliet li l-materja prima kienet importata taħt awtorizzazzjonijiet/liċenzji differenti u normi SION differenti u mbagħad tħalltu u ġew inkorporati fiżikament fil-proċess ta' produzzjoni tal-istess oġġett esportat. Wara li tqies dan ta' hawn fuq, ma kienx possibbli li jiġi stabbilit jekk ir-rekwiżiti tan-normi SION, stipulati taħt awtorizzazzjonijiet/liċenzji speċifiċi, fir-rigward ta' materjali bla dazju li jidħlu fil-prodott jeċċedux il-materjal meħtieġ biex tiġi prodotta l-kwantità ta' referenza tal-prodott għall-esportazzjoni li jirriżulta.

(26) L-investigazzjoni tar-reviżjoni stabbiliet ukoll li r-rekwiżiti tal-verifika stipulati mill-awtoritajiet Indjani jew ma kinux onorati jew ma ġewx ittestjati fil-prattika. Għal-Liċenzji bil-Quddiem maħruġa qabel it-13 ta' Mejju 2005 r-reġistri tal-ħażna u l-konsum proprju meħtieġa (jiġifieri l-Appendiċi 18) ma kinux jeżistu. Għall-Awtorizzazzjonijiet bil-Quddiem maħruġa wara t-13 ta' Mejju 2005 r-reġistri tal-ħażna u l-konsum proprju neċessarji ntużaw imma l-GTI kien għadu ma vverifikax il-konformità ta' dawn ir-reġistri mar-rekwiżiti tal-politika EXIM. F'dan l-aħħar każ, ir-reġistri kienu vverifikati biss minn kontabilist estern mqabbad kif mitlub mil-leġiżlazzjoni

Indjana rilevanti msemmija fil-premessa (22). Madankollu, ma kien hemm l-ebda reġistri miżmuma la mill-kumpanija u lanqas mill-kontabilista mqabbad dwar kif seħħ dan il-proċess ta’ ċertifikazzjoni. Ma kien hemm l-ebda pjan ta’ verifika jew kwalunkwe materjal ta’ sostenn ieħor tal-verifika li saret, l-ebda tagħrif irreġistrat dwar il-metodoloġija użata u r-rekwiżit speċifiku meħtieġ għal xogħol skrupluż ta’ dan it-tip li jirrikjedi għarfien tekniku dettaljat dwar il-proċessi tal-produzzjoni, ir-rekwiżiti tal-politika EXIM u l-proċedura tal-kontabbiltà. Wara li tqieset din is-sitwazzjoni, huwa kkunsidrat li l-esportatur investigat ma kienx kapaċi juri li d-dispożizzjonijiet EXIM rilevanti kienu sodisfatti.

(d) Kummenti dwar l-iżvelar

(27) L-uniku produttur li kkoopera bagħat kummenti dwar l-AAS. Il-kumpanija sostniet li minkejja s-sitwazzjoni deskritta fil-premessa (24) kien possibbli li jiġi stabbilit jekk rekwiżiti ta’ normi SION stipulati taħt awtorizzazzjonijiet speċifiċi jeċċedux il-materjali meħtieġa biex tiġi prodotta kwantità ta’ referenza tal-prodott għall-esportazzjoni li jirriżulta u li l-kumpanija żammet reġistri tal-konsum proprju b’mod metikoluż ħafna. F’dan ir-rigward ta’ min jinnota li r-reġistri ta’ produzzjoni proprja kkonfermaw li ma kienx possibbli li jiġi stabbilit punt ta’ riferiment affidabbli għal kull awtorizzazzjoni mogħtija (jiġifieri materjali meħtieġa għall-produzzjoni tal-kwantità ta’ referenza) wara li jitqiesu d-diversi normi SION applikabbli u t-taħlita inkoerenti ta’ materja prima użata għall-produzzjoni. Barra minn hekk, instab li xi materji primi koperti mill-iskema ntużaw għal prodotti li mhumiex il-prodott ikkonċernat. B’hekk, kwalunkwe attentat ta’ kalkolu tar-riżultati tat-trendija għall-prodott fl-investigazzjoni jsiru virtwalment impossibbli. Barra minn hekk, bi ksur tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GTI, il-kumpanija ma żammitx ir-reġistru ta’ konsum mitlub mill-politika EXIM (jiġifieri l-Appendiċi 18) li l-għan tagħha hu li jinstab mod komprensibbli ta’ monitoraġġ u verifika ta’ konsum proprju. Il-kumpanija sostniet ukoll li l-Artikolu 26(1) tar-Regolament bażiku ma jagħtix is-setgħa lill-Kummissjoni li teżamina r-reġistri tal-kontabilista indipendenti mqabbad. Skont il-kumpanija, iċ-ċertifikat irid ikun aċċettat sakemm ma jkunx hemm raġunijiet biex jitwemmen li l-kontabilista mqabbad għamel ċertifikazzjoni falza. F’dan ir-rigward ta’ min ifakkar li l-proċess ta’ verifika li sar mill-kontabilista mqabbad u l-ħruġ taċ-ċertifikat rilevanti jifforma parti mis-sistema ta’ verifika introdotta mill-GTI fil-politika EXIM tagħha, kif deskritt fil-premessa (22). Il-Kummissjoni għalhekk kienet obbligata teżamina jekk is-sistema ta’ verifika msemmija qabel kinitx applikata b’mod effettiv. Barra minn hekk, b’konformità mal-Artikolu 11(8) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kellha teżamina t-tagħrif fornut matul l-investigazzjoni li l-konklużjonijiet huma bbażati fuqhom.

Il-fatt li la l-kumpanija u lanqas il-kontabilista imqabbad assenjat ma għandhom l-ebda reġistru dwar il-kontrolli li saru sabiex jinħareġ iċ-ċertifikat stipulat mill-politika EXIM juri li l-kumpanija ma kinitx f’pożizzjoni li tipprova li d-dispożizzjonijiet ta’ politika EXIM rilevanti ġew sodisfatti. Il-kumpanija ddisputat il-fatt li l-GTI għadu ma vverifikax il-konformità tar-reġistri tagħha mar-rekwiżiti tal-politika EXIM imma ma pprovdiet l-ebda evidenza konkreta dwar il-pretensjoni tagħha. Kien argumentat ukoll li l-konsum proprju tal-uniku produttur li kkoopera kien ogħla min-normi SION għal kull materjal li jidħol fil-prodott u li ma kien hemm l-ebda remissjoni eċċessiva tad-dazji. Madankollu, wara li tqieset is-sitwazzjoni reali li nstabet fuq il-post (jiġifieri taħlita ta’ materjali li jidħlu fil-prodott u prodotti ffabbrikati, l-użu ta’ normi SION differenti, in-nuqqas tar-reġistri tal-konsum proprji stipulati mill-politika EXIM) u sakemm jintlaħqu l-passi ta’ verifika finali neċessarji mill-GTI, kwalunkwe kalkolu fir-rigward tal-konsum proprju u remissjoni eċċessiva ta’ dazji konsegwenti għal kull awtorizzazzjoni/liċenzja u norma SION ma kienx fattibbli. Għalhekk, il-pretensjonijiet kollha msemmija hawn fuq kellhom jiġu miċħuda. Finalment, il-kumpanija pprovdiet kummenti dwar żball ta’ kalkolu li tqies li hu spjegabbli u kien rikonoxxut fil-kalkolu tal-ammont ta’ sussidju.

(e) Konklużjoni

(28) L-eżenzjoni mid-dazji ta’ importazzjoni hija sussidju fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a)(ii) u l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri kontribut finanzjarju tal-GTI li tagħti benefiċċju lill-esportatur investigat.

(29) Barra minn hekk, l-AAS għall-esportazzjoni fiżika u l-AAS għall-provvisti intermedji huma b’mod ċar assoċjati fil-liġi mal-mod kif tkun marret l-esportazzjoni, u għalhekk huma meqjusa li jkunu speċifiċi u jistgħu jiġu kumpensati taħt l-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament bażiku. Mingħajr impenn għall-esportazzjoni kumpanija ma tkunx tista’ tikseb benefiċċji taħt dawn l-iskemi.

(30) L-ebda waħda miż-żewġ sottoskemi użati fil-każ preżenti ma jistgħu jitqiesu bħala sistemi permissibbli ta’ ħlas lura ta’ dazju jew sistemi alternattivi għall-ħlas lura ta’ dazju fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Huma mhumiex konformi mar-regoli stipulati fl-Anness I partita (i), fl-Anness II (definizzjoni u regoli għall-ħlas lura ta’ dazju) u fl-Anness III (definizzjoni u regoli għal sistemi li jissostitwixxu l-ħlas lura ta’ dazju) tar-Regolament bażiku. Il-GTI ma applikax effettivament is-sistema jew il-proċedura ta’ verifika tiegħu biex jikkonferma jekk u f’liema ammonti l-materja għall-produzzjoni ġietx ikkunsmata fil-produzzjoni tal-prodott esportat (l-Anness II(II)(4) tar-Regolament bażiku u, fil-każ ta’ skemi alternattivi għall-ħlas lura ta’ dazju, l-Anness III(II)(2) tar-Regolament bażiku). Is-SIONs innifishom ma jistgħux jitqiesu sistema ta’ verifika tal-konsum proprju, peress li materjali bla dazju li jidħlu fil-prodott importati taħt awtorizzazzjonijiet/liċenzji b’rendita tas-SIONs differenti jitħalltu fl-istess proċess ta’ produzzjoni

għal oġġett ta' esportazzjoni. Dan it-tip ta' proċess ma jippermettix lill-GTI biex jivverifika bi preċiżjoni suffiċjenti liema ammonti ta' materjali li jidħlu fil-prodott kienu kkunsmati fil-produzzjoni tal-esportazzjoni u ma' liema punt ta' riferiment SION għandhom jitqabblu. Barra minn hekk, kontroll effettiv li jsir mill-GTI bbażat fuq ir-reġistru tal-konsum proprju miżmum b'mod korrett jew ma sarx jew għadu ma tlestiex. Iktar minn hekk, il-GTI m'għamilx eżami ulterjuri bbażat fuq il-materjali li jidħlu fil-prodott effettivament involuti, għalkemm dan normalment ikollu jsir fin-nuqqas ta' sistema ta' verifika applikata b'mod effettiv (l-Anness II(II)(5) u l-Anness III(II)(3) tar-Regolament bażiku). Fl-aħħar nett, l-involviment ta' kontabilisti mqabbda fil-proċess ta' verifika ma wassalx għal titjib fis-sistema ta' verifika peress li ma jeżistu l-ebda regoli dettaljati dwar kif il-kontabilisti mqabbda għandhom iwettqu l-ħidmiet fdati lilhom u t-tagħrif ippreżentat matul l-investigazzjoni mhuwiex biżżejjed biex jissodisfa r-regoli msemmija hawn fuq stipulati fir-Regolament bażiku.

(31) Dawn iż-żewġ sottoskemi għalhekk jistgħu jiġu kumpensati.

(f) Kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(32) Fin-nuqqas ta' sistemi ta' ħlas lura ta' dazju jew sistemi ta' sostituzzoni ta' ħlas lura permessi, il-benefiċċju li jista' jiġi kumpensat huwa r-remissjoni ta' dazji ta' importazzjoni totali normalment dovuti mal-importazzjoni tal-materjali li jidħlu fil-prodott. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li r-Regolament bażiku ma jipprovdix biss għall-kumpens għal remissjoni "tal-eċċess" tad-dazji. Taħt l-Artikolu 2(1)(a)(ii) u l-Anness I(i) tar-Regolament bażiku remissjoni tal-eċċess tad-dazji tista' tkun kumpensata, sakemm il-kundizzjonijiet tal-Annessi II u III tar-Regolament bażiku jkunu sodisfatti. Madankollu, dawn il-kundizzjonijiet ma kinux sodisfatti fil-każ preżenti. Għalhekk, jekk ikun stabbilit nuqqas ta' proċess ta' monitoraġġ adegwat, l-eċċezzjoni ta' hawn fuq għal skemi ta' ħlas lura mhix applikabbli u tapplika r-regola normali tal-kumpens għall-ammont ta' dazji mhux imħallsa (dħul maħfur), iktar milli kwalunkwe remissjoni ta' eċċess li sar. Kif stabbilit fl-Annessi II(II) u III(II) tar-Regolament bażiku, il-piż tal-kalkolu ta'remissjoni ta' eċċess bħal dan ma jaqax fuq l-awtorità investigattiva. Kuntrarjament, taħt l-Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku hija jkollha biss tistabbilixxi biżżejjed evidenza biex tirrifjuta l-adegwatezza ta' sistema ta' verifika allegata.

(33) L-ammont ta' sussidju għall-esportatur li uża l-AAS kien ikkalkulat abbażi ta' dazji ta' importazzjoni maħfura (dazju bażiku tad-dwana u dazju tad-dwana speċjali addizzjonali) fuq il-materjal importat taħt iż-żewġ sottoskemi użati għall-prodott ikkonċernat matul il-PIR (nominatur). Taħt l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku, id-drittijiet li neċessarjament riedu jitħallsu biex jinkiseb is-sussidju tnaqqsu mill-ammont ta' sussidju meta saru talbiet ġustifikati. Taħt l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju kien allokat fuq il-fatturat mill-esportazzjoni ġġenerat mill-prodott ikkonċernat matul il-PIR bħala denominatur xieraq, għaliex is-sussidju huwa assoċjat mal-mod kif tkun marret l-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet fabbrikati, prodotti, esportati jew ittrasportati.

(34) Ir-rata stabbilita tas-sussidju fir-rigward ta' din l-iskema matul il-PIR għall-uniku produttur li kkoopera jammonta għal 8,2 %.

2. *L-Iskema tal-Passbook għall-Intitolar tad-Dazji ("DEPBS")*

(a) Bażi ġuridika

(35) Id-deskrizzjoni dettaljata tad-DEPBS tinsab fil-paragrafu 4.3 tal-politika-EXIM 04-09 u fil-kapitolu 4 tal-HOP I 04-09.

(b) Eliġibbiltà

(36) Kwalunkwe fabbrikant-esportatur jew negozjant-esportatur huwa eliġibbli għal din l-iskema.

(ċ) Implimentazzjoni prattika tad-DEPBS

(37) Esportatur eliġibbli jista' japplika għall-krediti tad-DEPBS li jkunu kkalkulati bħala perċentwali tal-valur tal-prodotti esportati taħt din l-iskema. Dawn ir-rati tad-DEPBS kienu stabbiliti mill-awtoritajiet Indjani għall-biċċa l-kbira tal-prodotti, inkluż il-prodott ikkonċernat. Huma jkunu ddeterminati fuq il-bażi tas-SIONs, billi jkun kunsidrat il-kontenut preżunt importat ta' dak li ddaħħal fil-prodott għall-esportazzjoni u l-inċidenza tad-dazju doganali fuq din l-importazzjoni preżunta irrispettivament minn jekk id-dazji ta' importazzjoni kinux effettivament tħallsu jew le.

(38) Biex tkun eliġibbli għall-benefiċċji taħt din l-iskema, il-kumpanija trid tesporta. Fil-mument li tkun qed issir l-esportazzjoni, trid issir dikjarazzjoni mill-esportatur lill-awtoritajiet fl-Indja li tindika illi l-esportazzjoni qed issir taħt id-DEPBS. Sabiex l-oġġetti jkunu esportati, l-awtoritajiet doganali Indjani joħorġu, waqt il-proċedura tad-dispaċċ, il-polza tat-tagħbija tal-esportazzjoni. Dan id-dokument juri, fost l-oħrajn, l-ammont tal-kreditu tad-DEPBS li jrid jingħata għal dik it-tranżazzjoni ta' esportazzjoni. F'dan il-mument, l-esporatur ikun jaf il-benefiċċju li jkun se jirċievi. Ladarba l-awtoritajiet doganali joħorġu l-polza tat-tagħbija tal-esportazzjoni, il-GTI ma jkollu l-ebda diskrezzjoni dwar l-għoti tal-kreditu tad-DEPBS. Ir-rata tad-DEPBS rilevanti biex ikun ikkalkulat il-benefiċċju hija dik applikata fiż-żmien li ssir id-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni. Għalhekk, ma jkun hemm l-ebda possibbiltà li l-livell tal-benefiċċju jkun emendat b'mod retroattiv.

(39) Il-krediti tad-DEPBS huma trasferibbli liberament u validi għal perjodu ta' 12-il xahar mid-data ta' ħruġ. Dawn jistgħu jintużaw biex jitħallsu d-dazji doganali fuq importazzjonijiet sussegwenti ta' kwalunkwe oġġetti li jistgħu jkunu importati mingħajr ostakolu, ħlief l-oġġetti kapitali. L-oġġetti importati kontra dawn il-krediti jistgħu jinbiegħu fis-suq domestiku (suġġetti għat-taxxa fuq il-bejgħ) jew jintużaw mod ieħor.

(40) Applikazzjonijiet għal krediti DEPBS jiġu ffajljati u jistgħu jkopru ammont illimitat ta’ tranżazzjonijiet ta’ esportazzjoni. *De facto* ma jeżistu l-ebda skadenzi stretti biex wieħed japplika għall-krediti DEPBS. Is-sistema elettronika użata għall-ġestjoni ta’ DEPBS ma teskludix awtomatikament tranżazzjonijiet ta’ esportazzjoni li jaqbżu l-perjodi ta’ skadenza għas-sottomissjonijiet fil-kapitolu 4.47 HOP I 04-09. Barra minn hekk, kif stipulat b’mod ċar fil-kapitolu 9.3 HOP I 04-09 applikazzjonijiet li jaslu wara l-iskadenza taż-żmien għas-sottomissjoni jistgħu dejjem jiġu kkunsidrati bl-impożizzjoni ta’ ħlas minuri ta’ penalità (jiġifieri 10 % fuq l-intitolament).

(d) Kummenti dwar l-Iżvelar

(41) Mal-iżvelar l-uniku produttur li kkoopera bagħat kummenti dwar id-DEPBS. Il-kumpanija sostniet li l-benefiċċju DEPB m’għandux ikun kumpensat minħabba li ma tteħidx vantaġġ minnu għall-prodott ikkonċernat. Madankollu, il-kumpanija ma pprovdiet l-ebda argument li jista’ jiddisputa l-implimentazzjonijiet prattiċi tal-iskema kif espressa fil-premessi (37) sa (40). Il-kumpanija sostniet ukoll li l-ammont ta’ kreditu biss tal-esportazzjonijiet li saru matul il-PIR għandhom jintużaw għall-kalkolu tal-benefiċċju tad-dazju mogħti imma naqset milli tissustanzja għala l-metodoloġija tal-kalkolu użata kemm fl-investigazzjoni preżenti u kemm f’dik preċedenti li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri eżistenti mhumiex konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku. Għalhekk, dawk il-pretensjonijiet kellhom jiġu miċħuda. Finalment, il-kumpanija pprovdiet kummenti dwar żball ta’ kalkolu li tqies li hu spjegabbli u kien rikonoxxut fil-kalkolu tal-ammont ta’ sussidju.

(e) Konklużjonjiet dwar id-DEPBS

(42) Id-DEPBS jipprovdi s-sussidji fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a)(ii) u l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Kreditu DEPBS huwa kontribut finanzjarju mill-GTI, peress li l-kreditu se jintuża eventwalment biex ipaċi d-dazji ta’ importazzjoni, b’hekk jitnaqqas id-dħul mid-dazju tal-GTI li inkella jkun dovut. Barra minn hekk, il-kreditu DEPBS jagħti benefiċċju lill-esportatur, għaliex itejjeb il-likwidità tiegħu.

(43) Id-DEPBS huwa assoċjat fil-liġi mal-mod kif tkun marret l-esportazzjoni, u għalhekk huwa meqjus bħala speċifiku u jista’ jiġi kumpensat taħt l-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament bażiku.

(44) Din l-iskema ma tistax titqies bħala sistema ta’ ħlas lura ta’ dazju jew sistema li tissostitwixxi l-ħlas lura ta’ dazju permissibbli fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Hija mhix konformi mar-regoli stretti stipulati fl-Anness I partita (i), fl-Anness II (definizzjoni u regoli għall-ħlas lura ta’ dazju) u fl-Anness III (definizzjoni u regoli għal sistemi li jissostitwixxu l-ħlas lura ta’ dazju) tar-Regolament bażiku. L-esportatur m’għandu l-ebda obbligu li fil-fatt jikkonsma fil-proċess tal-produzzjoni l-oġġetti importati bla dazju u l-ammont tal-kreditu mhux ikkalkulat b’konnessjoni mal-oġġetti li fil-fatt intużaw. Barra minn hekk, m’hemm l-ebda sistema jew proċedura fis-seħħ biex tikkonferma liema materjali kienu kkunsmati fil-proċess tal-produzzjoni tal-prodott esportat jew jekk kienx sar ħlas żejjed ta’ dazji ta’ importazzjoni fl-ambitu tat-tifsira tal-partita (i) tal-Anness I u l-Annessi II u III tar-Regolament bażiku. Finalment, l-esportatur ikun eliġibbli għall-benefiċċji DEPBS irrispettivament minn jekk jimportax oġġetti biex jidħlu fil-prodott jew le. Sabiex jikseb il-benefiċċju, ikun biżżejjed għall-esportatur li sempliċiment jesporta l-oġġetti mingħajr ma juri li kien importat materjal biex jidħol fil-prodott. B’hekk, anke esportaturi li jakkwistaw lokalment dak kollu li jidħol fil-prodott u ma jimportaw l-ebda oġġett li jista’ jintuża fil-prodott jibqgħu intitolati li jibbenifikaw mid-DEPBS.

(f) Kalkolu tal-ammont ta’ sussidju

(45) Taħt l-Artikoli 2(2) u 5 tar-Regolament bażiku u l-metodoloġija ta’ kalkolu użata għal din l-iskema fir-Regolament (KE) Nru 713/2005, l-ammont ta’ sussidji kumpensatorji kien ikkalkulat fit-termini tal-benefiċċju li jingħata lil min jirċevih, li nstab li jeżisti matul il-PIR. F’dan ir-rigward, huwa kkunsidrat illi l-benefiċċju jingħata lil min jirċevih fil-mument meta t-tranżazzjoni tal-esportazzjoni ssir taħt din l-iskema. F’dan il-ħin, il-GTI ikun suġġett li jċedi id-dazji doganali, li jikkostitwixxi kontribut finanzjarju fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Ladarba l-awtoritajiet tad-dwana joħorġu polza tat-tagħbija tal-esportazzjoni li turi, fost l-oħrajn, l-ammont ta’ kreditu DEPBS li jrid jingħata għal dik it-tranżazzjoni tal-esportazzjoni, il-GTI m’għandu l-ebda diskrezzjoni dwar jingħatax jew le s-sussidju u m’għandha l-ebda diskrezzjoni dwar l-ammont ta’ sussidju. Kwalunkwe bidla fir-rati DEPBS bejn l-esportazzjoni proprja u l-ħruġ ta’ liċenzja DEPBS ma għandha l-ebda effett retroattiv fuq il-livell tal-benefiċċju mogħti. Barra minn hekk, l-uniku produttur esportatur li kkoopera bbukkja l-krediti DEPBS fuq bażi tad-dovuti bħala dħul fl-istadju ta’ tranżazzjoni tal-esportazzjoni.

(46) Meta saru talbiet ġustifikati, id-drittijiet li neċessarjament riedu jitħallsu biex jinkiseb is-sussidju tnaqqsu mill-krediti hekk stabbiliti, biex wieħed jasal għall-ammonti tas-sussidju bħala n-numeratur, taħt l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku. Taħt l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku dan l-ammont ta’ sussidju kien allokat fuq il-fatturat tal-esportazzjoni totali matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-reviżjoni bħala d-denominatur xieraq, għaliex is-sussidju huwa assoċjat mal-mod kif tkun marret l-esportazzjoni u ma ngħatax b’referenza għall-kwantitajiet fabbrikati, prodotti, esportati jew ittrasportati.

(47) Ir-rata ta’ sussidju stabbilita fir-rigward ta’ din l-iskema matul il-PIR għall-uniku produttur li kkoopera jammonta għal 2,1 %.

3. *Skema tal-Oġġetti Kapitali għall-Promozzjoni tal-Esportazzjoni ("EPCGS")*

(a) Bażi ġuridika

(48) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-EPCGS tinsab fil-kapitolu 5 tal-politika-EXIM 04-09 u fil-kapitolu 5 tal-HOP I 04-09.

(b) Eliġibbiltà

(49) Il-fabbrikanti-esportaturi, in-negozjanti-esportaturi "marbuta ma" fabbrikanti sekondarji u dawk li jipprovdu servizz huma eliġibli għal din l-iskema.

(ċ) Implimentazzjoni prattika

(50) Bil-kondizzjoni ta' obbligu ta' esportazzjoni, kumpanija titħalla timporta oġġetti kapitali (ġodda u - minn April 2003 - oġġetti kapitali diġà użati li għandhom inqas minn 10 snin) b'rata ta' dazju mnaqqsa. Għal dan il-għan il-GTI joħroġ liċenzja EPCGS mal-applikazzjoni u l-ħlas ta' dritt. Minn April 2000, l-iskema tipprovdi għal rata ta' dazju ta' importazzjoni mnaqqsa ta' 5 % applikabbli għall-oġġetti kapitali kollha importati taħt l-iskema. Sal-31 ta' Marzu 2000, kienet applikabbli rata ta' dazju effettiva ta' 11 % (inkluż ħlas ta' soprataxxa ta' 10 %) u, fil-każ ta' importazzjonijiet ta' valur għoli, kienet tapplika rata ta' dazju ta' żero. Sabiex ikun sodisfatt l-obbligu tal-esportazzjoni, l-oġġetti kapitali importati jridu jintużaw biex jipproduċu ċertu ammont ta' oġġetti għall-esportazzjoni matul ċertu perjodu.

(51) Id-detentur tal-liċenzja tal-EPCGS jista' wkoll iġib l-oġġetti kapitali minn pajjiżu stess. F'każ bħal dan, il-fabbrikant indiġenu ta' oġġetti kapitali jista' jieħu vantaġġ mill-benefiċċju għal importazzjoni ħielsa mid-dazju ta' komponenti meħtieġa għall-fabbrikazzjoni ta' oġġetti kapitali. Alternattivament, il-fabbrikant indiġenu jista' jiddikjara l-benefiċċju ta' meqjusa bħala esportati fir-rigward ta' provvista ta' oġġetti kapitali għal detentur tal-liċenzja EPCGS.

(d) Kummenti dwar l-iżvelar

(52) Mal-iżvelar l-uniku produttur li kkoopera bagħat kummenti dwar l-EPCGS. Il-kumpanija sostniet li fuq il-bażi tal-prinċipji ta' kontabbiltà ġeneralment aċċettati l-oġġetti kapitali jkunu kkunsmati fil-proċess ta' produzzjoni. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li l-kumpanija naqset milli tissustanzja din il-pretensjoni billi ssemmi espliċitament l-hekk imsejħa prinċipji ta' kontabbiltà ġeneralment aċċettabbli u milli tipprovdi analiżi b'relazzjoni mad-dispożizzjonijiet EPCGS rilevanti tal-politika EXIM kif ukoll bħala definizzjoni tal-materjali li jiġu kkunsmati fil-proċess ta' produzzjoni, kif stabbilit fl-Anness II tar-Regolament bażiku. Hija argumentat ukoll li l-perjodu ta' deprezzament tal-kumpanija kellu jintuża bħala l-perjodu ta' deprezzament normali. Madankollu, approċċ bħal dan imur kontra d-dispożizzjoni rilevanti tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, dawn il-pretensjonijiet kellhom jiġu miċħuda. Finalment, il-kumpanija pprovdiet kummenti dwar żball ta' kalkolu li tqies li hu spjegabbli u kien rikonoxxut fil-kalkolu tal-ammont ta' sussidju.

(e) Konklużjoni dwar l-Iskema tal-EPCG

(53) L-EPCGS jipprovdi s-sussidji fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a)(ii) u l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. It-tnaqqis fid-dazju jikkostitwixxi kontribut finanzjarju mill-GTI, billi din il-konċessjoni tnaqqas id-dħul mid-dazju tal-GTI, li kieku kien ikun dovut. Barra minn hekk, it-tnaqqis fid-dazju jagħti benefiċċju lill-esportatur, għaliex id-dazji ffrankati mal-importazzjoni jtejbu l-likwidità tiegħu.

(54) Iktar minn hekk, l-EPCGS hija assoċjata fil-liġi mal-mod kif tkun marret l-esportazzjoni, billi dawn il-liċenzji ma jistgħux jinkisbu mingħajr impenn ta' esportazzjoni. Għalhekk, titqies bħala speċifika u li tista' tiġi kumpensata taħt l-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament bażiku.

(55) Eventwalment, din l-iskema ma tistax titqies bħala sistema ta' ħlas lura ta' dazju jew sistema li tissostitwixxi l-ħlas lura ta' dazju permissibbli fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. L-oġġetti kapitali mhumiex koperti mill-ambitu ta' applikazzjoni ta' sistemi permissibbli bħal dawn, kif stabbilit fl-Anness I, partita (i), tar-Regolament bażiku, għaliex ma jiġux ikkunsmati fil-produzzjoni tal-prodotti esportati.

(f) Kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(56) L-ammont ta' sussidju kien ikkalkulat, taħt l-Artikolu 7(3) tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tad-dazju doganali li ma tħallasx fuq l-oġġetti kapitali importati mifrux fuq perjodu li jirrefletti l-perjodu normali ta' deprezzament ta' dawn l-oġġetti kapitali fl-industrija tal-antibijotiċi. Skont il-prassi stabbilita, l-ammont ikkalkulat hekk, li huwa attribwibbli għall-PIR, kien aġġustat billi ngħaddu miegħu l-interessi ta' matul dan il-perjodu sabiex jirrifletti l-valur tal-benefiċċju tul iż-żmien. Ir-rata ta' interess kummerċjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni fl-Indja tqieset bħala xierqa għal din il-fini. Fejn saru pretensjonijiet ġustifikati, id-drittijiet li neċessarjament riedu jitħallsu biex jinkiseb is-sussidju tnaqqsu taħt l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku minn din is-somma biex wieħed jasal għall-ammont ta' sussidju bħala numeratur. Taħt l-Artikolu 7(2) u 7(3) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju kien allokat fuq il-fatturat għall-esportazzjoni matul il-PIR bħala d-denominatur xieraq, għax is-sussidju huwa assoċjat mal-mod kif tkun marret l-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet fabbrikati, prodotti, esportati jew ittrasportati.

(57) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema matul il-PIR għall-uniku produttur li kkoopera jammonta għal 0,1 %.

4. *Skema tal-Kreditu għall-Esportazzjoni ("ECS")*

(a) Bażi ġuridika

(58) Id-dettalji ta' l-iskema huma stipulati fiċ-Ċirkulari Prinċipali DBOD Nru DIR.(Exp).BC 01/04.02.02/2007-08 tal-Bank tar-Riserva tal-Indja ("RBI"), li huma indirizzati lill-banek kummerċjali kollha fl-Indja.

(b) Eliġibbiltà

(59) Il-fabbrikanti esportaturi u n-negozjanti esportaturi huma eliġibbli għal din l-iskema.

(c) Implimentazzjoni prattika

(60) Taħt din l-iskema, l-RBI jiffissa b'mod obbligatorju l-limiti massimi ta' rati ta' interess applikabbli għall-krediti għall-esportazzjoni, kemm fir-Rupee Indjan u kemm f'muniti barranin, li l-banek kummerċjali jistgħu jiċċarġjaw lill-esportatur. L-ECS tikkonsisti f'żewġ sottoskemi, l-Iskema ta' Kreditu għall-Esportazzjoni qabel l-Oġġetti Jintbagħtu Barra ("kreditu għall-ippakkjar"), li tkopri krediti pprovduti lill-esportatur biex jiffinanzja x-xiri, l-ipproċessar, il-fabbrikazzjoni, l-ippakkjar u/jew it-trasport tal-oġġetti qabel ikunu esportati, u l-Iskema ta' Kreditu għall-Esportazzjoni wara li l-Oġġetti Jintbagħtu Barra, li tistipula għal self ta' kapital għall-ħidma bil-fini li jiġu iffinanzjati l-ammonti riċevibbli tal-esportatazzjoni. L-RBI jordna wkoll lill-banek biex jipprovdu ċertu ammont mill-kreditu bankarju nett tagħhom għall-finanzjament tal-esportazzjoni.

(61) Bħala riżultat taċ-Ċirkulari Prinċipali RBI, l-esportaturi jistgħu jiksbu krediti għall-esportazzjoni b'rati ta' interess preferenzjali meta mqabbla mar-rati ta' interess għall-kreditu kummerċjali ordinarji ("kreditu f'kontanti"), li huma ffissati purament taħt il-kondizzjonijet tas-suq. Id-differenzi fir-rati jistgħu jonqsu għall-kumpaniji bi klassifikazzjonijiet ta' kreditu tajbin. Fil-fatt, kumpaniji bi klassifikazzjoni għolja jistgħu jkunu f'pożizzjoni li jiksbu krediti ta' esportazzjoni u krediti f'kontanti bl-istess kundizzjonijiet.

(d) Kummenti dwar l-iżvelar

(62) Mal-iżvelar l-uniku produttur li kkoopera bagħat kummenti dwar l-ECS. Il-kumpanija argumentat li (i) m'hemm l-ebda finanzjament pubbliku fl-għoti ta' kreditu ta' esportazzjoni f'munita barranija, (ii) ir-rati baxxi tagħha għall-kreditu ta' esportazzjoni f'munita barranija kien dovut għall-klassifikazzjoni bi kreditu għoli tal-kumpanija u (iii) ir-rata ta' interess użata bħala punt ta' riferiment għall-kreditu f'munita barranija ma għandux ikun l-istess bħal dak użat għall-kreditu bir-rupee Indjan. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li kemm il-kreditu ta' esportazzjoni bir-rupee Indjan u kemm dak f'munita barranija jagħmlu parti mill-istess Ċirkulari Prinċipali RBI, bl-implimentazzjonijiet prattiċi deskritti fil-premessi (60) u (61), li d-dispożizzjonijiet dettaljati u restrittivi tagħha juru li l-finanzjament u r-rati ta' interess intaxxati għal kreditu għall-esportazzjoni f'munita barranija huma marbuta b'mod ċar ma' direttivi imposti mill-gvern. Fir-rigward tar-rata tal-punt ta' riferiment, ta' min jinnota li dan kien irrappurtat mill-kumpanija fuq il-kreditu f'rupees Indjani u, b'konformità mal-politiki rilevanti taċ-Ċirkulari Prinċipali RBI, l-esportaturi għandhom il-kapaċità li jgħaddu liberament bħala l-istess tranżazzjoni ta' esportazzjoni minn kreditu f'rupees għal kreditu f'munita barranija. Għalhekk tqies xieraq li tintuża bħala punt ta' riferiment l-unika rata rrapportata mill-kumpanija bħala r-rata ta' interess Indjana normali. Għalhekk, dawk il-pretensjonijiet kellhom jiġu miċħuda. Finalment, il-kumpanija pprovdiet kummenti dwar żball ta' kalkolu li tqies li hu spjegabbli u kien rikonoxxut fil-kalkolu tal-ammont ta' sussidju.

(e) Konklużjoni dwar l-ECS

(63) Ir-rati ta' interess preferenzjali ta' kreditu ECS stabbiliti miċ-Ċirkulari Prinċipali RBI msemmi fil-premessa (58) jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż tal-interessi ta' esportatur kif imqabbla mal-ispejjeż ta' kreditu stabbiliti purament mill-kundizzjonijiet tas-suq u jikkonferixxu f'dan il-każ benefiċċju fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku fuq esportatur bħal dan. Il-finanzjament ta' esportazzjoni mhuwiex *per se* iktar sikur mill-finanzjament domestiku. Fil-fatt, normalment jitqies bħala iktar riskjuż u l-ammont ta' sikurezza meħtieġa għal ċertu kreditu, irrispettivament mill-oġġett finanzjarju, hija purament deċiżjoni kummerċjali ta' bank kummerċjali partikolari. Differenzi fir-rati fir-rigward ta' banek differenti huma r-riżultat tal-metodoloġija tal-RBI biex jiffissa rati massimi ta' self għal kull bank kummerċjali individwalment. Barra minn hekk, banek kummerċjali ma jkunux obbligati li jgħaddu lis-selliefa ta' finanzjament ta' esportazzjoni rati ta' interess iktar vantaġġjużi għal krediti ta' esportazzjoni f'munita barranija.

(64) Minkejja l-fatt li l-krediti preferenzjali taħt l-ECS jingħataw mill-banek kummerċjali, dan il-benefiċċju huwa kontribut finanzjarju mill-gvern fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li la l-Artikolu 2(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku u lanqas l-ASCM ma jirrikjedu ħlas fuq il-kontijiet pubbliċi, eż. rimborż lill-banek kummerċjali mill-GTI, biex jiġi stabbilit sussidju, imma biss direzzjoni mill-gvern biex jitwettqu funzjonijiet illustrati fil-punti (i), (ii) jew (iii) tal-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament bażiku. L-RBI huwa istituzzjoni pubblika u li taqa' għalhekk taħt id-definizzjoni ta' "gvern" kif stabbilit fl-Artikolu 1(3) tar-Regolament bażiku. Huwa 100 % proprjetà tal-gvern, għandu għanijiet ta' politika pubblika, eż. politika monetarja, u t-tmexxija tiegħu hija appuntata mill-GTI. L-RBI jiddierieġi l-entitajiet privati, fl-ambitu tat-tifsira tat-tieni inċiż tal-Artikolu 2(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku, peress li l-banek kummerċjali huma marbuta bil-kundizzjonijiet li huwa jimponi, fost l-oħrajn, fir-rigward tal-limiti massimi għar-rati ta' interess

fuq krediti ta' esportazzjoni imposti fiċ-Ċirkulari Prinċipali RBI u d-dispożizzjonijiet RBI li l-banek kummerċjali għandhom jipprovdu ċertu ammont tal-kreditu bankarju nett lejn il-finanzjament tal-esportazzjoni. Din id-direzzjoni tobbliga lill-banek kummerċjali jwettqu funzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku, f'dan il-każ self fil-forma ta' finanzjament ta' esportazzjoni preferenzjali. Trasferiment dirett ta' fondi bħal dan fil-forma ta' self b'ċerti kundizzjonijiet normalment jaqa' f'idejn il-gvern, u l-prassi ma tvarja bl-ebda mod reali mill-prassi li normalment isegwu l-gvernijiet fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku. Dan is-sussidju jitqies li hu speċifiku u jista' jiġi kumpensat peress li r-rati ta' interess preferenzjali huma disponibbli biss f'relazzjoni mal-finanzjament ta' tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni u għalhekk huma marbuta ma' kif tkun marret l-esportazzjoni, taħt l-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament bażiku.

(f) Kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(65) L-ammont ta' sussidju kien ikkalkulat fuq il-bażi tad-differenza bejn l-interessi mħallsa fuq il-krediti għall-esportazzjoni użat matul il-PIR u r-rata ta' interessi li kieku kienet tkun trid titħallas għal krediti kummerċjali ordinarji użati mill-uniku produttur esportatur li kkoopera. Dan l-ammont ta' sussidju (nominatur) kien allokat fuq il-fatturat totali mill-esportazzjoni matul il-PIR bħala d-denominatur xieraq taħt l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, għax is-sussidju huwa assoċjat mal-mod kif tkun marret l-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet fabbrikati, prodotti esportati jew ittrasportati.

(66) Ir-rata stabbilita tas-sussidju fir-rigward ta' din l-iskema għall-PIR għall-uniku produttur esportatur li kkoopera jammonta għal 1,3 %.

5. *Skemi tat-Taxxa fuq id-Dħul*

(a) Skema ta' Eżenzjoni tat-Taxxa fuq id-Dħul ("ITES")

*It-Taqsima 80HHC tal-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dħul tal-1961 ("ITA")*

(67) B'din l-iskema l-esportaturi jistgħu jieħdu vantaġġ mill-benefiċċju ta' eżenzjoni parzjali mit-taxxa fuq id-dħul fuq il-profitti li ġejjin mill-bejgħ b'esportazzjoni. Il-bażi ġuridika għal din l-eżenzjoni kienet stabbilita fit-Taqsima 80 HHC tal-ITA.

(68) Din id-dispożizzjoni kienet tħassret għas-sena ta' stima 2005-2006 (jiġifieri għas-sena finanzjarja mill-1 ta' April 2004 sal-31 ta' Marzu 2005) 'il quddiem u għalhekk 80HHC tal-ITA ma jikkonferixxi l-ebda benefiċċji wara l-31 ta' Marzu 2004. L-uniku produttur esportatur li kkoopera ma ħa vantaġġ mill-ebda benefiċċji taħt din l-iskema matul il-PIR. Għaldaqstant, peress li l-iskema kienet irtirata, hija m'għandhiex għalhekk tiġi kumpensata, taħt l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku.

(b) Inċentiv tat-Taxxa fuq id-Dħul għar-Riċerka u l-Iżvilupp ("ITIRAD")

(i) *Bażi ġuridika*

(69) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-ITIRAD hija stabbilita fit-taqsima 35(2AB) tal-ITA.

(ii) *Eliġibbiltà*

(70) Il-kumpaniji involuti fin-negozju tal-bijoteknoloġija jew tal-fabbrikazzjoni jew il-produzzjoni tad-drogi, farmaċewtiċi, kimiċi, tagħmir elettroniku, kompjuters, tagħmir ta' telekomunikazzjoni, kimiċi jew kwalunkwe artikolu jew ħaġa oħra kif jista' jkun nnotifikat huma eliġibbli għall-benefiċċji taħt din l-iskema.

(iii) *Implimentazzjoni prattika*

(71) Għal kwalunkwe nfiq (ħlief l-ispiża tal-art jew tal-bini) fuq riċerka interna u faċilitajiet ta' żvilupp kif approvati mid-Dipartiment tar-Riċerka Xjentifika u Industrijali tal-GTI, jista' jsir tnaqqis ta' somma ta' daqs 150 % tal-ispejjeż *de facto* mġarrba għal finijiet tat-taxxa fuq id-dħul. B'hekk, permezz ta' tnaqqis ta' 50 % tal-ispejjeż fittizji (jiġifieri spejjeż mhux effettivament imġarrba), il-bażi tat-taxxa fuq id-dħul u sussegwentement il-piż tat-taxxa fuq id-dħul jonqsu b'mod artifiċjali.

(iv) *Kummenti dwar l-iżvelar*

(72) Ma ntbagħtu l-ebda kummenti dwar l-ITIRAD wara l-iżvelar.

(v) *Konklużjoni dwar l-ITIRAD*

(73) L-ITIRAD jipprovdi s-sussidji fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a)(ii) u l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. It-tnaqqis artifiċjali tal-bażi tat-taxxa fuq id-dħul skont it-taqsima 35(2AB) tal-ITA jikkostitwixxi kontribut finanzjarju mill-GTI, billi dan inaqqas id-dħul tal-GTI mit-taxxa fuq id-dħul, li kieku kien ikun dovut. Barra minn hekk, it-tnaqqis fit-taxxa fuq id-dħul jagħti benefiċċju lill-kumpanija, għax itejjeb il-likwidità tagħha.

(74) L-għażla tal-kliem tat-taqsima 35(2AB) ITA tipprova li l-ITIRAD huwa *de jure* speċifiku fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament bażiku u għalhekk jista' jiġi kumpensat. L-eliġibbiltà għal din l-iskema mhix iggvernata minn kriterji oġġettivi, li huma newtrali fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament bażiku. Il-benefiċċji minn din l-iskema huma disponiibbli biss għal ċerti industriji peress li l-GTI m'għamilx din l-iskema disponibbli għas-setturi kollha. Limitazzjoni bħal din tikkostitwixxi speċifiċità, peress li l-kategorija "grupp ta' industriji" fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku tiddeskrivi sinonimament restrizzjonijiet tas-settur. Din ir-restrizzjoni mhix ekonomika fin-natura u orizzontali fl-applikazzjoni bħal restrizzjoni fuq l-għadd ta' impjegati jew id-daqs tal-intrapriża.

(vi) *Kalkolu tal-ammont ta' sussidju*

(75) L-ammont ta' sussidju kien ikkalkulat fuq il-bażi tad-differenza bejn it-taxxa fuq id-dħul dovuta għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni bl-applikazzjoni tad-dispożizzjoni ta-taqsima 35(2AB) tal-ITA jew mingħajrha. Dan l-ammont ta' sussidju (nominatur) kien allokat fuq il-fatturat totali matul il-PIR bħala d-denominatur xieraq taħt l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, għax is-sussidju huwa relatat mal-bejgħ kollu, domestiku u esportat, u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet fabbrikati, prodotti, esportati jew ittrasportati.

(76) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema matul il-PIR għall-uniku produttur esportatur li kkoopera jammonta għal 0,1 %.

6. *Skema ta' Fokus fuq is-Suq ("FMS")*

(a) Bażi ġuridika

(77) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-FMS tinsab fil-kapitolu 3.9 tal-politika-EXIM 04-09 u fil-kapitolu 3.20 tal-HOP I 04-09.

(b) Eliġibbiltà

(78) Kwalunkwe fabbrikant-esportatur jew negozjant-esportatur huwa eliġibbli għal din l-iskema.

(c) Implimentazzjoni prattika

(79) Taħt din l-iskema l-esportazzjonijiet tal-prodotti kollha lejn pajjiżi notifikati taħt l-Appendiċi-37-C ta' HOP I 04-09 huma intitolati għal ekwivalenti ta' kreditu fuq id-dazju ta' 2,5 % tal-valur FOB tal-prodotti esportati taħt din l-iskema. Ċertu tip ta' attivitajiet ta' esportazzjoni huma esklużi mill-iskema, eż. esportazzjonijiet ta' oġġetti importati jew oġġetti mibgħuta, oġġetti meqjusa bħala esportati, esportazzjonijiet ta' servizzi u fatturat tal-esportazzjoni ta' unitajiet li joperaw taħt żoni ekonomiċi speċjali/unitajiet li joperaw fl-esportazzjoni. Esklużi wkoll mill-iskema huma ċerti tipi ta' prodotti, eż. djamanti, metalli prezzjużi, minerali, ċereali, zokkor u prodotti taż-żejt.

(80) Il-krediti tad-dazju taħt l-FMS huma trasferibbli liberament u validi għal perjodu ta' 24 xahar mid-data ta' ħruġ taċ-ċertifikat ta' intitolament tal-kreditu rilevanti. Dawn jistgħu jintużaw biex jitħallsu d-dazji doganali fuq importazzjonijiet sussegwenti ta' kwalunkwe oġġetti li jidħlu fil-prodott jew oġġetti, inklużi oġġetti kapitali.

(81) Iċ-ċertifikat ta' intitolament ta' kreditu jinħareġ mill-port minn fejn saru l-esportazzjonijiet u wara r-realizzazzjoni tal-esportazzjonijiet jew li jintbagħtu l-oġġetti. Sakemm l-applikant jipprovdi lill-awtoritajiet kopji tad-dokumentazzjoni tal-esportazzjoni rilevanti kollha (eż. ordni ta' esportazzjoni, fatturi, poloz tat-tagħbija, ċertifikati ta' realizzazzjoni mill-bank), il-GTI ma għandu l-ebda diskrezzjoni fuq l-għoti tal-krediti tad-dazju.

(d) Kummenti dwar l-iżvelar

(82) Mal-iżvelar l-uniku produttur li kkoopera bagħat kummenti dwar l-FMS. Il-kumpanija argumentat li l-iskema hija relatata ġeografikament ma' pajjiżi oħrajn u ma tistax tkun kumpensata mill-KE. Madankollu, ma kinitx kapaċi tiddisputa la l-implimentazzjoniet prattiċi tal-iskema u lanqas il-mod kif jintuża l-benefiċċju tal-FMS, kif intqal fil-premessi (79) sa (81). Għalhekk, din il-pretensjoni kellha tiġi miċħuda. Finalment, il-kumpanija pprovdiet kummenti dwar żball ta' kalkolu li tqies li hu spjegabbli u kien rikonoxxut fil-kalkolu tal-ammont ta' sussidju.

(e) Konklużjoni dwar l-FMS

(83) L-FMS jipprovdi s-sussidji fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a)(ii) u l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Kreditu ta' dazju tal-FMS huwa kontribut finanzjarju mill-GTI, billi l-kreditu se jintuża eventwalment biex ipaċi d-dazji ta' importazzjoni, b'hekk jitnaqqas id-dħul mid-dazju tal-GTI li inkella kien ikun dovut. Barra minn hekk, il-kreditu tad-dazju tal-FMS jagħti benefiċċju lill-esportatur, għaliex itejjeb il-likwidità tiegħu.

(84) Iktar minn hekk, l-FMS huwa assoċjat fil-liġi mal-mod kif tkun marret l-esportazzjoni, u għalhekk huwa meqjus bħala speċifiku u jista' jiġi kumpensat taħt l-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament bażiku.

(85) Din l-iskema ma tistax titqies bħala sistema ta' ħlas lura ta' dazju jew sistema li tissostitwixxi l-ħlas lura ta' dazju permissibbli fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Hija mhix konformi mar-regoli stretti stipulati fl-Anness I partita (i), fl-Anness II (definizzjoni u regoli għall-ħlas lura ta' dazju) u fl-Anness III (definizzjoni u regoli għal sistemi li jissostitwixxu l-ħlas lura ta' dazju) tar-Regolament bażiku. L-esportatur m'għandu l-ebda obbligu li fil-fatt jikkonsma fil-proċess tal-produzzjoni l-oġġetti importati bla dazju u l-ammont tal-kreditu mhux ikkalkulat b'konnessjoni mal-oġġetti li fil-fatt intużaw. M'hemm l-ebda sistema jew proċedura fis-seħħ biex tikkonferma liema materjali kienu kkunsmati fil-proċess tal-produzzjoni tal-prodott esportat jew jekk kienx sar ħlas żejjed ta' dazji ta' importazzjoni fl-ambitu tat-tifsira tal-partita (i) tal-Anness I u l-Annessi II u III tar-Regolament bażiku. Esportatur ikun eliġibbli għall-benefiċċji tal-FMS mingħajr ma jingħata kas jekk fil-fatt jimportax oġġetti biex jidħlu fil-prodott jew le. Sabiex jikseb il-benefiċċju, ikun biżżejjed għall-esportatur li sempliċiment jesporta l-oġġetti mingħajr ma juri li kien importat materjal biex jidħol fil-prodott. B'hekk, anke esportaturi li jakkwistaw lokalment dak kollu li jidħol fil-prodott u ma jimportaw l-ebda oġġett li jista' jintuża fil-prodott jibqgħu intitolati li jibbenifikaw mill-FMS. Barra minn hekk, esportatur jista' juża l-krediti tad-dazju FMS sabiex jimporta oġġetti kapitali għalkemm l-oġġetti kapitali mhumiex koperti mill-ambitu ta' dawn is-sistemi permissibbli ta' ħlas lura ta' dazju, kif stabbilit fl-Anness I, partita (i), tar-Regolament bażiku, għaliex huma ma jiġux ikkunsmati fil-produzzjoni tal-prodotti esportati.

(f) Kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(86) L-ammont ta' sussidji li jistgħu jiġu kumpensati kien ikkalkulat f'termini tal-benefiċċju li jingħata min jirċevih, li jinstab li jeżisti matul il-PIR kif prenotat mill-produttur esportatur li kkoopera fuq bażi ta' żieda bħala dħul fl-istadju ta' tranżazzjoni tal-esportazzjoni. Taħt l-Artikolu 7(2) u 7(3) tar-Regolament bażiku dan l-ammont ta' sussidju (nominatur) kien allokat fuq il-fatturat għall-esportazzjoni matul il-PIR bħala d-denominatur xieraq, għax is-sussidju huwa assoċjat mal-mod kif tkun marret l-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet fabbrikati, prodotti, esportati jew ittrasportati.

(87) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema matul il-PIR għall-uniku produttur esportatur li kkoopera jammonta għal 0,1 %.

III. **Ammont ta' sussidji li jistgħu jiġu kumpensati**

(88) Ta' min ifakkar li fir-Regolament (KE) Nru 713/2005 l-ammont ta' sussidji li jista' jiġi kumpensat, espress *ad valorem*, instab li kien 35,1 % għall-uniku produttur esportatur li kkoopera mar-reviżjoni interim parzjali preżenti.

(89) Matul ir-reviżjoni interim parzjali preżenti l-ammont ta' sussidji kumpensatorji, espressi *ad valorem*, instab li kien 11,9 %, kif imniżżel hawn taħt:

| SKEMA / KUMPANIJA | AAS | DEPBS | EPCGS | ECS | ITIRAD | FMS | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | % | % | % | % | % | % | % |
| Ranbaxy Laboratories Ltd. | 8,2 | 2,1 | 0,1 | 1,3 | 0,1 | 0,1 | 11,9 |

(90) Wara li tqies dan ta' hawn fuq il-konklużjoni kienet li l-livell ta' sussidju fir-rigward tal-uniku produttur esportatur li kkoopera naqas.

IV. **Miżuri kumpensatorji**

(91) Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-bażijiet ta' din ir-reviżjoni interim parzjali mniżżla fil-punt 3 tal-avviż ta' bidu, huwa stabbilit li l-livell ta' sussidjar fir-rigward tal-uniku produttur li kkoopera naqas minn 35,1 % għal 11,9 % u, għalhekk, ir-rata ta' dazju kumpensatorju, impost fuq dan il-produttur esportatur mir-Regolament (KE) Nru 713/2005 jrid jiġi emendat kif meħtieġ.

(92) F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li taħt ir-Regolament (KE) Nru 713/2005 r-rata ta' sussidju ta' Ranbaxy Laboratories Ltd. kienet ogħla mil-livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara. Taħt l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, id-dazju iktar baxx li jirrifletti l-livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara tqies adegwat biex titneħħa l-ħsara lill-industrija Komunitarja u għalhekk ir-rata ta' dazju kumpensatorju applikabbli għall-importazzjonijiet minn Ranbaxy Laboratories Ltd. kien iffissat għal 30,3 %.

(93) Wara li tqies dan ta' hawn fuq u peress li r-rata ta' sussidji issa hija iktar baxxa mil-livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara, ir-rata ta' dazju kumpensatorju tal-kumpanija individwali applikabbli għall-uniku produttur esportatur li kkoopera, Ranbaxy Laboratories Ltd., huwa ffissat għal 11,9 %.

(94) Fir-rigward tal-kumpaniji l-oħra kollha li ma kkooperawx mar-reviżjoni interim parzjali preżenti, ta' min jinnota li l-modalitajiet tal-iskemi investigati u kemm jistgħu jkunu kumpensati ma nbidlux fir-rigward tal-investigazzjoni preċedenti. B'hekk m'hemm l-ebda mod biex jerġgħu jiġu kkalkulati s-sussidju u r-rati ta' dazju tal-kumpaniji li ma kkooperawx mar-reviżjoni interim parzjali preżenti. Għaldaqstant, ir-rati tad-dazju applikabbli għall-partijiet l-oħrajn kollha ħlief Ranbaxy Laboratories Ltd imsemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 713/2005 jibqgħu l-istess.

(95) Ir-rati tad-dazju kumpensatorju ta' kumpanija individwali speċifikati f'dan ir-Regolament jirriflettu s-sitwazzjoni misjuba waqt ir-reviżjoni interim parzjali. B'hekk, huma applikabbli biss għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat prodott minn dawn il-kumpaniji. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fabbrikat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikatament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet konnessi ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenifikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu suġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(96) Kull talba għall-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju kumpensatorju individwali (eż. wara bidla fl-isem tal-entità jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda għall-produzzjoni jew għall-bejgħ) għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni [1] minnufih bl-informazzjoni kollha rilevanti, b'mod partikolari kwalunkwe modifika fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta mal-produzzjoni, bejgħ domestiku jew għall-esportazzjoni, assoċjati, pereżempju, ma' dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet għall-produzzjoni jew għall-bejgħ. Jekk ikun xieraq, u wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, il-Kummissjoni hija b'dan mogħtija s-setgħa li temenda r-Regolament għal dik ir-raġuni billi taġġorna l-lista tal-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati ta' dazju individwali,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 713/2005 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Ir-rata ta' dazju applikabbli għall-prezz nett liberu fuq il-fruntiera tal-Komunità, qabel id-dazju fuq l-importazzjonijiet prodotti fl-Indja mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandha tkun kif ġej:

— 17,3 % għal KDL Biotech Ltd., Mumbai (kodiċi addizzjonali TARIC: A580),

— 28,1 % għal Nectar Lifesciences Ltd., Chandigarh (kodiċi addizzjonali TARIC: A581),

— 25,3 % għal Nestor Pharmaceuticals Ltd., New Delhi (kodiċi addizzjonali TARIC: A582),

— 11,9 % għal Ranbaxy Laboratories Ltd., New Delhi (kodiċi addizzjonali TARIC: 8221),

— 28,1 % għal Torrent Gujarat Biotech Ltd., Ahmedabad (kodiċi addizzjonali TARIC: A583),

— 28,1 % għal Surya Pharmaceuticals Ltd., Chandigarh (kodiċi addizzjonali TARIC: A584),

— 32 % għall-kumpaniji l-oħra kollha (kodiċi addizzjoniali TARIC: 8900)."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. ALLIOT-MARIE

---

[1] European Commission – Directorate General for Trade – Directorate B – J-79 4/23 – Rue de la Loi/Wetstraat 200 – B-1049 Brussels.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1177/2008

## tat-28 ta' Novembru 2008

## li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-29 ta' Novembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 25,7 |
| | MA | 54,0 |
| | TR | 71,8 |
| | ZZ | 50,5 |
| 0707 00 05 | EG | 188,1 |
| | JO | 167,2 |
| | MA | 58,1 |
| | TR | 83,7 |
| | ZZ | 124,3 |
| 0709 90 70 | MA | 64,8 |
| | TR | 122,0 |
| | ZZ | 93,4 |
| 0805 20 10 | MA | 66,8 |
| | TR | 65,0 |
| | ZZ | 65,9 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 54,3 |
| | HR | 24,9 |
| | IL | 75,4 |
| | TR | 69,2 |
| | ZZ | 56,0 |
| 0805 50 10 | MA | 64,0 |
| | TR | 71,5 |
| | ZA | 117,7 |
| | ZZ | 84,4 |
| 0808 10 80 | CA | 88,7 |
| | CL | 67,1 |
| | CN | 54,0 |
| | MK | 32,9 |
| | US | 102,5 |
| | ZA | 112,2 |
| | ZZ | 76,2 |
| 0808 20 50 | CN | 32,1 |
| | TR | 103,0 |
| | ZZ | 67,6 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1178/2008

## tat-28 ta' Novembru 2008

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għall-medda qasira ta' żmien u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1503/2006 u (KE) Nru 657/2007 fir-rigward ta' addattamenti wara r-reviżjoni tal-klassifikazzjonijiet statistiċi NACE u CPA

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 tad-19 ta' Mejju 1998 li jikkonċerna l-istatistika għall-medda qasira ta' żmien ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(b), (e) u (j) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1165/98 jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni ta' statistika Komunitarja għall-medda qasira ta' żmien dwar iċ-ċiklu tal-kummerċ.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1503/2006 tat-28 ta' Settembru 2006 li jimplimenta u jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għall-medda qasira ta' żmien fir-rigward tad-definizzjoni tal-varjabbli, il-lista tal-varjabbli u l-frekwenza tal-kompilazzjoni tad-dejta ([2]), ipprovda definizzjonijiet metodoloġiċi ta' varjabbli użati fl-istatistika għall-medda qasira ta' żmien.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 657/2007 tal-14 ta' Ġunju 2007, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 dwar l-istatistika għall-medda qasira ta' żmien fir-rigward tat-twaqqif ta' skemi kampjun Ewropej ([3]), speċifika r-regoli u l-kundizzjonijiet fir-rigward tat-trasmissjoni ta' dejta mill-Istati Membri li jieħdu sehem fl-iskemi kampjun għall-istatistika għall-medda qasira ta' żmien.

(4) Jeħtieġ li tiġi aġġornata l-lista tal-varjabbli, il-livelli ta' analiżi u aggregazzjoni li jridu jiġu applikati għal ċerti varjabbli u r-regoli u l-kundizzjonijiet għall-iskemi kampjun Ewropej wara l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006, li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti KE dwar setturi statistiċi speċifiċi ([4]), u r-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008, li jistabbilixxi klassifikazzjoni statistika ġdida ta' prodotti skond l-attività (CPA) u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3696/93 ([5]).

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emenda għar-Regolament (KE) Nru 1165/98**

L-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 1165/98 huwa emendat skond l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Emenda għar-Regolament (KE) Nru 1503/2006**

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1503/2006 huwa emendat skond l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Emenda għaar-Regolament (KE) Nru 657/2007**

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 657/2007 jinbidel bl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

([1]) ĠU L 162, 5.6.1998, p. 1.
([2]) ĠU L 281, 12.10.2006, p. 15.
([3]) ĠU L 155, 15.6.2007, p. 7.
([4]) ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.
([5]) ĠU L 145, 4.6.2008, p. 65.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Joaquín ALMUNIA
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

L-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 1165/98 huwa emendat kif ġej:

1. Taħt l-intestatura (c) Lista ta' varjabbli, il-paragrafi 10 u 11 jinbidlu b'dan li ġej:

"10. It-tagħrif dwar il-prezzijiet ta' produzzjoni u l-prezzijiet ta' importazzjoni (Nri 310, 311, 312 u 340) mhux meħtieġ għall-gruppi jew għall-kategoriji li ġejjin tan-NACE Rev. 2 rispettivament is-CPA: 07.21, 24.46, 25.4, 30.1, 30.3, 30.4 u 38.3. Barra minn hekk, it-tagħrif dwar prezzijiet ta' importazzjoni (Nru 340) mhux meħtieġ għad-diviżjonijiet 09, 18, 3 u 36 tas-CPA. Il-lista ta' attivitajiet mhux meħtieġa tista' tkun reveduta skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.

11. Il-varjabbli fuq prezzijiet ta' importazzjoni (Nru 340) huwa kkalkulat fuq il-bażi ta' prodotti tas-CPA. L-unitajiet tat-tip ta' attività ta' importazzjoni jistgħu jkunu klassifikati barra l-attivitajiet tat-Taqsimiet B sa D tan-NACE Rev. 2.".

2. It-test taħt l-intestatura (f) Livell ta' dettall huwa emendat kif ġej:

2.1. il-paragrafu 7 jinbidel b'dan li ġej:

"7. Il-varjabbli tal-prezz ta' importazzjoni (Nru 340) għandu jiġi trasmess għat-total tal-prodotti industrijali, it-Taqsimiet minn B sa D tas-CPA u l-MIGs iddefiniti skond ir-Regolament (KE) N°586/2001 kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 656/2007 mill-gruppi ta' prodotti tas-CPA. Dan il-varjabbli ma għandux għalfejn ikun trasmess minn dawk l-Istati Membri li m'addottawx l-ewro bħala l-munita tagħhom."

2.2. il-paragrafi 9 u 10 jinbidlu b'dan li ġej:

"9. Il-varjabbli fuq is-swieq mhux domestiċi (Nri 122, 132 u 312) għandhom ikunu trasmessi skond id-distinzjoni bejn żona tal-ewro u żona mhux tal-ewro. Id-distinzjoni għandha tiġi applikata għat-total tal-industrija definit bħala t-Taqsimiet B sa E tan-NACE Rev. 2, il-MIGs, il-livell ta' Taqsima (ittra waħda), u ta' Diviżjoni b'żewġ ċifri tan-NACE Rev. 2. L-informazzjoni dwar in-NACE Rev. 2 D u E mhix meħtieġa għall-varjabbli 122. Barra minn hekk, il-varjabbli tal-prezz ta' importazzjoni (Nru 340) għandu jiġi trasmess skond id-distinzjoni bejn żona tal-ewro u żona mhux tal-ewro. Id-distinzjoni għandha tkun applikata għat-total tal-industrija ddefinit bħala t-Taqsimiet minn B sa D tas-CPA, il-MIGs, il-livell ta' Taqsima (ittra waħda) u ta' Diviżjoni b'żewġ ċifri tas-CPA. Għad-distinzjoni bejn iż-żona tal-ewro u żona mhux tal-ewro, il-Kummissjoni tista' tiddetermina, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18, il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' skemi kampjun Ewropej kif imfisser fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2). L-iskema kampjun Ewropea tista' tillimita l-ambitu ta' applikazzjoni tal-varjabbli tal-prezz ta' importazzjoni għall-importazzjoni ta' prodotti minn pajjiżi li mhumiex fiż-żona tal-ewro. Id-distinzjoni bejn żona tal-ewro u żona mhux tal-ewro għall-varjabbli 122, 132, 312 u 340 ma għandhiex għalfejn tkun trasmessa minn dawk l-Istati Membri li m'addottawx l-ewro bħala l-munita tagħhom.

10. Dawk l-Istati Membri li l-valur miżjud tagħhom fit-Taqsimiet B, C, D u E tan-NACE Rev. 2 (rispettivament fit-Taqsimiet B, C u D tas-CPA għall-prezzijiet ta' importazzjoni) f'sena ta' bażi partikolari jirrappreżenta inqas minn 1 % tat-total tal-Komunità Ewropea jridu jittrasmettu biss id-dejta għat-total tal-industrija, il-MIGs, u l-livell ta' Taqsima tan-NACE Rev. 2, jew il-livell ta' Taqsima tas-CPA."

*ANNESS II*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1503/2006 huwa emendat kif ġej:

Taħt l-intestatura "Varjabbli: Prezzijiet ta' importazzjoni 340", it-tielet inċiż tar-raba' paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"— il-kopertura tal-prodott hija limitata għall-prodotti CPA B, C u D. Is-servizzi marbuta huma esklużi."

*ANNESS III*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 657/2007 jinbidel b’dan li ġej:

*“ANNESS*

**132 ORDNIJIET ĠODDA MHUX DOMESTIĊI**

| Stat Membru | L-ambitu tad-dejta fl-iskema kampjuni Ewropea (NACE Rev. 2) |
|---|---|
| Il-Belġju | 13, 14, 17, 20, 21, 24, 25, 26, 27, 29 |
| L-Irlanda | 14, 20, 21, 26, 27 |
| Ċipru | 20, 21 |
| Malta | 26 |
| L-Olanda | 17, 20, 21, 25, 26, 28 |
| Il-Finlandja | 17, 20, 21, 24, 26, 27, 28 |

**312 IL-PREZZIJIET TA’ PRODUZZJONI TAS-SUQ MHUX DOMESTIKU**

| Stat Membru | L-ambitu tad-dejta fl-iskema kampjuni Ewropea (NACE Rev. 2) |
|---|---|
| Il-Belġju | 08, 10, 11, 12, 13, 14, 17, 18, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 29, 31, 32, 35 |
| L-Irlanda | 05, 07, 08, 10, 11, 18, 20, 21, 26 |
| Ċipru | 10, 11, 20, 21, 26 |
| Malta | 12, 14, 26 |
| Il-Finlandja | 05, 07, 08, 16, 17, 19, 24, 26, 28 |
| Is-Slovenja | 14, 16, 22, 25, 31 |

**340 PREZZIJIET TA’ IMPORTAZZJONI**

| Stat Membru | L-ambitu tad-data fl-iskema ta’ kampjuni Ewropea (CPA) |
|---|---|
| Il-Belġju | 08.99, 10.32, 10.51, 12.00, 13.10, 15.12, 16.10, 19.20, 20.13, 20.14, 20.16, 20.59, 21.10, 21.20, 22.11, 22.19, 23.12, 23.14, 23.19, 23.70, 24.10, 25.73, 28.11, 28.24, 28.41, 28.92, 29.10, 29.32, 30.91, 31.00, 31.09, 32.50 |
| L-Irlanda | 10.13, 10.82, 17.21, 17.22, 17.29, 20.42, 25.11, 26.11, 26.20, 26.30, 28.23, 32.50 |
| Ċipru | 19.20 |
| L-Lussemburgu | 26.20 |
| Malta | 12.00 |
| L-Awstrija | 16.10, 23.13, 25.11, 25.94, 26.20, 26.30, 28.11, 28.92, 35.11 |
| Il-Portugall | 05.10, 06.10 |
| Il-Finlandja | 07.29, 16.10, 22.21, 23.20, 24.10, 26.30, 28.22, 31.09, 35.11 |
| Is-Slovenja | 24.10” |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1179/2008

## tat-28 ta’ Novembru 2008

## li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta’ ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/55/KE dwar l-għajnuna reċiproka għall-irkupru ta’ talbiet rigward ċerti imposti, dazji, taxxi u miżuri oħra

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2008/55/KE tas-26 ta’ Mejju 2008 dwar l-għajnuna reċiproka għall-irkupru ta’ talbiet li jirriżultaw minn ħidmiet li jiffurmaw parti mis-sistema li tiffinanzja l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija, u ta’ imposti agrikoli u dazji doganali ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 22 tagħha,

Billi:

(1) Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta’ ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/55/KE ġew stabbiliti fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/94/KE ([2]). Madankollu, l-esperjenza wriet li, Direttiva, minħabba n-natura legali tagħha, mhix l-aktar strument legali effiċjenti sabiex jintlaħaq b’mod sħiħ il-fini ta’ proċedura uniformi għal għajnuna reċiproka. Għalhekk, huwa xieraq li dik id-Direttiva tiġi sostitwita b’Regolament.

(2) Sabiex ikun iffaċilitat l-iskambju ta’ l-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta’ l-Istati Membri, it-talbiet kollha għal għajnuna u d-dokumenti u l-informazzjoni kollha ta’ akkumpanjament, sakemm ikun possibbli, għandhom jiġu kkomunikati b’mezzi elettroniċi.

(3) Sabiex ikun żgurat li jiġu trażmessi dejta u informazzjoni xierqa, għandhom jiġu stabbiliti mudelli ta’ formoli għal talbiet għal għajnuna reċiproka fost l-awtoritajiet nazzjonali ta’ l-Istati Membri. Għandu jkun possibbli li l-istruttura u l-arranġament tal-formoli elettroniċi jiġu aġġornati mingħajr ma jiġu emendati l-mudelli sabiex dawk il-formoli jiġu adattati għar-rekwiżiti u għall-possibbiltajiet tas-sistema ta’ komunikazzjoni elettronika, sakemm it-talbiet jinkludu l-ġabra ta’ dejta u ta’ informazzjoni meħtieġa.

(4) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista’ tevalwa l-effett u l-effiċjenza tal-proċeduri stabbiliti fid-Direttiva 2008/55/KE fuq bażi regolari, huwa xieraq li tiġi stabbilita ċerta informazzjoni li l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kull sena.

(5) Il-miżuri pprovduti f’dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Irkupru,

([1]) ĠU L 150, 10.6.2008, p. 28.
([2]) ĠU L 337, 13.12.2002, p. 41.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

### ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta’ l-Artikolu 4(2) u (4), l-Artikolu 5(2) u (3), l-Artikolu 7, l-Artikolu 8, l-Artikolu 9, l-Artikolu 11, l-Artikolu 12(1) u (2), l-Artikolu 14, l-Artikolu 18(3) u l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2008/55/KE.

Jistabbilixxi wkoll ir-regoli dettaljati dwar il-konverżjoni, it-trasferiment tas-somom irkuprati, l-iffissar ta’ ammont minimu għal talbiet li jistgħu jagħtu lok għal talba għal għajnuna, kif ukoll il-mezzi li permezz tagħhom jistgħu jiġu trażmessi l-komunikazzjonijiet bejn l-awtoritajiet.

*Artikolu 2*

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) trażmissjoni “b’mezzi elettroniċi” tfisser trażmissjoni fejn jintuża tagħmir elettroniku għall-ipproċessar, inkluża l-kompressjoni diġitali, tad-dejta u l-użu ta’ wajers, trażmissjoni bir-radju, teknoloġiji ottiċi jew mezzi elettromanjetiċi oħrajn

(2) “netwerk CCN/CSI” tfisser il-pjattaforma komuni bbażata fuq in-Netwerk ta’ Komunikazzjoni Komuni (CCN) u l-Interface tas-Sistema Komuni (CSI), li ġiet żviluppata mill-Komunità sabiex ikunu żgurati t-trażmissjonijiet kollha b’mezzi elettroniċi bejn l-awtoritajiet kompetenti fiż-żona tad-Dwana u tat-Tassazzjoni.

KAPITOLU II

### IT-TALBIET GĦAL INFORMAZZJONI

*Artikolu 3*

It-talba għal informazzjoni li tissemma fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/55/KE għandha tinkludi l-ġabra ta’ dejta u ta’ informazzjoni inkluża fil-mudell tal-formola stabbilit fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Fejn talba simili ġiet indirizzata lil kwalunkwe awtorità oħra, l-awtorità applikanti għandha tindika isem dik l-awtorità fit-talba għall-informazzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

It-talba għall-informazzjoni tista' tkun relatata ma' kwalunkwe persuna minn dawn li ġejjin:

(1) id-debitur;

(2) kwalunkwe persuna responsabbli għall-ħlas tat-talba skond il-liġi fis-seħħ fl-Istat Membru fejn tinsab l-awtorità applikanti (minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ "l-Istat Membru ta' l-awtorità applikanti");

(3) kwalunkwe parti terza li jkollha assi li jappartjenu lil waħda mill-persuni li jissemmew fil-punt (1) jew (2).

*Artikolu 5*

1. L-awtorità mitluba għandha tirrikonoxxi li rċeviet it-talba għall-informazzjoni mill-aktar fis possibbli u, ikun xi jkun il-każ, fi żmien sebat ijiem minn meta tkun irċevietha.

2. Immedjatament malli tirċievi t-talba, l-awtorità mitluba għandha, fejn ikun xieraq, titlob lill-awtorità applikanti sabiex tipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa. L-awtorità applikanti għandha tipprovdi l-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa li normalment ikollha aċċess għaliha.

*Artikolu 6*

1. L-awtorità mitluba għandha titrażmetti kull punt ta' l-informazzjoni mitluba lill-awtorità applikanti kif u meta jinkiseb.

2. Fejn l-informazzjoni mitluba kollha jew parti minnha ma tistax tinkiseb f'perjodu raġonevoli ta' żmien, wara li jitqies il-każ partikolari, l-awtorità mitluba għandha tinforma b'dan lill-awtorità applikanti, fejn tindika r-raġunijiet għal dan.

Ikun xi jkun il-każ, fi tmiem sitt xhur mid-data tar-rikonoxximent li ġiet riċevuta t-talba, l-awtorità mitluba għandha tinforma lill-awtorità applikanti bir-riżultat ta' l-investigazzjonijiet li tkun wettqet sabiex tikseb l-informazzjoni mitluba.

Fid-dawl ta' l-informazzjoni li ġiet riċevuta mill-awtorità mitluba, l-awtorità applikanti tista' titlob lil ta' l-aħħar biex tkompli l-investigazzjoni tagħha. Dik it-talba għandha ssir fi żmien xahrejn minn meta tiġi riċevuta n-notifika tar-riżultat ta' l-investigazzjonijiet imwettqa mill-awtorità mitluba, u għandha tkun ittrattata mill-awtorità mitluba skond id-dispożizzjonijiet li japplikaw għat-talba inizjali.

*Artikolu 7*

Jekk l-awtorità mitluba tiddeċiedi li ma tissodisfax it-talba għall-informazzjoni, għandha tinnotifika lill-awtorità applikanti bir-raġunijiet għar-rifjut li tissodisfa t-talba, fejn tispeċifika d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/55/KE li fuqhom qed tistrieħ. Tali notifika għandha tingħata mill-awtorità mitluba hekk kif tieħu d-deċiżjoni tagħha u, ikun xi jkun il-każ, fi żmien tliet xhur mid-data tar-rikonoxximent li rċeviet it-talba.

*Artikolu 8*

L-awtorità applikanti tista' tirtira t-talba għall-informazzjoni li tkun bagħtet lill-awtorità mitluba f'kull ħin. Id-deċiżjoni ta' rtirar għandha tkun trażmessa lill-awtorità mitluba.

KAPITOLU III

**IT-TALBIET GĦAL NOTIFIKA**

*Artikolu 9*

It-talba għal notifika msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/55/KE għandha tinkludi l-ġabra ta' dejta u ta' informazzjoni inkluża fil-mudell tal-formola stabbilit fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

L-oriġinal jew kopja ċċertifikata ta' l-istrument jew tad-deċiżjoni, li ntalbet in-notifika tiegħu, għandu jkun mehmuż mat-talba.

*Artikolu 10*

It-talba għan-notifika tista' tkun relatata ma' kwalunkwe persuna naturali jew legali li, skond il-liġi fis-seħħ fl-Istat Membru ta' l-awtorità applikanti, ikun meħtieġ li tiġi informata bi kwalunkwe strument jew deċiżjoni li tikkonċerna lil dik il-persuna.

Sakemm dan ma jkunx indikat fl-istrument jew fid-deċiżjoni li ntalbet in-notifika tiegħu, it-talba għan-notifika għandha tirreferi għar-regoli fis-seħħ fl-Istat Membru ta' l-awtorità applikant li jirregolaw il-proċedura għall-kontestazzjoni tat-talba jew għall-irkupru tagħha.

*Artikolu 11*

1. L-awtorità mitluba għandha tirrikonoxxi li rċeviet it-talba għan-notifika mill-aktar fis possibbli u, ikun xi jkun il-każ, fi żmien sebat ijiem minn meta tirċeviha.

Immedjatament malli tirċievi t-talba għan-notifika, l-awtorità mitluba għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tagħmel in-notifika skond il-liġi fis-seħħ fl-Istat Membru fejn tinsab.

Jekk ikun meħtieġ, mingħajr ma tkun kompromessa d-data finali għan-notifika indikata fit-talba għan-notifika, l-awtorità mitluba għandha titlob lill-awtorità applikanti biex tipprovdi informazzjoni addizzjonali.

L-awtorità applikanti għandha tipprovdi l-informazzjoni addizzjonali kollha li normalment ikollha aċċess għaliha.

2. L-awtorità mitluba għandha tinforma lill-awtorità applikanti bid-data tan-notifika hekk kif din issir, billi tiċċertifika n-notifika fil-forma tat-talba li tiġi rritornata lill-awtorità applikanti.

KAPITOLU IV

## IT-TALBIET GĦAL IRKUPRU JEW GĦAL MIŻURI PREKAWZJONARJI

### *Artikolu 12*

1. It-talbiet għal irkupru jew għal miżuri prekawzjonarji li jissemmew fl-Artikoli 6 u 13 rispettivament tad-Direttiva 2008/55/KE għandhom jinkludu l-ġabra ta' dejta u ta' informazzjoni inkluża fil-mudell tal-formola stabbilit fl-Anness III għal dan ir-Regolament.

Tali talbiet għandhom jinkludu dikjarazzjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2008/55/KE biex jingħata bidu għall-proċedura ta' għajnuna reċiproka ġew sodisfatti.

2. L-oriġinal jew kopja ċċertifikata ta' l-istrument li jippermetti infurzar għandu jakkumpanja t-talba għall-irkupru jew għall-miżuri prekawzjonarji. Strument wieħed jista' jinħareġ fir-rigward ta' diversi talbiet fejn jikkonċernaw lill-istess persuna.

Għall-finijiet ta' l-Artikoli 13 sa 20 ta' dan ir-Regolament, it-talbiet kollha koperti mill-istess strument li jippermetti l-infurzar għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu talba waħda.

### *Artikolu 13*

It-talbiet għall-irkupru jew għall-miżuri prekawzjonarji jistgħu jkunu relatati ma kwalunkwe persuna li tissemma fl-Artikolu 4.

### *Artikolu 14*

1. Jekk il-munita ta' l-Istat Membru ta' l-awtorità mitluba tkun differenti mill-munita ta' l-Istat Membru ta' l-awtorità applikanti, l-awtorità applikanti għandha tesprimi l-ammont tat-talba li għandu jiġi rkuprat fiż-żewġ muniti.

2. Ir-rata tal-kambju li għandha tintuża għall-finijiet tal-paragrafu 1 għandha tkun l-aktar rata tal-bejgħ reċenti rreġistrata fuq is-suq tal-kambju l-aktar rappreżentattiv jew fuq is-swieq tal-kambju l-aktar rappreżentattivi ta' l-Istat Membru ta' l-awtorità applikanti fid-data meta tintbagħat it-talba għall-irkupru.

### *Artikolu 15*

1. Mill-aktar fis possibbli u, ikun xi jkun il-każ, fi żmien sebat ijiem minn meta tirċievi t-talba għall-irkupru jew għall-miżuri prekawzjonarji, l-awtorità mitluba għandha:

(a) tirrikonoxxi li rċeviet it-talba;

(b) titlob lill-awtorità applikanti biex timla t-talba jekk ma jkunx fiha l-informazzjoni jew partikolaritajiet oħra li tissemma fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2008/55/KE.

2. Jekk l-awtorità mitluba ma tieħux l-azzjoni meħtieġa fi żmien il-perjodu ta' tliet xhur stabbilit fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/55/KE, mill-aktar fis possibbli u, ikun xi jkun il-każ, fi żmien sebat ijiem mill-iskadenza ta' dak il-perjodu, għandha tinforma lill-awtorità applikanti bir-raġunijiet għaliex naqset milli tkun konformi mal-limitu ta' żmien.

### *Artikolu 16*

Fejn, fi żmien raġonevoli meta jitqies il-każ partikolari, it-talba kollha jew parti minnha ma tistax tiġi rkuprata jew ma jistgħux jittieħdu miżuri prekawzjonarji, l-awtorità mitluba għandha tinforma b'dan lill-awtorità applikanti, fejn tindika r-raġunijiet għal dan.

Mhux aktar tard minn tmiem kull perjodu ta' sitt xhur wara d-data ta' rikonoxximent li ġiet riċevuta t-talba, l-awtorità mitluba għandha tinforma lill-awtorità applikanti bl-istat ta' progress jew bir-riżultat tal-proċedura għall-irkupru jew għall-miżuri prekawzjonarji.

Fid-dawl ta' l-informazzjoni riċevuta mill-awtorità mitluba, l-awtorità applikanti tista' titlob li din ta' l-aħħar biex terġa' tagħti bidu għall-proċedura għall-irkupru jew għall-miżuri prekawzjonarji. Dik it-talba għandha ssir fi żmien xahrejn minn meta tiġi riċevuta n-notifika tar-riżultat ta' dik il-proċedura u għandha tkun ittrattata mill-awtorità mitluba skond id-dispożizzjonijiet li japplikaw għat-talba inizjali.

### *Artikolu 17*

1. Kwalunkwe azzjoni li tikkontesta t-talba jew l-istrument li jippermetti li tiġi infurzata li tittieħed fl-Istat Membru ta' l-awtorità applikanti għandha tiġi nnotifikata lill-awtorità mitluba mill-awtorità applikanti immedjatament wara li din ta' l-aħħar tkun ġiet informata b'tali azzjoni.

2. Jekk il-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki amministrattivi fis-seħħ fl-Istat Membru ta' l-awtorità mitluba ma jippermettux miżuri prekawzjonarji jew l-irkupru mitluba skond it-tieni sottoparagrafu ta' l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2008/55/KE, l-awtorità mitluba għandha tinnotifika lill-awtorità b'dan mill-aktar fis possibbli u, ikun xi jkun il-każ, fi żmien xahar minn meta tiġi riċevuta n-notifika li tissemma fil-paragrafu 1.

3. Kwalunkwe azzjoni li tittieħed fl-Istat Membru ta' l-awtorità mitluba għar-rimbors tas-somom irkuprati jew għall-kumpens b'relazzjoni għall-irkupru tat-talbiet ikkontestati skond it-tieni sottoparagrafu ta' l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2008/55/KE għandha tiġi nnotifikata lill-awtorità applikanti mill-awtorità mitluba immedjatament wara li din ta' l-aħħar tkun ġiet informata b'tali azzjoni.

L-awtorità mitluba għandha, sakemm ikun possibbli, tinvolvi lill-awtorità applikanti fil-proċeduri sabiex jitħallsu l-ammont li għandu jiġi rrimborsat u l-kumpens dovut. Fuq talba raġunata mingħand l-awtorità mitluba, l-awtorità applikanti għandha titrasferixxi s-somom rimborsati u l-kumpens imħallas fi żmien xahrejn minn meta tiġi riċevuta dik it-talba.

*Artikolu 18*

1. Jekk it-talba għall-irkupru jew għall-miżuri prekawzjonarji ma jkolliex aktar fini minħabba l-ħlas tat-talba jew il-kanċellazzjoni tagħha jew għal kwalunkwe raġuni oħra, l-awtorità applikanti għandha tinforma immedjatament lill-awtorità mitluba sabiex din ta' l-aħħar tkun tista' twaqqaf kwalunkwe azzjoni li tkun ħadet.

2. Fejn l-ammont tat-talba li hija s-suġġett tat-talba għall-irkupru jew għall-miżuri prekawzjonarji jiġi aġġustat għal kwalunkwe raġuni, l-awtorità applikanti għandha tinforma lill-awtorità mitluba, u jekk ikun meħtieġ, għandha toħroġ strument ieħor li jippermetti l-infurzar.

3. Jekk l-aġġustament jinvolvi tnaqqis fl-ammont tat-talba, l-awtorità mitluba għandha tkompli bl-azzjoni li ħadet sabiex tirkupra t-talba jew tieħu miżuri prekawzjonarji, imma dik l-azzjoni għandha tkun limitata għall-ammont li jkun għadu ma tħallasx.

Jekk, fiż-żmien meta l-awtorità mitluba tiġi informata bit-tnaqqis fl-ammont tat-talba, ammont li jeċċedi l-ammont li għadu ma tħallasx diġà jkun ġie rkuprat minnha imma l-proċedura ta' trasferiment li tissemma fl-Artikolu 19 tkun għadha ma nbdietx, l-awtorità mitluba għandha tħallas lura l-ammont żejjed li tħallas lill-persuna intitolata għalih.

4. Jekk l-aġġustament jinvolvi żieda fl-ammont tat-talba, mill-aktar fis possibbli, l-awtorità applikanti għandha tindirizza lill-awtorità mitluba talba addizzjonali għal irkupru jew għal miżuri prekawzjonarji.

Dik it-talba addizzjonali, sakemm ikun possibbli, għandha tkun ittrattata mill-awtorità mitluba fl-istess żmien bħat-talba oriġinali mill-awtorità applikanti. Fejn, minħabba l-istat ta' progress tal-proċedura eżistenti, il-konsolidament tat-talba addizzjonali mat-talba oriġinali ma jkunx possibbli, l-awtorità mitluba għandha tkun meħtieġa li tissodisfa t-talba addizzjonali biss jekk tikkonċerna ammont mhux inqas minn dak li jissemma fl-Artikolu 25(2).

5. Sabiex tikkonverti l-ammont aġġustat tat-talba fil-munita ta' l-Istat Membru ta' l-awtorità mitluba, l-awtorità applikanti għandha tuża r-rata tal-kambju li ntużat fit-talba oriġinali tagħha.

*Artikolu 19*

Kwalunkwe somma rkuprata mill-awtorità mitluba, inkluż, fejn ikun applikabbli, l-imgħax li jissemma fl-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2008/55/KE, għandha tiġi ttrasferita lill-awtorità applikanti fil-munita ta' l-Istat Membru ta' l-awtorità mitluba. It-trasferiment għandu jsir fi żmien xahar mid-data meta sar l-irkupru.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu jilħqu ftehim rigward arranġamenti differenti għat-trasferiment ta' ammonti taħt il-limitu li jissemma fl-Artikolu 25(2) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 20*

(3) Bħala parti minn dik l-għajnuna amministrattiva, speċifikament b'relazzjoni mat-trasport ta' prodotti ta' ċanga, vitella u majjal sejrin lejn il-Federazzjoni Russa, it-tagħrif li l-operaturi għandhom jibagħtu lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri sistema ta' komunikazzjoni ta' tagħrif bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, OLAF u l-awtoritajiet Russi għandu jitniżżel.

(4) It-tagħrif u s-sistema ta' komunikazzjoni introdotta għandhom jagħmluha possibbli li jiġu intraċċati l-esportazzjonijiet tal-prodotti konċernati lill-Federazzjoni Russa u, fejn japplika, jinkixfu każi li fihom ħlas lura ma jkunx dovut u għandu jinġabar lura.

(5) L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandha tiġi evalwata wara perijodu sinjifikanti ta' operazzjoni. Ir-reviżjoni mwettqa fuq dik il-bażi tista', fejn japplika, twassal għall-estensjoni ta' esportazzjonijiet ta' prodotti oħra u tinvolvi konsegwenzi finanzjarji fejn l-obbligazzjonijiet huma jew m'humiex osservati.

(6) L-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 tal-15 ta' April 1999 li jippreskrivi r-regoli dettaljati komuni li japplikaw għas-sistema ta' ħlasijiet lura (rifużjonijiet) fuq l-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli ([5]), jagħti d-dritt lill-Kummissjoni li f'ċerti każi speċifiċi titlob illi jintwerew provi ta' l-importazzjoni permezz ta' dokumenti speċifiċi jew b'xi mod ieħor. Għaldaqstant, sabiex issir l-esportazzjoni prevista taħt dan ir-Regolament, l-informazzjoni fornita mill-awtoritajiet Russi għandha titqies bħala għajn ta' provi ġodda li jissuplimentaw l-għejun ta' provi attwali.

(7) Il-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal- Kumitat tat-Tmexxija għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-kunsinni ta' prodotti taċ-ċanga, vitella u majjal li jaqgħu fil-kodifiċi CN 0201, 0202 u 0203 diretti lejn it-territorju tal-Federazzjoni Russa u li dwarhom id-dikjarazzjonijiet ta' esportazzjoni huma akkumpanjati minn applikazzjoni ta' ħlas lura ta' esportazzjoni.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 298, 25.11.2000, p. 16.
([3]) Ara l-Anness I.
([4]) ĠU L 327, 28.11.1997, p. 48.
([5]) ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11.

Dan ir-Regolament m'għandhux japplika għall-kunsinni msemmija fl-ewwel paragrafu ta' kwanitajiet anqas minn 3 000 kilogramm.

*Artikolu 2*

Dawk l-esportaturi li jixtiequ jibbenefikaw mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(2) għandhom jagħtu lill-organu ċentrali nominat minn kull wieħed mill-Istati Membri esportaturi, għal kull dikjarazzjoni ta' esportazzjoni, fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data ta' l-iżbarkar tal-prodotti tagħhom fir-Russja, l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni, l-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni u d-data ta' meta l-formalitajiet doganali ta' l-esportazzjoni ġew imwettqa;

(b) deskrizzjoni tal-merkanzija, li turi l-kowd ta' tmien ċifri tal-prodott bin-nomenklatura magħquda;

(c) il-kwantità netta f'kilogrammi;

(d) in-numru tal-*carnet* tat-TIR jew in-numru ta' riferenza tad-dokument tat-transitu intern Russu DKD, jew in-numru tat-TDI/IM40 dikjarazzjoni tar-rilaxx għall-użu domestiku fir-Russja;

(e) in-numru tal-kontejner, jekk applikabbli;

(f) in-numru ta' identifikazzjoni u/jew l-isem tal-mezz tat-trasport meta daħlet il-kunsinna fir-Russja;

(g) in-numru tal-liċenzja tal-maħzen taħt is-sorveljanza tad-dwana fejn il-prodott ġie mwassal fir-Russja;

(h) id-data tal-kunsinna tal-prodott fil-maħzen taħt is-sorveljanza tad-dwana fir-Russja.

*Artikolu 3*

1. Il-korp ċentrali fl-Istat Membru konċernat msemmi fl-Artikolu 2 għandu jibgħat it-tagħrif li jirċievi lill-OLAF b'posta elettronika fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data li jirċevih.

2. It-tagħrif li għalih jirreferi l-Artikolu 2, u n-numru ta' identifikazzjoni ta' kull operazzjoni ta' esportazzjoni, għandha tintbagħt mill-OLAF lill-awtoritajiet tad-dwana Russi malli jirċevih.

3. OLAF għandu javża lill-korp ċentrali ta' l-Istat Membru konċernat, kif jixraq, bit-tweġiba ta' l-awtoritajiet tad-dwana Russi, fi żmien jumejn tax-xogħol mindu jirċievi dik it-tweġiba; jew fin-nuqqas ta' tweġiba minn dawk l-awtoritajiet, fi żmien jumejn tax-xogħol mit-tmiem tal-perijodu ta' tlett ġimgħat imniżżel għat-tweġiba mill-awtoritajiet Russi taħt l-arranġament amministrattiv konkluż magħhom.

*Artikolu 4*

1. It-tagħrif li għalih jirreferu l-Artikoli 1 u 2 m'għandux jikkostitwixxi ħtiġiet addizzjonali għal dawk imniżżla għall-għoti ta' ħlasijiet ta' esportazzjoni fis-setturi konċernati.

2. Fejn tkun posittiva, ir-risposta ta' l-awtoritajiet Russi, kif mifhuma mill-Artikolu 3(3), għandha tkun meqjusa bħala prova li l-klijent wettaq il-formalitajiet ta' l-importazzjoni skond l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999.

*Artikolu 5*

Ir-Regolament (KE) Nru 2584/2000 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

*Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Jacques BARROT
*Viċi President*

*ANNESS I*

**Regolament imħassar flimkien mal-emendament tiegħu**

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2584/2000 | (ĠU L 298, 25.11.2000, p. 16) |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 44/2003 | (ĠU L 7, 11.1.2003, p. 58) |

*ANNESS II*

**Tabella ta’ korrelazzjoni**

| Regolament (KE) Nru 2584/2000 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikoli 1-4 | Artikoli 1-4 |
| — | Artikolu 5 |
| Artikolu 5(1) | Artikolu 6 |
| Artikolu 5(2) | — |
| — | Anness I |
| — | Anness II |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1181/2008

## tat-28 ta' Novembru 2008

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 616/2007 dwar il-ftuħ u l-mod ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Brażil, it-Tajlandja u pajjiżi terzi oħra

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 144(1) u l-Artikolu 148 flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/360/KE tad-29 ta' Mejju 2007 dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet fil-forma ta' minuti maqbula rigward l-emenda tal-konċessjonijiet previsti għal-laħam tat-tjur, bejn il-Komunità Ewropea u, rispettivament, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil u r-Renju tat-Tajlandja, skont it-Titolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi Doganali u l-Kummerċ (GATT 1994) ([2]), u partikolarment l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2007 ([3]) fl-Artikolu 5(2) tiegħu jipprovdi li, mat-tressiq ta' applikazzjoni għal liċenzja, għandha tiġi ddepożitata garanzija ta' EUR 50 għal kull 100 kilogramma.

(2) Fid-dawl tal-kundizzjonijiet il-ġodda applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti li joriġinaw mill-Brażil, jeħtieġ li l-ammont tal-garanzija relattiva mal-liċenzja jkun iffissat f'livell xieraq biex jiżgura ġestjoni adegwata tal-kwoti tariffarji u b'tali mod li jiggarantixxi aċċess sodisfaċenti tal-operaturi għal dawn il-kwoti.

(3) Fid-dawl tat-tnaqqis tal-garanzija, u bl-istesss mod għall-finijiet ta' ġestjoni adegwata, jeħtieġ li tiżdied il-kwantità massima li kull operatur ikollu dritt japplika għaliha għall-kwoti tal-grupp 1.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007 għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Fid-dawl tal-fatt li l-perjodu għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għas-subperjodu li jmiss għandu jibda fl-1 ta' Diċembru 2008, huwa essenzjali li dan ir-Regolament isir applikabbli minn din id-data.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 616/2007 huwa mibdul bit-test li ġej:

"5. L-applikazzjoni għal-liċenzja għandha tkopri minimu ta' 100 tunnellata u massimu ta' 10 % tal-kwantità disponibbli għall-kwota kkonċernata matul il-perjodu jew is-subperjodu kkonċernat. Madankollu, għall-gruppi 2 u 3, l-applikazzjoni għal-liċenzja għandha tkopri massimu ta' 5 % tal-kwantità disponibbli għall-kwota kkonċernata matul il-perjodu jew is-subperjodu kkonċernat.

Għall-gruppi 3, 6 u 8, il-kwantità minima koperta mill-applikazzjoni għal-liċenzja għandha titnaqqas għal 10 tunnellati."

*Artikolu 2*

L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 616/2007 huwa mibdul bit-test li ġej:

"2. Mat-tressiq ta' applikazzjoni għal-liċenzja, għandha tiġi ddepożitata garanzija ta' EUR 50 għal kull 100 kilogramma.

Madankollu, għall-applikazzjonijiet li jikkonċernaw il-gruppi 1, 4 u 7, l-ammont tal-garanzija għandu jkun EUR 10 għal kull 100 kilogramma."

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 138, 30.5.2007, p. 10.
([3]) ĠU L 142, 5.6.2007, p. 5.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta’ Diċembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta’ Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1182/2008

## tat-28 ta' Novembru 2008

## li jistabbilixxi l-ammonti ta' għajnuna minn qabel għall-ħżin privat tal-butir għall-2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 43(a) u (d) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi għall-għotja ta' għajnuna għall-ħżin privat tal-butir.

(2) Żviluppi fil-prezzijiet u l-ħażniet tal-butir jindikaw żbilanċ fis-suq li jista' jiġi eliminat jew imnaqqas mill-ħżin staġjonali. Minħabba s-sitwazzjoni preżenti tas-suq huwa xieraq li tingħata għajnuna għall-ħżin privat tal-butir b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2009.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 826/2008 tal-20 ta' Awwissu 2008 li jipprovdi regoli komuni għall-għotja ta' għajnuna għall-ħżin privat ta' ċerti prodotti agrikoli ([2]) stabbilixxa regoli komuni għall-implimentazzjoni ta' skema privata tal-għajnuna għall-ħżin.

(4) Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 826/2008, se tingħata għajnuna stabbilita minn qabel skont ir-regoli u l-kundizzjonijiet dettaljati kif ipprovduti fil-Kapitolu III ta' dak ir-Regolament.

(5) Biex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tal-miżura preżenti waqt li tkun ikkunsidrata l-prattika eżistenti fl-Istati Membri, l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 għandu jirrigwarda biss prodotti li tpoġġew kompletament fil-ħżin. Konsegwentement, għandha tkun introdotta deroga minn dak l-Artikolu.

(6) Skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 l-għajnuna għandha tiġi ffissata fid-dawl tal-ispejjeż tal-ħżin u x-xejra mistennija fil-prezzijiet għall-butir frisk u butir mill-ħażniet.

(7) Huwa xieraq li tkun iffissata għajnuna għall-ispejjeż tad-dħul u l-ħruġ ta' prodotti kkonċernati u għall-ispejjeż ta' kuljum għall-ħżin fil-friża u l-iffinanzjament.

(8) Għal raġunijiet ta' effiċjenza u simplifikazzjoni amministrattivi, meta t-tagħrif meħtieġ dwar id-dettalji tal-ħżin ikun diġà inkluż fl-applikazzjoni għall-għajnuna, huwa xieraq li jkun hemm rinunzja għar-rekwiżit li l-istess tagħrif ikun innotifikat wara li l-kuntratt ikun konkluż, kif ipprovdut fl-Artikolu 20, l-ewwel paragrafu, il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 826/2008.

(9) Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni u effiċjenza loġistika, il-ħtieġa li kull unità maħżuna tkun immarkata bin-numru tal-kuntratt tista' titneħħa meta n-numru tal-kuntratt ikun iddaħħal fir-reġistru tal-ħażniet.

(10) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Dan ir-Regolament jipprovdi għal għajnuna għall-ħżin privat tal-butir, kemm jekk mielaħ jew mingħajr melħ, kif imsemmi fl-Artikolu 28(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għall-kuntratti konklużi fl-2009.

*Artikolu 2*

1. Ir-Regolament (KE) Nru 826/2008 għandu japplika, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament.

2. B'deroga mill-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 l-applikazzjonijiet għandhom isiru biss għall-prodotti li tqiegħdu kompletament fil-ħżin.

*Artikolu 3*

L-unità tal-miżura msemmija fl-Artikolu 16(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 hija l-'lott tal-ħżin' li tikkorrispondi mal-kwantità tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament, li jiżnu talanqas tunnellata u ta' kompożizzjoni u kwalità omoġenja, prodotti f'fabbrika waħda, maħżunin f'post wieħed f'ġurnata waħda.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 223, 21.8.2008, p. 3.

*Artikolu 4*

1. L-għajnuna għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 għandha tkun:

— EUR 15,62 għal kull tunnellata ta' ħżin għall-ispejjeż fissi tal-ħżin,

— EUR 0,44 għal kull tunnellata għal kull ġuranta ta' ħżin kuntrattwali.

2. Id-dħul fil-ħżin kuntrattwali għandu jsir bejn l-1 ta' Jannar u l-15 ta' Awwissu 2009. It-tneħħija mill-ħżin tista' ssir biss mis-16 ta' Awwissu 2009. Ħżin kuntrattwali għandu jispiċċa fil-jum ta' qabel il-ġurnata tat-tneħħija mill-ħżin jew mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Frar tas-sena ta' wara d-dħul fil-ħżin.

3. L-għajnuna tista' tingħata biss meta l-perjodu kuntrattwali tal-ħżin huwa bejn 90 u 227 ġurnata.

*Artikolu 5*

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni kull nhar ta' Tlieta sa 12:00 (ħin ta' Brussell) il-kwantitajiet li għalihom ġew konklużi l-kuntratti kif meħtieġ skont l-Artikolu 35(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008, kif ukoll il-kwantitajiet ta' prodotti li għalihom intbagħtu applikazzjonijiet għall-konklużjoni tal-kuntratti.

*Artikolu 6*

1. L-Artikolu 20, l-ewwel paragrafu, il-punt (a) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 ma għandux japplika.

2. L-Istati Membri jistgħu jneħħu l-obbligu msemmi fl-Artikolu 22(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 li jimmarkaw in-numru tal-kuntratt sakemm il-maniġer tal-maħżen ikun responsabbli li jiddaħħal in-numru tal-kuntratt fir-reġistru msemmi fl-Anness I, il-punt III ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 7*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna mibgħuta mill-1 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1183/2008**

**tat-28 ta' Novembru 2008**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1019/2002 dwar l-istandards ta' marketing għaż-żejt taż-żebbuġa**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 113(1)(a) u 121(h), flimkien mal-Artikolu 4, tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1019/2002 [2] jipprovdi għal skema ta' għażla ta' ċerti referenzi fakultattivi għaż-żjut taż-żebbuġa. Skont l-Artikolu 5(c) tar-Regolament imsemmi, l-indikazzjonijiet tal-karatteristiċi organolettiċi taż-żjut verġni taż-żebbuġa jistgħu jidhru fuq it-tikketta biss jekk ikunu bbażati fuq ir-riżultati ta' metodu ta' analiżi pprovdut fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 tal-11 ta' Lulju 1991 dwar il-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa u l-fdal taż-żejt taż-żebbuġa u dwar il-metodi ta' analiżi rilevanti [3]. Skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 1019/2002, din id-dispożizzjoni għandha tapplika mit-30 ta' Novembru 2008.

(2) F'Novembru 2007, intemmew il-ħidmiet imnedija mill-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (ICO) bil-għan li jinstabu metodi ġodda ta' evalwazzjoni organolettika sabiex tkun tista' titwessa' l-firxa tal-attributi pożittivi taż-żjut verġni taż-żebbuġa. L-adattament tar-regoli Komunitarji għall-metodu rivedut tal-ICO ifisser li l-Artikolu 5(c) tar-Regolament (KE) Nru 1019/2002 għandu jkun emendat. Dan l-adattament huwa parti mill-modifika ta' diversi regoli dwar it-tikkettjar taż-żejt taż-żebbuġa li huwa previst li jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2009. Ma jkunx f'loku, b'mod partikolari għall-operaturi li jkollhom jadattaw it-tikkettjar tal-prodotti tagħhom, li d-dispożizzjonijiet attwali tal-Artikolu 5(c) jkunu applikati għal perjodu limitat għaż-żmien mit-30 ta' Novembru 2008 sat-30 ta' Ġunju 2009.

(3) Għalhekk jeħtieġ li d-data li minnha jibda japplika l-Artikolu 5(c) tar-Regolament (KE) Nru 1019/2002 tiġi posposta sal-1 ta' Lulju 2009.

(4) Għaldaqstant, jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1019/2002 jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 1019/2002, it-tielet subparagrafu għandu jinbidel bit-test li ġej:

"L-Artikolu 5(c) huwa applikabbli mill-1 ta' Lulju 2009."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mit-30 ta' Novembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

(1) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(2) ĠU L 155, 14.6.2002, p. 27.
(3) ĠU L 248, 5.9.1991, p. 1.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1184/2008

## tat-28 ta' Novembru 2008

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-aringi fl-ilmijiet tal-KE u dawk internazzjonali ta' Vb, VIb u ViaN min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd [il-Politika Komuni tas-Sajd] ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni [għall-Politika Komuni tas-Sajd] ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/2008 tas-16 ta' Jannar 2008 li jistabbilixxi għall-2008 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid ([3]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2008.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2008.

(3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu fuq il-bastimenti, it-trasbord u l-ħatt tiegħu l-art, jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata għall-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2008 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih huwa pprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Wara dik id-data, għandhom ikunu pprojbiti wkoll iż-żamma abbord, it-trasbord u l-ħatt l-art ta' ħut mill-istokk imsemmi, maqbuda minn dawk il-bastimenti.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Fokion FOTIADIS
*Id-Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi*

---

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
([2]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.
([3]) ĠU L 19, 23.1.2008, p. 1.

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 62/T&Q |
| Stat Membru | FRA |
| Stokk | HER/5B6ANB. |
| Speċi | Aringi (*Clupea harengus*) |
| Żona | l-ilmijiet tal-KE u dawk internazzjonali ta' Vb, VIb u ViaN |
| Data | 8.10.2008 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1185/2008

## tat-28 ta' Novembru 2008

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Bulgarija

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd [il-Politika Komuni tas-Sajd] ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni [il-Politika Komuni tas-Sajd] ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1579/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi, għall-2008, l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati magħhom applikabbli fil-Baħar l-Iswed għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut ([3]) jistabbilixxi l-kwoti għall-2008.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2008.

(3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu abbord, it-trasbord u l-ħatt tiegħu l-art, jiġu pprojbiti,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2008 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih huwa pprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Wara dik id-data, għandhom ikunu pprojbiti wkoll iż-żamma abbord, it-trasbord u l-ħatt l-art ta' ħut mill-istokk imsemmi, maqbud minn dawk il-bastimenti.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Fokion FOTIADIS

*Id-Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi*

---

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
([2]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.
([3]) ĠU L 346, 29.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 01/MED |
| Stat membru | BGR |
| Stokk | TUR/F3742C |
| Speċi | Barbun imperjali (*Psetta maxima*) |
| Żona | Il-Baħar l-Iswed |
| Data | 15.9.2008 |

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1186/2008**

**tat-28 ta' Novembru 2008**

**li jffissa d-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mill-1 ta' Diċembru 2008**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 [qamħ durum ta' kwalità għolja], 1002, ex 1005 minbarra ż-żrieragħ ibridi, u ex 1007 minbarra l-ibridu għaż-żrigħ, id-dazju ta' l-importazzjoni huwa daqs il-prezz ta' l-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt ta' l-importazzjoni, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz ta' l-importazzjoni CIF applikabbli għall-kunsenja kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata ta' dazji fit-Tariffa Doganali Komuni.

(2) L-Artikolu 136(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju ta' l-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu msemmi, għall-prodotti kkonċernati kull tant żmien jiġu stabbiliti prezzijiet rappreżentattivi CIF għall-importazzjoni.

(3) Skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96, il-prezz li għandu jintuża għall-kalkolu tad-dazju ta' l-importazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ durum ta' kwalità għolja), 1002 00, 1005 10 90, 1005 90 00 u 1007 00 90, huwa l-prezz rappreżentattiv ta' l-importazzjoni CIF tal-ġurnata stabbilit skond il-metodu pprovdut fl-Artikolu 4 tar-Regolament imsemmi.

(4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji ta' l-importazzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2008, applikabbli sakemm jidħlu fis-seħħ dazji ta' l-importazzjoni ġodda.

(5) Madankollu, f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2008 tas-26 ta' Ġunju 2008 li jwassal għal sospensjoni temporanja tad-dazji tad-dwana fuq l-importazzjoni ta' ċerti ċereali għas-sena finanzjarja ta' bejgħ 2008/2009 ([3]), l-applikazzjoni ta' ċerti dazji ffissati b'dan ir-Regolament hija sospiża,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Mill-1 ta' Diċembru 2008, id-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament abbażi tal-fatturi msemmija fl-Anness II.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.

([3]) ĠU L 166, 27.6.2008, p. 19.

*ANNESS I*

**Dazji ta’ l-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mill-1 ta’ Diċembru 2008**

| Kodiċi NK | Isem tal-merkanziji | Dazju ta’ l-importazzjoni [1] (EUR/t) |
|---|---|---|
| 1001 10 00 | QAMĦ iebes ta’ kwalità għolja | 0,00 |
| | ta’ kwalità medja | 0,00 |
| | ta’ kwalità baxxa | 0,00 |
| 1001 90 91 | QAMĦ għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 90 99 | QAMĦ komuni ta’ kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żrigħ | 0,00 |
| 1002 00 00 | SEGALA | 23,12 |
| 1005 10 90 | QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra dak ibridu | 21,34 |
| 1005 90 00 | QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żrigħ [2] | 21,34 |
| 1007 00 90 | SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żrigħ | 23,12 |

(1) Għall-prodotti li jaslu fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta’ Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista’ jibbenefika minn tnaqqis ta’ dazju ta’:

— EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port fejn jsir il-ħatt jinsab fil-baħar Mediterran, jew ta’

— EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

(2) L-importatur jista’ jibbenefika minn tnaqqis fiss ta’ EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

*ANNESS II*

**Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I**

14.11.2008-27.11.2008

(1) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

*(EUR/t)*

| | Qamħ [1] | Qamħirrum | Qamħ iebes kwalità għolja | Qamħ iebes, kwalità medja [2] | Qamħ iebes kwalità baxxa [3] | Xgħir |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Borża | Minnéapolis | Chicago | — | — | — | — |
| Kwotazzjoni | 190,56 | 112,79 | — | — | — | — |
| Prezz *FOB* USA | — | — | 241,10 | 231,10 | 211,10 | 125,25 |
| Tariffa fuq il-Golf | — | 12,34 | — | — | — | — |
| Tariffa fuq l-Ghadajjar il-Kbar | 27,27 | — | — | — | — | — |

([1]) Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
([2]) Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
([3]) Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam 11,99 EUR/t

Merkanzija/Spejjeż L-Ghadajjar il-Kbar–Rotterdam: 10,09 EUR/t

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2008/96/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

### tad-19 ta' Novembru 2008

### dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 71(1) (c) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) In-netwerk trans-Ewropew tat-toroq, kif definit fid-Deċiżjoni 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1996 fuq linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew ([3]), huwa ta' l-akbar importanza fl-appoġġ għall-integrazzjoni u l-koeżjoni Ewropej, kif ukoll biex jiġi assigurat livell għoli ta' benessri. B'mod partikulari, għandu jkun garantit livell għoli ta' sikurezza.

(2) Fil-White Paper tagħha tat-12 ta' Settembru 2001, "Linja politika għal trasport Ewropew għall-2010: il-waqt li niddeċiedu", il-Kummissjoni esprimiet il-bżonn li tagħmel evalwazzjoni ta' l-impatt tas-sikurezza u awditjar tas-sikurezza fit-toroq, biex tidentifika u tieħu ħsieb is-sezzjonijiet b'konċentrazzjoni għolja ta' inċidenti madwar il-Komunità. Stabbiliet ukoll il-mira li tnaqqas bin-nofs l-għadd ta' mwiet fit-toroq fl-Unjoni Ewropea bejn l-2001 u l-2010.

(3) Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-2 ta' Ġunju 2003, "Programm ta' Azzjoni Ewropew għas-Sikurezza tat-Toroq: Innaqqsu bin-nofs in-numru ta' vittmi ta' inċidenti tat-traffiku fl-Unjoni Ewropea sa l-2010: Responsabbilta' komuni", il-Kummissjoni identifikat l-infrastruttura tat-toroq bħala t-tielet pilastru tal-linja politika għas-sikurezza fit-toroq, li għandha tagħti kontribut importanti lejn il-mira Komunitarja tat-tnaqqis ta' l-inċidenti.

(4) Matul dawn l-aħħar snin saru avvanzi kbar fid-disinn tal-vetturi (miżuri ta' sikurezza u l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda) li kkontribwew sabiex inaqqsu n-numru ta' persuni maqtula jew korruti f'inċidenti tat-triq. Sabiex tintlaħaq il-mira għall-2010, jeħtieġ li tittieħed azzjoni f'oqsma oħrajn ukoll. Hemm ħafna x'jista' jittejjeb f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni tas-sikurezza ta' l-infrastruttura, u dan għandu jiġi sfruttat.

(5) L-istabbilment ta' proċeduri xierqa huwa għodda essenzjali sabiex titjieb is-sikurezza ta' l-infrastruttura tat-toroq fin-netwerk trans-Ewropew tat-toroq. L-evalwazzjoni ta' l-impatt tas-sikurezza tat-toroq għandha turi, fuq livell strateġiku, l-implikazzjonijiet fuq is-sikurezza tat-toroq ta' diversi alternattivi ta' tfassil ta' proġetti ta' infrastruttura u għandu jkollha rwol importanti meta jkunu qed jintgħażlu r-rotot. Ir-riżultati ta' l-evalwazzjonijiet ta' l-impatt tas-sikurezza jistgħu jiġu stabbiliti f'numru ta' dokumenti. Barra minn hekk, l-awditjar tas-sikurezza tat-toroq għandu jidentifika b'mod dettaljat il-karatteristiċi mhux sikuri ta' proġetti ta' infrastruttura tat-toroq. Għaldaqstant jagħmel sens li jiġu żviluppati proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'dawk iż-żewġ oqsma, bil-għan li tiżdied is-sikurezza fl-infrastrutturi tat-toroq fin-netwerk trans-Ewropew tat-toroq, filwaqt li fl-istess ħin ikunu esklużi l-mini tat-triq li huma koperti mid-Direttiva 2004/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-ħtiġiet minimi tas-sigurtà għall-mini fin-Netwerk Trans-Ewropew tat-Toroq ([4]).

(6) Diversi Stati Membri diġà għandhom sistemi ta' ġestjoni tas-sikurezza ta' l-infrastruttura tat-toroq li jiffunzjonaw tajjeb. Dawn il-pajjiżi għandhom jitħallew ikomplu jużaw il-metodi eżistenti tagħhom, sa fejn ikunu konsistenti ma' l-għanijiet ta' din id-Direttiva.

(7) Ir-riċerka hija importanti ħafna għat-titjib tas-sikurezza tat-toroq fl-Unjoni Ewropea. L-iżvilupp u d-dimostrazzjoni ta' komponenti, miżuri u metodi (inkluża t-telematika) u d-disseminazzjoni ta' riżultati ta' riċerka għandhom parti importanti fiż-żieda tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq.

([1]) ĠU C 168, 20.7.2007, p. 71.
([2]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2008 (għadha m'hijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2008.
([3]) ĠU L 228, 9.9.1996, p. 1.
([4]) ĠU L 167, 30.4.2004, p. 39.

(8) Il-livell ta' sikurezza ta' toroq eżistenti jrid jittejjeb billi jiġu mmirati investimenti fis-sezzjonijiet tat-toroq li jkollhom l-ogħla konċentrazzjoni ta' inċidenti u/jew l-ogħla potenzjal ta' tnaqqis ta' inċidenti. Sabiex jadattaw l-imġiba tagħhom u jżidu l-konformità mar-regoli tat-traffiku, speċjalment il-limiti tal-veloċità, għandha tinġibed l-attenzjoni tas-sewwieqa dwar sezzjonijiet ta' toroq b'konċentrazzjoni għolja ta' inċidenti.

(9) Il-klassifikazzjoni tas-sikurezza tan-netwerk għandha potenzjal għoli minnufih malli tiġi implimentata. Ladarba s-sezzjonijiet tat-toroq b'konċentrazzjoni għolja ta' inċidenti jkunu ġew ittrattati u jkunu ttieħdu miżuri rimedjali, l-ispezzjonijiet ta' sikurezza bħala miżura preventiva għandhom jassumu rwol aktar importanti. L-ispezzjonijiet regolari huma għodda essenzjali għall-prevenzjoni ta' perikli possibbli għal kull min juża t-triq, inklużi utenti vulnerabbli, u wkoll fil-każ ta' xogħlijiet fit-triq.

(10) It-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni għall-ħaddiema ta' sikurezza permezz ta' kurrikuli ta' taħriġ u għodod għall-kwalifikazzjoni vvalidati mill-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prattikanti jiksbu l-aħħar tagħrif meħtieġ.

(11) Sabiex tittejjeb is-sikurezza tat-toroq fl-Unjoni Ewropea, għandhom isiru arranġamenti għal skambji aktar frekwenti u konsistenti ta' l-aħjar prattika fost l-Istati Membri.

(12) Biex jiżguraw livell għoli ta' sikurezza tat-toroq fl-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom japplikaw linji gwida dwar il-ġestjoni tas-sikurezza ta' l-infrastruttura. In-notifika ta' dawk il-linji gwida lill-Kummissjoni, flimkien ma' rappurtaġġ regolari dwar l-implimentazzjoni tagħhom, għandhom iwittu t-triq għal titjib sistematiku tas-sikurezza ta' l-infrastruttura fil-livell Komunitarju, u jipprovdu bażi għall-evoluzzjoni lejn sistema aktar effettiva maż-żmien. Barra minn hekk, ir-rappurtaġġ dwar l-implimentazzjoni tagħhom għandu jippermetti lil Stati Membri oħrajn jidentifikaw l-aktar soluzzjonijiet effettivi, filwaqt li l-ġabra sistematika ta' data minn studji ta' tqabbil bejn is-sitwazzjonijiet ta' qabel u ta' wara l-implimentazzjoni għandha tiffaċilita l-għażla ta' l-aktar miżura effettiva għal azzjoni fil-ġejjieni.

(13) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li għandhom x'jaqsmu ma' l-investiment fis-sikurezza tat-toroq għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għas-setgħat ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' l-investiment fil-manutenzjoni tan-netwerk tat-toroq.

(14) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-istabbiliment ta' proċeduri li jiżguraw livell għoli konsistenti ta' sikurezza tat-toroq fin-netwerk trans-Ewropew tat-toroq kollu, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u jista' għalhekk bis-saħħa ta' l-effetti ta' l-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

(15) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni 1999/468/KE tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([1]).

(16) B'mod partikolari il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-kriterji neċessarji għat-titjib tal-prattika ta' ġestjoni tas-sikurezza tat-toroq u għall-addattament ta' l-annessi għall-progress tekniku. Billi dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma maħsuba sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, inter alia billi jissupplimentawha b'elementi ġodda mhux essenzjali, dawn għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(17) Huwa importanti ħafna li jkun hemm biżżejjed żoni ta' parkeġġ mal-ġenb tat-triq, mhux biss għall-prevenzjoni tal-kriminalità iżda wkoll għas-sikurezza fit-toroq. Iż-żoni ta' parkeġġ jippermettu lis-sewwieqa li jieqfu għall-mistrieħ meta jkun il-waqt u jkomplu l-vjaġġ tagħhom b'konċentrazzjoni sħiħa. Għaldaqstant, parti integrali mill-ġestjoni tas-sikurezza ta' l-infrastruttura tat-toroq għandha tkun li jkun hemm biżżejjed żoni ta' parkeġġ.

(18) F'konformità mal-punt 34 tal-ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet ([2]), l-Istati Membri huma inkoraġġiti li jfasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom stess li, sa fejn ikun possibbli, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, u biex jagħmluhom pubbliċi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva teħtieġ l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' proċeduri relatati ma' l-evalwazzjoni ta' l-impatt tas-sikurezza fit-toroq, l-awditjar tas-sikurezza fit-toroq, il-ġestjoni tas-sikurezza tan-netwerk tat-toroq u l-ispezzjonijiet tas-sikurezza mill-Istati Membri.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika għal toroq li huma parti min-Netwerk Trans-Ewropew tat-Toroq, kemm jekk ikunu fl-istadju ta' disinn, kif ukoll jekk qed jinbnew jew joperaw.

3. L-Istati Membri jistgħu wkoll japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, bħala ġabra ta' prattika tajba, għall-infrastruttura nazzjonali tat-trasport fit-toroq, li mhix inkluża fin-netwerk tat-toroq trans-Ewropej, u li kienet inbniet kompletament jew parzjalment bl-użu ta' fondi Komunitarji.

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
([2]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

4. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-mini fit-triq koperti mid-Direttiva 2004/54/KE.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "netwerk trans-Ewropew tat-toroq" tfisser in-netwerk tat-toroq identifikat fis-Sezzjoni 2 ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE;

(2) "entità kompetenti" tfisser kwalunkwe organizzazzjoni pubblika jew privata mwaqqfa f'livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, involuta fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva minħabba l-kompetenzi tagħha inklużi l-korpi innominati bħala entitajiet kompetenti li kienu jeżistu qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, sa fejn dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva;

(3) "evalwazzjoni ta' l-impatt tas-sikurezza fit-toroq" tfisser analiżi strateġika komparattiva ta' l-impatt li jkollhom triq ġdida jew modifika sostanzjali għan-netwerk eżistenti fuq il-livell tas-sikurezza tan-netwerk tat-toroq;

(4) "awditjar tas-sikurezza fit-toroq" ifisser verifika indipendenti, dettaljata, sistematika u teknika tas-sikurezza tal-karatteristiċi tad-disinn ta' proġett ta' infrastruttura tat-toroq, li jkopri kull stadju mill-ippjanar sal-bidu ta' l-operat;

(5) "klassifikazzjoni ta' sezzjonijiet ta' toroq b'rata għolja ta' inċidenti" tfisser metodu biex jiġu identifikati, analizzati u kklassifikati sezzjonijiet tan-netwerk tat-toroq li ilhom joperaw għal aktar minn tliet snin, u li fihom ġraw għadd kbir ta' inċidenti fatali fi proporzjon mal-fluss tat-traffiku;

(6) "klassifikazzjoni tas-sikurezza tan-netwerk" tfisser metodu għall-identifikazzjoni, l-analiżi u l-klassifikazzjoni ta' partijiet min-netwerk ta' toroq eżistenti skond il-potenzjal tagħhom għall-iżvilupp tas-sikurezza u għat-tnaqqis fi spejjeż ta' inċidenti;

(7) "spezzjoni tas-sikurezza" tfisser verifika perjodika ordinarja tal-karatteristiċi u d-difetti li jeħtieġu xogħol ta' manutenzjoni għal-raġunijiet ta' sikurezza;

(8) "linji gwida" huma miżuri adottati mill-Istati Membri, li jistabbilixxu l-passi li għandhom jiġu segwiti, kif ukoll l-elementi li għandhom jitqiesu fl-applikazzjoni tal-proċeduri ta' sikurezza stabbiliti f'din id-Direttiva;

(9) "proġett ta' infrastruttura" ifisser proġett għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida tat-toroq, jew modifikazzjoni sostanzjali għan-netwerk eżistenti li jaffettwa il-fluss tat-traffiku.

*Artikolu 3*

**L-evalwazzjoni ta' l-impatt tas-sikurezza tat-toroq għal proġetti ta' infrastruttura**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li titwettaq evalwazzjoni ta' l-impatt tas-sikurezza tat-toroq għall-proġett kollha ta' infrastruttura.

2. L-evalwazzjoni ta' l-impatt tas-sikurezza tat-toroq għandha ssir fl-istadju inizjali ta' l-ippjanar, qabel ma jiġi approvat il-proġett ta' infrastruttura. B'rabta ma' dan, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness I.

3. L-evalwazzjoni ta' l-impatt tas-sikurezza tat-toroq għandha tindika l-konsiderazzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq li jikkontribwixxu għall-għażla tas-soluzzjoni proposta. Għandha tipprovdi wkoll kull informazzjoni rilevanti meħtieġa għal analiżi dwar ir-relazzjoni bejn in-nefqa u l-benefiċċju tal-għażliet differenti li ġew evalwati.

*Artikolu 4*

**L-awditjar tas-sikurezza tat-toroq għal proġetti ta' infrastruttura**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awditjar tas-sikurezza tat-toroq isir għal kull proġett ta' infrastruttura.

2. Meta jagħmlu l-awditjar tas-sikurezza tat-toroq l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness II.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jinħatar awditur biex jivverifika l-karatteristiċi tad-disinn ta' proġett ta' infrastruttura.

L-awditur għandu jinħatar skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 9, paragrafu 4 u għandu jkollu l-kompetenza u t-taħriġ meħtieġa kif provdut fl-Artikolu 9. Fejn l-awditjar isir minn gruppi ta' spezzjoni, mill-anqas membru wieħed mill-grupp għandu jkollu ċertifikat ta' kompetenza kif previst fl-Artikolu 9(3).

3. L-awditjar tas-sikurezza tat-toroq għandu jifforma parti integrali mill-proċess tad-disinn tal-proġett ta' infrastruttura fl-istadji ta' l-abbozz tad-disinn, tad-disinn dettaljat, tal-ftuħ minn qabel u ta' l-operazzjoni bikrija.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awditur jistabbilixxi elementi ta' disinn li jikkompromettu s-sikurezza fir-rapport ta' l-awditjar għal kull stadju tal-proġett ta' l-infrastruttura. Kull fejn jiġu identifikati karatteristiċi mhux sikuri waqt il-proċess ta' l-awditjar mingħajr ma jitranġa d-disinn qabel it-tmiem ta' l-istadju xieraq kif imsemmi fl-Anness II, ir-raġunijiet għandhom ikunu ddikjarati mill-entità kompetenti f'anness ma' dak ir-rapport.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapport imsemmi fil-paragrafu 4 iwassal għal rakkomandazzjonijiet relevanti mill-perspettiva ta' sikurezza.

*Artikolu 5*

**Il-klassifikazzjoni u l-ġestjoni tas-sikurezza tan-netwerk tat-toroq li jkun qed jopera**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klassifikazzjoni ta' sezzjonijiet ta' toroq b'rati għolja ta' inċidenti u l-klassifikazzjoni tas-sikurezza tan-netwerk tat-toroq jsiru abbażi ta' reviżjonijiet ta' l-operazzjoni tan-netwerk tat-toroq, li għandhom isiru mhux inqas minn kull tliet snin. B'rabta ma' dan, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness III.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sezzjonijiet tat-toroq li juru prijorità ogħla skond ir-riżultati tal-klassifikazzjoni ta' sezzjonijiet ta' toroq b'rati għolja ta' inċidenti u mill-klassifikazzjoni tas-sikurezza tan-netwerk, għandhom ikunu evalwati minn gruppi ta' esperti permezz ta' żjarat fuq il-post skont l-elementi msemmija fil-punt 3 ta' l-Anness III. Ta' l-inqas membru wieħed tal-grupp ta' esperti għandu jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 9(4)(a).

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' rimedju jkunu indirizzati speċifikament għas-sezzjonijiet tat-toroq imsemmija fil-paragrafu 2. Għandha tingħata prijorità lil dawk il-miżuri msemmija fil-punt 3 (e) ta' l-Anness III waqt li tingħata attenzjoni lil dawk il-miżuri li jippreżentaw l-akbar proporzjon bejn il-benefiċċju u l-ispiża.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm sinjali xierqa biex iwissu lil min juża t-toroq dwar partijiet ta' l-infrastruttura tat-toroq li fihom ikunu qed isiru tiswijiet u li jistgħu għaldaqstant jipperikolaw is-sikurezza ta' min juża t-toroq. Dawn is-sinjali għandhom jinkludu wkoll sinjali li jkunu viżibbli kemm binhar kif ukoll billejl u jitpoġġew f'distanza sikura, u għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Vjenna ta' l-1968 dwar is-Sinjali u l-Indikazzjonijiet tat-Toroq.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull min juża t-triq ikun infurmat, permezz ta' miżuri xierqa, dwar l-eżistenza ta' sezzjoni b'rati għolja ta' incidenti. Jekk Stat Membru jiddeċiedi li juża sinjali, dawn għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar is-Sinjali u l-Indikazzjonijiet tat-Toroq ta' l-1968.

*Artikolu 6*

**Spezzjonijiet ta' sikurezza**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsiru spezzjonijiet ta' sikurezza tat-toroq li jkunu qed joperaw, bil-għan li jidentifikaw il-fatturi relatati mar-riskji ta' sikurezza tat-toroq u li jipprevjenu l-inċidenti.

2. L-ispezzjonijiet ta' sikurezza għandhom jikkonsistu fi spezzjonijiet perjodiċi tan-netwerk tat-toroq u studji dwar l-impatt possibbli ta' xogħlijiet fit-toroq fuq is-sikurezza tal-fluss tat-traffiku.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsiru spezzjonijiet perjodiċi mill-entità kompetenti. Tali spezzjonijiet għandhom ikunu frekwenti biżżejjed sabiex jiżguraw livelli xierqa ta' sikurezza għall-infrastruttura tat-toroq ikkonċernata.

4. Bla ħsara għal-linji gwida adottati skond l-Artikolu 8, l-Istati Membri għandhom jadottaw linji gwida dwar miżuri temporanji ta' sikurezza li japplikaw għax-xogħlijiet fit-toroq. Għandhom jimplimentaw ukoll skema adegwata ta' spezzjoni biex jiżguraw li tali linji gwida jiġu applikati sewwa.

*Artikolu 7*

**Ġestjoni tad-data**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għal kull inċident fatali li jseħħ fi triq imsemmija fl-Artikolu 1(2), jinkiteb rapport ta' inċident komplet mill-entità kompetenti. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex f'dak ir-rapport jinkludu kull element li jinsab elenkat fl-Anness IV.

2. L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw l-ispiża soċjali medja ta' inċident fatali u l-ispiża soċjali medja ta' inċident gravi li jsir fit-territorju tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jkomplu jiddifferenzjaw ir-rati ta' l-ispejjeż, li għandhom jiġu aġġornati mill-anqas kull ħames snin.

*Artikolu 8*

**L-adozzjoni u l-komunikazzjoni tal-linji gwida**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, jekk ma jkunux diġà jeżistu, jiġu adottati linji gwida sad-19 ta' Diċembru 2011, biex jappoġġjaw lill-entitajiet kompetenti fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw dawn il-linji gwida lill-Kummissjoni, fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni jew l-emendar tagħhom.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmilhom disponibbli fuq sit web pubbliku.

*Artikolu 9*

**Il-ħatra u t-taħriġ ta' awdituri**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, jekk ma jkunux diġà jeżistu għandhom ikunu adottati kurrikuli ta' taħriġ għal awdituri tas-sikurezza tat-toroq sad-19 ta' Diċembru 2011.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, kull fejn awditur tas-sikurezza tat-toroq jeżerċita funzjoni taħt din id-Direttiva, l-awditur isegwi taħriġ inizjali li jwassal għall-għoti ta' ċertifikat ta' kompetenza u għandu jipparteċipa f'korsijiet regolari ta' taħriġ ulterjuri.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awdituri tas-sikurezza tat-toroq ikollhom ċertifikat ta' kompetenza. Iċ-ċertifikati li jkunu ngħataw qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva għandhom jiġu rikonoxxuti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awdituri jkunu maħtura konformement mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-awditur għandu jkollu esperjenza rilevanti jew taħriġ fid-disinn tat-toroq, fl-inġinerija tas-sikurezza tat-toroq u fl-analiżi ta' l-inċidenti;

(b) minn sentejn wara l-adozzjoni mill-Istati Membri tal-linji gwida skond l-Artikolu 8, l-awditjar tas-sikurezza tat-toroq għandu jsir biss minn awdituri jew gruppi li jkun fihom awdituri li jissodisfaw ir-rekwiżiti provduti fil-paragrafi 2 u 3;

(c) għall-għan tal-proġett ta' infrastruttura li jkun qed jiġi awditjat, l-awditur m'għandux ikun involut, fil-mument ta' l-awditjar, fil-ħolqien jew fl-operazzjoni tal-proġett ta' infrastruttura kkonċernat.

*Artikolu 10*

**Skambju ta' l-aħjar prattika**

Sabiex tiżdied is-sikurezza ta' toroq fl-Unjoni Ewropea li ma jiffurmawx parti min-Netwerk Trans-Ewropew tat-Toroq, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema koerenti ta' skambju ta' l-aħjar prattika bejn l-Istati Membri, li tkopri inter alia proġetti ta' sikurezza ta' l-infrastruttura tat-toroq eżistenti, u teknoloġija ta' sikurezza tat-toroq li ġiet ipprovata.

*Artikolu 11*

**Titjib kontinwu ta' prattika ta' ġestjoni ta' sikurezza**

1. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita u tistruttura l-iskambju ta' tagħrif u l-aħjar prattika bejn l-Istati Membri, u tagħmel użu mill-esperjenza miksuba f'fora attwali rilevanti internazzjonali, bil-ħsieb li jinkiseb titjib kontinwu tal-prattika ta' ġestjoni ta' sikurezza rigward infrastrutturi tat-toroq fl-Unjoni Ewropea.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 13. Sa fejn tkun meħtieġa l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi, miżuri bħal dawn għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju imsemmija fl-Artikolu 13(3).

3. Fejn xieraq, organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti, attivi fil-qasam tas-sikurezza u fil-ġestjoni ta' infrastrutturi tat-triq, jistgħu jiġu konsultati dwar kwistjonijiet relatati ma' aspetti tekniċi ta' sikurezza.

*Artikolu 12*

**Adattament għall-progress tekniku**

L-Annessi għal din id-Direttiva għandhom jiġu adattati għall-progress tekniku skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 13(3).

*Artikolu 13*

**Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat.

2. Kull fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud ta' l-Artikolu 8 tagħha.

*Artikolu 14*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mid-19 ta' Diċembru 2010. Huma għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 15*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 16*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, 19 ta' Novembru 2008.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | J.-P. JOUYET |

*ANNESS I*

## L-EVALWAZZJONI TA' L-IMPATT TAS-SIKUREZZA TAT-TOROQ GĦALL-PROĠETTI TA' INFRASTRUTTURA

1. Elementi ta' evalwazzjoni ta' l-impatt tas-sikurezza tat-toroq:

   (a) definizzjoni tal-problema;

   (b) is-sitwazzjoni attwali u x-xenarju li fih "ma jsir xejn";

   (ċ) l-għanijiet tas-sikurezza fit-toroq;

   (d) l-analiżi ta' l-impatti fuq is-sikurezza tat-toroq ta' l-alternattivi proposti;

   (e) il-paragun ta' l-alternattivi, li jinkludi l-analiżi dwar ir-relazzjoni bejn in-nefqa u l-benefiċċju;

   (f) il-preżentazzjoni tal-firxa ta' soluzzjonijiet possibbli.

2. Elementi li għandhom jitqiesu:

   (a) fatalitajiet u inċidenti, il-miri ta' tnaqqis imqabbel max-xenarju li fih "ma jsir xejn";

   (b) ix-xejriet fl-għażla tar-rotta u tat-traffiku;

   (ċ) effetti possibbli fuq netwerks eżistenti (eż. ħruġ, intersezzjonijiet, passaġġi invelli);

   (d) utenti tat-triq, inklużi persuni vulnerabbli li jużaw it-toroq (eż. il-persuni li jkunu mixjin, iċ-ċiklisti, is-sewwieqa tal-muturi);

   (e) it-traffiku (eż. volumi ta' traffiku, kategorizzazzjoni tat-traffiku skond it-tip);

   (f) Kundizzjonijiet staġunali u klimatiċi;

   (g) preżenza ta' għadd biżżejjed ta' zoni ta' parkeġġ sikuri;

   (h) attivitajiet sismiċi.

*ANNESS II*

**L-AWDITJAR TAS-SIKUREZZA TAT-TOROQ GĦAL PROĠETTI TA' INFRASTRUTTURA**

1. Il-kriterji fl-istadju ta' l-abbozz preliminari tad-disinn:

   (a) il-pożizzjoni ġeografika (eż. l-espożizzjoni għal żerżiq minn ġnub l-għoljiet, għargħar, valangi) u kundizzjonijiet klimatiċi u staġjonali kif ukoll attivitajiet sismiċi;

   (b) it-tipi ta' junctions u d-distanzi bejniethom;

   (ċ) l-għadd u t-tipi ta' lanes;

   (d) it-tipi tat-traffiku li huma ammissibbli għat-triq il-ġdida;

   (e) il-funzjonalità tat-triq fin-netwerk;

   (f) kundizzjonijiet meteoroloġiċi;

   (g) il-veloċità tas-sewqan;

   (h) is-sezzjonijiet (eż. wisa' tal-karreġġjata, rotot għar-roti, mogħdijiet għall-mixi);

   (i) l-allinjamenti orizzontali u vertikali;

   (j) il-viżibbiltà;

   (k) it-tqassim tal-junctions;

   (l) trasport pubbliku u infrastruttura pubblika;

   (m) il-passaġġi invelli ta' toroq/ferroviji.

2. Il-kriterji fl-istadju tad-disinn dettaljat:

   (a) it-tqassim;

   (b) is-sinjali u l-marki fit-toroq koerenti;

   (ċ) dawl ta' toroq imdawla u intersezzjonijiet;

   (d) apparat fil-ġenb tat-triq;

   (e) l-ambjent fil-ġenb tat-triq, inkluża l-veġetazzjoni;

   (f) l-ostakli mwaħħlin fil-ġenb tat-triq;

   (g) provvediment ta' zoni ta' parkeġġ sikuri;

   (h) utenti vulnerabbli tat-toroq (il-persuni mixjin fit-triq, iċ-ċiklisti u is-sewwieqa tal-muturi);

   (i) adattament li jkun xieraq għall-utent ta' sistemi stradali ta' lqugħ (riservazzjonijiet ċentrali u crash barriers biex jiġi evitat li jkun hemm perikli għal utenti vulnerabbli).

3. Il-kriterji għall-istadju ta' qabel il-ftuħ:

   (a) is-sikurezza tal-persuni li jużaw it-toroq u l-viżibbiltà f'kundizzjonijiet differenti, bħal eż. fid-dlam u taħt kundizzjonijiet ta' temp normali;

   (b) iċ-ċarezza tas-sinjali u tal-marki fit-toroq;

   (ċ) il-kundizzjoni ta' l-uċuħ tat-toroq.

4. Il-kriterji għat-tħaddim bikri: evalwazzjoni tas-sikurezza tat-toroq fid-dawl ta' l-imġiba attwali ta' l-utenti.

   Awditjar fi kwalunkwe stadju jista' jinvolvi l-bżonn li jitqiesu mill-ġdid il-kriterji mill-istadji ta' qabel.

*ANNESS III*

**KLASSIFIKAZZJONI TA' SEZZJONIJIET TA' KONĊENTRAZZJONI TA' INĊIDENTI GĦOLJA U KLASSIFIKAZZJONI TA' SIKUREZZA TAN-NETWERK**

1. **L-identifikazzjoni ta' sezzjonijiet ta' toroq b'densità għolja ta' inċidenti**

   L-identifikazzjoni ta' sezzjonijiet ta' toroq b'densità għolja ta' inċidenti tqis ta' l-anqas l-għadd ta' l-inċidenti fatali li seħħew fl-aħħar snin għal kull unità ta' tul tat-triq proporzjonalment mal-volum ta' traffiku, u, fil-każ ta' l-intersezzjonijiet, l-għadd ta' tali inċidenti għal kull pożizzjoni ta' l-intersezzjonijiet.

2. **L-identifikazzjoni ta' sezzjonijiet għal analiżi fil-klassifikazzjoni tas-sikurezza tan-netwerk**

   L-identifikazzjoni ta' taqsimiet għal analiżi tal-klassifikazzjoni ta' sikurezza tan-netwerk tqis it-tnaqqis potenzjali ta' spejjeż ta' inċidenti. Is-sezzjonijiet tat-toroq għandhom jitqassmu fi tliet kategoriji. Għal kull kategorija ta' toroq, sezzjonijiet ta' toroq għandhom ikunu analizzati u kklassifikati skond fatturi relatati mas-sikurezza, bħal konċentrazzjoni ta' inċidenti, volum tat-traffiku u tipoloġija tat-traffiku.

   Għal kull kategorija ta' triq, il-klassifikazzjoni tas-sikurezza tan-netwerk għandha tirriżulta f'lista ta' prijorità ta' sezzjonijiet ta' toroq fejn it-titjib ta' l-infrastruttura huwa mistenni li jkun effettiv ħafna.

3. L-elementi ta' evalwazzjoni għal żjarat fuq il-post minn timijiet ta' esperti:

   (a) id-deskrizzjoni tas-sezzjoni ta' triq;

   (b) referenza għal rapporti preċedenti possibbli dwar l-istess sezzjoni ta' triq;

   (ċ) l-analiżi tar-rapporti ta' inċidenti possibbli;

   (d) in-numru ta' inċidenti, imwiet u ta' persuni korruti serjament fit-tliet snin ta' qabel;

   (e) sett ta' miżuri rimedjali potenzjali li jridu jitwettqu fi żmien perjodi ta' żmien differenti, li jqisu per eżempju:

   — it-tneħħija jew il-protezzjoni ta' ostakli mwaħħlin fil-ġenb tat-triq;

   — tnaqqis tal-limiti ta' veloċità u l-intensifikar ta' l-infurzar lokali tagħhom;

   — titjib fil-viżibbiltà f'kundizzjonijiet differenti tat-temp u tad-dawl;

   — titjib fil-kundizzjoni ta' sikurezza ta' apparat fil-ġenb tat-triq, bħal sistemi ta' trażżin fit-toroq;

   — titjib fil-koerenza, il-viżibbiltà, iċ-ċarezza biex jinqraw u l-pożizzjoni ta' marki fit-toroq (li jinkludu l-applikazzjoni ta' strippi għall-ħsejjes), is-sinjali u senjalazzjonijiet;

   — protezzjoni minn blat li jaqa', żerżiq tal-art u valangi;

   — titjib tal-qabda/il-ħruxija ta' l-uċuħ tat-toroq;

   — id-disinn mill-ġdid ta' sistemi ta' trażżin fit-toroq;

   — provvediment u titjib tal-ħarsien medjan;

   — tibdil fit-tqassim għall-qbiż (overtaking);

   — it-titjib tal-junctions, inklużi l-passaġġi invelli tat-toroq/ferroviji;

   — bidla fl-allinjament;

   — tibdil tal-wisa' tat-triq, biż-żieda ta' hard shoulders;

   — l-istallazzjoni ta' sistema għall-ġestjoni u l-kontroll tat-traffiku;

   — tnaqqis tal-kunflitt potenzjali ma' utenti vulnerabbli tat-triq;

   — it-tiġdid ta' triq skond l-istandards attwali tad-disinn;

   — ir-restawr jew it-tibdil ta' l-uċuħ tat-toroq;

   — użu ta' sinjali ta' toroq intelliġenti;

   — titjib ta' sistemi ta' trasport intelliġenti u ta' servizzi telematiċi għal skopijiet ta' interoperabilità, ta' emerġenza u ta' sinjali.

*ANNESS IV*

## INFORMAZZJONI DWAR L-INĊIDENTI FIR-RAPPORTI TA' L-INĊIDENTI

Ir-rapporti ta' l-inċidenti għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin:

1. il-pożizzjoni preċiża kemm jista' jkun ta' l-inċident;
2. l-istampi u/jew id-dijagrammi tal-post ta' l-inċident;
3. id-data u l-ħin ta' l-inċident;
4. informazzjoni dwar it-triq, bħal pereżempju, it-tip taż-żona, it-tip tat-triq, it-tip ta' junction inklużi s-sinjali, in-numru tal-lanes, il-marki, wiċċ it-triq, il-kundizzjonijiet tad-dawl u tat-temp, il-limitu tal-veloċità, u l-ostakli fil-ġenb tat-triq;
5. is-serjetà ta' l-inċident, li tinkludi l-għadd ta' mwiet u persuni mweġġgħin, jekk jista' jkun skond kriterji komuni li jridu jkunu stabbiliti skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 13(3);
6. il-karatteristiċi tal-persuni involuti, bħal età, is-sess, in-nazzjonalità, il-livell ta' alkoħol, l-użu jew le ta' apparat tas-sikurezza;
7. *data* dwar il-vetturi involuti (tip, età, pajjiż, l-apparat tas-sikurezza jekk ikun rilevanti, data ta' l-aħħar kontroll tekniku perjodiku skond il-leġiżlazzjoni li tapplika);
8. *data* dwar l-inċident bħal tip ta' inċident, tip ta' ħabta, manuvri tal-vettura u tas-sewwieq;
9. fejn possibbli, informazzjoni dwar il-ħin li għadda bejn il-ħin ta' l-inċident u r-reġistrazzjoni ta' l-inċident, jew il-wasla tas-servizzi ta' emerġenza.

# DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2008/109/KE

## tat-28 ta' Novembru 2008

## li temenda l-Anness IV għad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u l-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u l-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-punt (d) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 14 tagħha,

Billi:

(1) Hemm rekwiżiti speċjali għall-materjal tal-ippakkjar magħmul mill-injam u l-injam użat bħala feles jew biex jerfa' merkanzija mhux tal-injam introdott fil-Komunità stipulati fl-Anness IV għad-Direttiva 2000/29/KE. Huma bbażati fuq l-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji (ISPM) Nru 15 tal-FAO dwar "Linji gwida għar-regolamentazzjoni tal-materjal tal-ippakkjar magħmul mill-injam fil-kummerċ internazzjonali" ([2]).

(2) Flimkien mal-miżuri approvati skond l-ISPM Nru 15, l-Anness IV għad-Direttiva 2000/29/KE jinkludi rekwiżit li l-materjal għall-ippakkjar impurtat magħmul mill-injam għandu jsir minn injam li tneħħietlu l-qoxra. L-applikazzjoni ta' dak ir-rekwiżit ta' tneħħija tal-qoxra ġiet posposta darbtejn.

(3) Il-Komunità talbet ukoll li l-ISPM Nru 15 jiġi rivedut biex jinkludi rekwiżit li jindirizza t-tħassib tal-Komunità dwar ir-riskju li jinħoloq bil-preżenza tal-qoxra fuq ippakkjar bħal dan magħmul mill-injam fil-kummerċ internazzjonali.

(4) Il-Bord Tekniku dwar il-Kwarantina tal-Foresti (TPFQ), imwaqqaf taħt l-awspiċji tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti (IPPC) u magħmul minn esperti rikonoxxuti internazzjonalment tal-forestrija, issa analizza d-dejta disponibbli tar-riċerka dwar ir-riskju fitosanitarju li jinħoloq mill-qoxra tas-siġra fil-materjal tal-ippakkjar magħmul mill-injam. It-TPFQ ikkonkluda li hemm ġustifikazzjoni teknika li tobbliga li materjal tal-ippakkjar magħmul mill-injam fil-kummerċ internazzjonali għandu jkun ħieles mill-qoxra tas-siġra b'livell ta' tolleranza ddefinit b'mod preċiż għall-preżenza ta' biċċiet żgħar ta' qoxra biex jiġi żgurat li r-riskju fitosanitarju jinżamm f'livell aċċettabbli u li rekwiżit bħal dan għandu jiġi inkluż fl-ISPM Nru 15 rivedut.

(5) Sabiex it-territorju tal-Komunità jitħares mill-introduzzjoni ta' organiżmi ta' ħsara r-rekwiżiti tal-Komunità għall-preżenza tal-qoxra tas-siġar fil-materjal tal-ippakkjar magħmul mill-injam u mil-bċejjeċ tal-injam għandhom jikkonformaw mal-konklużjonijiet tekniċi tat-TPFQ mingħajr l-istennija tal-adozzjoni ta' ISPM Nru 15 mill-Kummissjoni tal-IPPC dwar Miżuri Fitosanitarji.

(6) Għalhekk huwa xieraq li r-rekwiżit ta' tneħħija tal-qoxra jiġi adattat għal dak il-livell ta' toleranza teknikament iġġustifikat għall-preżenza ta' qoxra tas-siġar.

(7) Għalhekk l-Anness IV għad-Direttiva 2000/29/KE għandu jiġi emendat skond dan.

(8) Ir-rekwiżit li l-materjal tal-ippakkjar magħmul mill-injam ikun magħmul minn injam tond li tneħħietlu l-qoxra introdott permezz tad-Direttiva 2006/14/KE ([3]) li temenda l-Anness IV għad-Direttiva 2000/29/KE għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009. Għalhekk huwa meħtieġ li l-miżuri previsti f'din id-Direttiva japplikaw ukoll mill-1 ta' Jannar 2009. Minkejja dan, sabiex ikun possibbli għall-pajjiżi terzi biex jagħmlu l-adattamenti meħtieġa huwa xieraq li jiġi previst li r-rekwiżit tal-qoxra tas-siġar għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2009.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

([1]) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.
([2]) ISPM Nru 15, Marzu 2002, FAO, Ruma.
([3]) ĠU L 34, 7.2.2006, p. 24.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE huwa emendat skond it-test fl-Anness għal din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih mal-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabelli ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2009.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 28 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

Fl-Anness IV, il-Parti A, it-Taqsima I għad-Direttiva 2000/29/KE huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt 2 jinbidel b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| 2. Materjal tal-ippakkjar magħmul mill-injam, fil-forma ta' kontenituri tal-ippakkjar, kaxxi, ċestuni, tankijiet u ppakkjar simili, paliti, kaxxi tal-paliti u twavel tat-tagħbija oħrajn, għenuq tal-paliti, li huma attwalment użati fit-trasport ta' oġġetti ta' kull xorta, ħlief għall-injam mhux maħdum ta' 6 mm jew inqas ħxuna, u injam ipproċessat prodott bil-kolla, bis-sħana u bil-pressa, jew taħlita tagħhom, li jiġi minn pajjiżi terzi, ħlief għall-Iżvizzera. | Il-materjal tal-ippakkjar għandu:<br>— ikun ħieles mill-qoxra tas-siġar bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe għadd ta' biċċiet individwali ta' qoxra jekk huma inqas minn 3 ċentimetri fil-wisa' (irrispettivament mit-tul) jew, jekk huma akbar minn 3 ċentimetri fil-wisa', mhumiex iktar minn 50 ċentimetru kwadru bħala erja, u<br>— ikun suġġett għal wieħed mit-trattamenti approvati kif speċifikat fl-Anness I tal-Istandards Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15 fuq *Il-Linji Gwida li jirregolaw il-materjal tal-ippakkjar magħmul mill-injam fil-kummerċ internazzjonali*, u<br>— ikollu marka kif speċifikat fl-Anness II tal-Istandards Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15 fuq *Il-Linji Gwida li jirregolaw il-materjal tal-ippakkjar tal-injam fil-kummerċ internazzjonali*, li tindika li l-materjal tal-ippakkjar magħmul mill-injam kien soġġett għal trattament fitosanitarju approvat.<br>L-ewwel inċiż għandu japplika biss mill-1 ta' Lulju 2009. |

(2) il-punt 8 jinbidel b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| 8. Injam li jintuża bħala feles jew appoġġ għat-tagħbija mhux tal-injam, li tinkludi dak li ma żammx il-wiċċ tond naturali tiegħu, ħlief għal injam mhux maħdum ta' 6 mm ħxuna jew inqas u injam ipproċessat prodott bil-kolla, sħana u pressa, jew taħlita tagħhom, li jiġi minn pajjiżi terzi, minbarra l-Iżvizzera. | L-injam għandu:<br>— ikun ħieles mill-qoxra tas-siġar bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe għadd ta' biċċiet individwali ta' qoxra jekk huma inqas minn 3 ċentimetri fil-wisa' (irrispettivament mit-tul) jew, jekk huma akbar minn 3 ċentimetri fil-wisa', mhumiex iktar minn 50 ċentimetru kwadru bħala erja, u<br>— ikun suġġett għal wieħed mit-trattamenti approvati kif speċifikat fl-Anness I tal-Istandards Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15 fuq *Il-Linji Gwida li jirregolaw il-materjal tal-ippakkjar tal-injam fil-kummerċ internazzjonali*, u<br>— ikollu marka kif speċifikat fl-Anness II tal-Istandards Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15 fuq *Il-Linji Gwida li jirregolaw il-materjal tal-ippakkjar tal-injam fil-kummerċ internazzjonali*, li tindika li l-injam kien soġġett għal trattament fitosanitarju approvat.<br>L-ewwel inċiż għandu japplika biss mill-1 ta' Lulju 2009. |

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tas-26 ta’ Novembru 2008**

**li temenda d-Deċiżjoni 2003/61/KE li tawtorizza ċerti Stati Membri jipprovdu għal derogi temporanji minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE fir-rigward ta’ patata għaż-żrigħ li toriġina minn ċerti provinċji tal-Kanada**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7317)*

**(It-testi bl-ilsien Spanjol, Grieg, Franċiż, Taljan, Malti u Portugiż biss huma awtentiċi)**

(2008/891/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta’ Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta’ organiżmi ta’ ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità [1], u b’mod partikolari l-Artikolu 15(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont id-Direttiva 2000/29/KE, il-patata għaż-żrigħ li toriġina mill-Kanada ma tistax tiddaħħal fil-Komunità. Madankollu, id-Direttiva tippermetti derogi minn dik ir-regola, dejjem jekk ma jkunx hemm riskju li jixterdu organiżmi li jagħmlu l-ħsara.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/61/KE [2] tipprevedi deroga għall-importazzjoni ta’ patata għaż-żrigħ li toriġina minn ċerti provinċji tal-Kanada fil-Greċja, Spanja, l-Italja, Ċipru, Malta u l-Portugall soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet speċifiċi.

(3) Il-Portugall talab għal estensjoni ta’ dik id-deroga.

(4) Is-sitwazzjoni li tiġġustifika dik id-deroga ma tbiddlitx u għalhekk id-deroga għandha tkompli tapplika.

(5) Għalhekk id-Deċiżjoni 2003/61/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f’din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2003/61/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1(2)(c) għandu jinbidel b’dan li ġej:

“(c) għall-istaġuni tal-kummerċjalizzazzjoni tal-patata mill-1 ta’ Frar 2003 sal-31 ta’ Marzu 2003, mill-1 ta’ Diċembru 2003 sal-31 ta’ Marzu 2004, mill-1 ta’ Diċembru 2004 sal-31 ta’ Marzu 2005, mill-1 ta’ Diċembru 2005 sal-31 ta’ Marzu 2006, mill-1 ta’ Diċembru 2006 sal-31 ta’ Marzu 2007, mill-1 ta’ Diċembru 2007 sal-31 ta’ Marzu 2008, mill-1 ta’ Diċembru 2008 sal-31 ta’ Marzu 2009, mill-1 ta’ Diċembru 2009 sal-31 ta’ Marzu 2010 u mill-1 ta’ Diċembru 2010 sal-31 ta’ Marzu 2011.”

(2) Fl-Artikolu 15, id-data “31 ta’ Marzu 2008” tinbidel bid-data “31 ta’ Marzu 2011”.

[1] ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.
[2] ĠU L 23, 28.1.2003, p. 31.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika Portugiża.

Magħmula fi Brussell, 26 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

# BANK ĊENTRALI EWROPEW

## DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tat-28 ta’ Ottubru 2008**

**dwar dispożizzjonijiet transitorji għall-applikazzjoni tar-riżervi minimi mill-Bank Ċentrali Ewropew wara l-introduzzjoni tal-ewro fis-Slovakja**

***(BĊE/2008/14)***

(2008/892/KE)

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn issa ’l quddiem l-“Istatut tas-SEBĊ”), u b’mod partikolari l-Artikolu 19.1 u l-ewwel inċiż tal-Artikolu 47.2,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 tat-23 ta’ Novembru 1998 dwar l-applikazzjoni tar-riżervi minimi mill-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta’ Settembru 2003 dwar l-applikazzjoni tar-riżervi minimi (BĊE/2003/9) ([2]),

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 tat-23 ta’ Novembru 1998 dwar is-setgħat tal-Bank Ċentrali Ewropew biex jimponi sanzjonijiet ([3]),

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta’ Novembru 1998 dwar il-ġbir ta’ informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew ([4]), u b’mod partikolari l-Artikoli 5(1) u 6(4),

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta’ Novembru 2001 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13) ([5]),

Billi:

(1) L-adozzjoni tal-ewro mis-Slovakja fl-1 ta’ Jannar 2009 tfisser li l-istituzzjonijiet ta’ kreditu u l-fergħat tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu li jinsabu fis-Slovakja se jkunu suġġetti għall-obbligi tar-riżerva minn dik id-data.

(2) L-integrazzjoni ta’ dawn l-entitajiet fis-sistema tar-riżervi minimi tal-Ewrosistema teħtieġ l-adozzjoni ta’ dispożizzjonijiet transitorji sabiex tiġi żgurata l-integrazzjoni bla xkiel mingħajr ma jinħoloq piż sproporzjonat għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu fi Stati Membri parteċipanti, inkluża s-Slovakja.

(3) L-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ flimkien mal-Artikolu 10 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita’ Ewropea jimplika obbligu għall-Istati Membri biex jiddisinjaw u jimplimentaw fil-livell nazzjonali l-miżuri kollha xierqa biex jiġbru l-informazzjoni statistika meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi ta’ rappurtar ta’ statistika tal-BĊE u biex jiżguraw il-preparazzjoni fil-ħin fil-qasam tal-istatistika biex jaddottaw l-ewro,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta’ din id-Deċiżjoni, it-termini “istituzzjoni”, “obbligu tar-riżerva”, “perijodu ta’ manteniment”, “bażi tar-riżerva”, u “Stat Membru parteċipanti” għandhom l-istess tifsira bħal fir-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2003/9).

([1]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 1.
([2]) ĠU L 250, 2.10.2003, p. 10.
([3]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 4.
([4]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.
([5]) OJ L 333, 17.12.2001, p. 1.

*Artikolu 2*

**Dispożizzjonijiet transitorji għal istituzzjonijiet li jinsabu fis-Slovakja**

1. B'deroga mill-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2003/9), għandu jibda jiddekorri perijodu ta' manteniment transitorju mill-1 ta' Jannar 2009 sal-20 ta' Jannar 2009 għal istituzzjonijiet li jinsabu fis-Slovakja.

2. Il-bażi tar-riżerva għal kull istituzzjoni li tinsab fis-Slovakja għall-perijodu ta' manteniment transitorju għandha tkun iddefinita fir-rigward tal-elementi tal-karta tal-bilanċ tagħha skond kif din tkun fil-31 ta' Ottubru 2008. L-istituzzjonijiet li jinsabu fis-Slovakja għandhom jirrappurtaw il-bażi tar-riżerva tagħhom lin-Národná banka Slovenska skond il-qafas ta' rappurtar tal-BĊE għall-istatistika monetarja u bankarja, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2001/13). L-istituzzjonijiet li jinsabu fis-Slovakja li jibbenefikaw mid-deroga skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2001/13) għandhom jikkalkulaw bażi tar-riżerva għall-perijodu ta' manteniment transitorju skond il-karta tal-bilanċ tagħhom skond kif din tkun fit-30 Settembru 2008.

3. Fir-rigward tal-perijodu ta' manteniment transitorju, jew l-istituzzjoni li tinsab fis-Slovakja jew in-Národná banka Slovenska għandhom jikkalkulaw ir-riżervi minimi ta' dik l-istituzzjoni. Il-parti li tikkalkula r-riżervi minimi għandha tippreżenta l-kalkoli tagħha lill-parti l-oħra u tħalli żmien biżżejjed biex din tal-aħħar tkun tista' tivverifikahom u tippreżenta reviżjonijiet. Ir-riżervi minimi kkalkulati, inklużi kull reviżjonijiet, jekk applikabbli, għandhom ikunu kkonfermati miż-żewġ partijiet mhux aktar tard mid-9 ta' Diċembru 2008. Jekk il-parti nnotifikata ma tikkonfermax l-ammont tar-riżervi minimi sad-9 ta' Diċembru 2008, hija għandha titqies li tkun ikkonfermat li l-ammont ikkalkulat japplika għall-perijodu ta' manteniment transitorju.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 sa 4 tal-Artikolu 3 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-istituzzjonijiet li jinsabu fis-Slovakja sabiex dawn l-istituzzjonijiet jistgħu, għall-perijodi inizjali tagħhom ta' manteniment, inaqqsu mill-bażi tar-riżerva tagħhom kull passiv dovut lil istituzzjonijiet fis-Slovakja, minkejja li fiż-żmien li r-riżervi minimi huma kkalkulati dawn l-istituzzjonijiet ma jidhrux fuq il-lista ta' istituzzjonijiet suġġetti għall-obbligi tar-riżerva fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2003/9).

*Artikolu 3*

**Dispożizzjonijiet transitorji għal istituzzjonijiet li jinsabu fi Stati Membri parteċipanti oħra**

1. Il-perijodu ta' manteniment li japplika għal istituzzjonijiet li jinsabu fi Stati Membri parteċipanti oħra skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2003/9) għandu jibqa' mhux affettwat bl-eżistenza ta' perijodu ta' manteniment transitorju għall-istituzzjonijiet li jinsabu fis-Slovakja.

2. L-istituzzjonijiet li jinsabu fi Stati Membri parteċipanti oħra jistgħu jiddeċiedu jnaqqsu mill-bażi tar-riżerva tagħhom għall-perijodi ta' manteniment ta' mill-10 ta' Diċembru 2008 sal-20 ta' Jannar 2009, u ta' mill-21 ta' Jannar sal-10 ta' Frar 2009, kull passiv dovut lil istituzzjonijiet li jinsabu fis-Slovakja, minkejja li fiż-żmien li r-riżervi minimi huma kkalkulati dawn l-istituzzjonijiet ma jidhrux fil-lista ta' istituzzjonijiet suġġetti għall-obbligi tar-riżerva fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2003/9).

3. L-istituzzjonijiet li jinsabu fi Stati Membri parteċipanti oħra li jixtiequ jnaqqsu l-passivi dovuti lil istituzzjonijiet li jinsabu fis-Slovakja għandhom, għall-perijodi ta' manteniment ta' mill-10 ta' Diċembru 2008 sal-20 ta' Jannar 2009, u ta' mill-21 ta' Jannar sal-10 ta' Frar 2009, jikkalkulaw ir-riżervi minimi tagħhom skond kif tkun il-karta tal-bilanċ tagħhom fil-31 ta' Ottubru u t-30 ta' Novembru 2008 rispettivament, u jirrappurtaw tabella skond in-nota f'qiegħ il-paġna 5 tat-Tabella 1 ta' l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2001/13) li turi l-istituzzjonijiet li jinsabu fis-Slovakja bħala li huma suġġetti diġa' tas-sistema tar-riżervi minimi tal-BĊE.

Dan għandu jsir mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-istituzzjonijiet biex jirrappurtaw informazzjoni statistika għall-perijodi rispettivi skond it-Tabella 1 tal-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2001/13), li għadha turi l-istituzzjonijiet li jinsabu fis-Slovakja bħala banek li jinsabu f'Il-Bqija tad-Dinja'.

It-tabelli għandhom jiġu rrappurtati skond il-limiti taż-żmien u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2001/13).

4. Għall-perijodi ta' manteniment li jibdew jiddekorru f'Diċembru 2008, Jannar u Frar 2009, l-istituzzjonijiet li jinsabu fi Stati Membri parteċipanti oħra li jibbenefikaw mid-deroga skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2001/13) u li jixtiequ jnaqqsu l-passivi dovuti lil istituzzjonijiet li jinsabu fis-Slovakja, għandhom jikkalkulaw ir-riżervi minimi tagħhom skond kif tkun il-karta tal-bilanċ tagħhom fit-30 ta' Settembru 2008, u jirrappurtaw tabella skond in-nota f'qiegħ il-paġna 5 tat-Tabella 1 tal-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2001/13) li turi l-istituzzjonijiet li jinsabu fis-Slovakja bħala li huma suġġetti diġa' tas-sistema tar-riżervi minimi tal-BĊE.

Dan għandu jsir mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-istituzzjonijiet biex jirrappurtaw informazzjoni statistika għall-perijodi rispettivi skond it-Tabella 1 tal-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2001/13), li għadha turi l-istituzzjonijiet li jinsabu fis-Slovakja bħala banek li jinsabu f’’Il-Bqija tad-Dinja’.

It-tabelli għandhom jiġu rrappurtati skond il-limiti taż-żmien u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2001/13).

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

1. Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lin-Národná banka Slovenska, istituzzjonijiet li jinsabu fis-Slovakja u istituzzjonijiet li jinsabu fi Stati Membri parteċipanti oħra.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Novembru 2008.

3. Fin-nuqqas ta’ dispożizzjonijiet speċifiċi f’din id-Deċiżjoni, id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti BĊE/2003/9 u BĊE/2001/13 għandhom japplikaw.

Magħmula fi Frankfurt am Main, 28 ta’ Ottubru 2008.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tas-17 ta' Novembru 2008

## li twaqqaf il-qafas għall-akkwist konġunt tal-Ewrosistema

## *(BĊE/2008/17)*

(2008/893/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 105 u 106,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"), u partikolarment l-Artikolu 12.1 flimkien mal-Artikolu 3.1 u l-Artikoli 5, 16 u 24,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 12.1 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-Kunsill Governattiv jaddotta l-linji gwida u jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa biex jiżgura t-twettiq tal-kompiti fdati f'idejn l-Ewrosistema. Il-Kunsill Governattiv dlonk għandu s-saħħa li jiddeċiedi dwar l-organizzazzjoni ta' attivitajiet awżiljarji bħall-akkwist ta' oġġetti u servizzi li huma meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tal-Ewrosistema.

(2) Il-leġislazzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-akkwist tippermetti l-akkwist konġunt ta' oġġetti u servizzi minn awtoritajiet kontraenti diversi. Dan il-prinċipju huwa rifless fil-Premessa 15 sa u fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004, dwar il-koordinament ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi, kuntratti ta' provvisti pubbliċi u kuntratti ta' servizzi pubbliċi ([1]), li jipprovdu għall-użu ta' ċerta teknika ta' xiri ċentralizzat.

(3) L-għan tal-Ewrosistema hu li timxi mal-prinċipji ta' effiċjenza fl-ispejjeż u effettività, u tfittex l-aħjar valur għall-flus fl-akkwist ta' oġġetti u servizzi. Il-Kunsill Governattiv iqis l-akkwist konġunt ta' oġġetti u servizzi bħala strument biex jinkisbu dawn l-għanijiet billi jiġu sfruttati s-sinerġiji u l-ekonomiji ta' skala.

(4) Billi jistabbilixxi qafas għall-akkwist konġunt fl-Ewrosistema, il-BĊE għandu l-għan li jheġġeġ il-parteċipazzjoni tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li addottaw l-ewro f'dan l-akkwist konġunt.

(5) Il-Kunsill Governattiv ħoloq Uffiċċju għall-Koordinament tal-Akkwisti fl-Ewrosistema (EPCO) biex jikkoordina dan l-akkwist konġunt. Il-Kunsill Governattiv ħatar lill-Banque centrale du Luxembourg biex jilqa' l-EPCO għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2012.

(6) Din id-Deċiżjoni hi bla ħsara għal possibbiltà għall-banek ċentrali li jitolbu l-EPCO biex jgħinhom fl-akkwist ta' oġġetti u servizzi li ma jaqgħux taħt l-iskop ta' din id-Direttiva.

(7) Il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li għadhom ma addottawx l-ewro jista' jkollhom interess li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-EPCO kif ukoll fil-proċeduri konġunti ta' sejħiet għal offerti, li ser isiru taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikabbli għall-banek ċentrali,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' din id-Deċizjoni:

(a) "Ewrosistema" tfisser il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li addottaw l-ewro;

(b) "kompiti tal-Ewrosistema" tfisser il-kompiti mogħtija lill-Ewrosistema skond it-Trattat u l-Istatut tas-SEBĊ;

(ċ) "bank ċentrali" tfisser il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali ta' Stat Membru li addotta l-ewro;

(d) "bank ċentrali li jmexxi" tfisser il-bank ċentrali responsabbli biex imexxi l-proċedura konġunta ta' sejħa għal offerti;

(e) "bank ċentrali li jilqa'" tfisser il-bank ċentrali maħtur mill-Kunsill Governattiv biex jilqa' l-EPCO;

([1]) ĠU L 134, 30.4.2004, p.114.

(f) “Kumitat għat-Tmexxija tal-EPCO” tfisser il-kumitat tat-tmexxija mwaqqaf mill-Kunsill Governattiv biex imexxi l-attivitajiet tal-EPCO. Il-Kumitat għat-Tmexxija tal-EPCO huwa magħmul minn membru wieħed minn kull bank ċentrali, li jiġi magħżul minn fost il-ħaddiema f'livell superjuri bl-għerf u l-esperjenza fi kwistjonijiet organizzattivi u strateġiċi fl-istituzzjonijiet rispettivi tagħhom u esperti fl-akkwist. Il-Kumitat għat-Tmexxija tal-EPCO għandu jirrapporta permezz tal-Bord Eżekuttiv lill-Kunsill Governattiv. Il-post ta’ President u s-Segretarjat tal-Kumitat għat-Tmexxija tal-EPCO għandu jkun provvdut mill-BĊE;

(g) “proċedura konġunta ta’ sejħa għal offerti” tfisser proċedura għall-akkwist konġunt ta’ oġġetti u servizzi magħmul mill-bank ċentrali li jmexxi għal benefiċċju tal-banek ċentrali li jipparteċipaw fil-proċedura tas-sejħa għal offerti.

*Artikolu 2*

**Skop ta’ applikazzjoni**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-akkwist konġunt minn banek ċentrali ta’ oġġetti u servizzi li huma meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tal-Ewrosistema.

2. Il-parteċipazzjoni tal-banek ċentrali fl-attivitajiet tal-EPCO u fi proċeduri konġunti ta’ sejħiet għal offerti hija volontarja.

3. Din id-Deċiżjoni għandha tkun bla ħsara għall-Linja ta’ Gwida BĊE/2004/18 tas-16 ta’ Settembru 2004 dwar l-akkwist ta’ karti tal-flus ewro ([1]).

*Artikolu 3*

**Uffiċċju għall-Koordinament tal-Akkwisti fl-Ewrosistema**

1. L-EPCO għandu jwettaq dawn il-kompiti li ġejjin:

(a) jiffaċilita’ l-adozzjoni tal-aħjar prattiċi għall-akkwist fl-Ewrosistema;

(b) jiżviluppa l-infrastruttura (eż. kapaċitajiet, għodda funzjonali, sistemi ta’ tagħrif, proċessi) meħtieġa għall-akkwist konġunt;

(ċ) jidentifika każijiet potenzjali għal akkwist konġunt li jaqgħu fi jew ‘il barra mill-iskop ta’ din id-Deċiżjoni skond il-ħtiġijiet tal-akkwisti li l-banek ċentrali jibagħtu lill-EPCO;

(d) jipprepara u jaġġorna kif meħtieġ pjan annwali ta’ akkwisti għal proċeduri konġunti ta’ sejħiet għal offerti bbażati fuq il-valutazzjoni deskritta fil-punt (ċ);

(e) jipprepara rekwiżiti komuni f'kooperazzjoni mal-banek ċentrali li jipparteċipaw f'proċedura konġunta ta’ sejħa għal offerti;

(f) jgħin lill-banek ċentrali fil-proċeduri konġunti ta’ sejħiet għal offerti;

(g) jgħin lill-banek ċentrali fl-akkwist relatat mal-proġetti komuni tas-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali, jekk ikun mitlub mill-bank ċentrali li jmexxi l-proġett.

2. Il-bank ċentrali li jilqa’ għandu jipprovdi l-materjal u r-riżorsi umani meħtieġa għall-EPCO biex iwettaq il-kompiti skond il-baġit approvat mill-Kunsill Governattiv kif stabbilit fil-paragrafu 4.

3. Il-bank ċentrali li jilqa’, wara konsultazzjoni mal-Kumitat għat-Tmexxija tal-EPCO, jista’ jaddotta regoli dwar l-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni interna tal-EPCO, inkluż kodiċi ta’ kondotta għall-ħaddiema ta’ l-EPCO, li l-għan tiegħu hu li jiżgura l-ogħla integrità fil-qadi ta’ dmirijiethom.

4. Il-banek ċentrali għandhom jiffinanzjaw il-baġit tal-EPCO skond ir-regoli addottati mill-Kunsill Governattiv. Qabel il-bidu tas-sena finanzjarja, l-EPCO għandu jgħaddi proposta għal baġit annwali għall-approvazzjoni tal-Kunsill Governattiv, permezz tal-Kumitat għat-Tmexxija tal-EPCO u tal-Bord Eżekuttiv.

5. L-EPCO għandu jissottometti rapport annwali dwar l-attivitajiet tiegħu lill-Kunsill Governattiv, permezz tal-Kumitat għat-Tmexxija tal-EPCO u l-Bord Eżekuttiv.

6. L-attivitajiet tal-EPCO għandhom ikunu suġġetti għall-kontroll tal-Kumitat ta’ Awdituri Interni skond ir-regoli addottati mill-Kunsill Governattiv. Dan għandu jkun bla ħsara għall-kontroll u r-regoli tal-verifka li japplikaw jew li jiġu addottati mill-bank ċentrali li jilqa’.

7. Il-Kumitat għat-Tmexxija tal-EPCO għandu jagħmel valutazzjoni effettiva u effiċjenti tal-attivitajiet tal-EPCO ħames snin wara li jiġi stabbilit l-EPCO. Ibbażat fuq din il-valutazzjoni, il-Kunsill Governattiv għandu jiddeċiedi jekk hux meħtieġ li jagħmel proċedura ta’ selezzjoni biex jagħżel bank ċentrali li jilqa’ ġdid.

*Artikolu 4*

**Proċeduri konġunti ta’ sejħiet għal offerti**

1. Proċedura konġunta ta’ sejħa għal offerti għandha titqies meħtieġa għall-finijiet ta’ din id-Deċiżjoni jekk: (i) huwa raġonevolment mistenni li l-akkwist konġunt ta’ oġġetti u servizzi jwassal għal kundizzjonijiet ta’ xiri aktar vantaġġużi skond il-prinċipji tal-effiċjenza u l-effettività tal-ispejjeż; jew (ii) il-banek ċentrali għandhom bżonn jaddottaw rekwiżiti armonizzati u standards dwar dawn l-oġġetti u/jew s-servizzi.

([1]) ĠU L 320, 21.10.2004, p. 21.

2. Wara li jiġi identifikat każ potenzjali għal akkwist konġunt, l-EPCO għandu jistieden il-banek ċentrali biex jieħdu sehem fi proċedura konġunta ta' sejħa għal offerti. Il-banek ċentrali għandhom jinfurmaw lill-EPCO f'ħin tajjeb jekk għandhomx f'moħħhom li jieħdu sehem fil-proċedura konġunta ta' sejħa għal offerti, jekk iva, għandhom jikkomunikaw il-bżonnijiet tan-negozju tagħhom lill-EPCO. Bank ċentrali jista' jirtira milli jieħu sehem f'akkwist konġunt qabel il-pubblikazzjoni tal-avviż tal-kuntratt.

3. Skond pjan annwali tal-akkwisti għal proċeduri konġunti ta' sejħiet għal offerti ppreparat mill-EPCO, u wara li jikkonsulta mal-Kumitat għat-Tmexxija tal-EPCO, il-Kunsill Governattiv jista' jibda proċeduri konġunti ta' sejħiet għal offerti u jagħżel il-bank(ek) ċentrali li jmexxi(u) minn fost il-banek ċentrali li jieħdu sehem fil-proċedura konġunta ta' sejħa għal offerti. Il-Kunsill Governattiv għandu jiġi pprovdut b'kull aġġornament tal-pjan annwali tal-akkwisti.

4. Il-bank ċentrali li jmexxi għandu jwettaq il-proċedura konġunta ta' sejħa għal offerti għall-benefiċċju tal-banek ċentrali li jieħdu sehem fil-proċedura konġunta ta' sejħa għal offerti, skond ir-regoli tal-akkwisti li għalihom hu suġġett il-bank ċentrali li jmexxi. Il-bank ċentrali li jmexxi għandu, fl-avviż tal-kuntratt, jispeċifika liema banek ċentrali qegħdin jieħdu sehem fil-proċedura konġunta ta' sejħa għal offerti kif ukoll l-istruttura tar-relazzjonijiet kuntrattwali.

5. Il-bank ċentrali li jmexxi għandu jipprepara d-dokumentazzjoni tas-sejħa għal offerti u jagħmel valutazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-offerti b'kooperazzjoni mal-EPCO u l-banek ċentrali l-oħra li jieħdu sehem fil-proċedura konġunta ta' sejħa għal offerti.

6. Il-bank ċentrali li jmexxi għandu jwettaq il-proċedura konġunta ta' sejħa għal offerti fil-lingwa(i) stabbilita(i) fil-pjan annwali ta' l-akkwisti.

*Artikolu 5*

**Parteċipazzjoni tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li għadhom m'addottawx l-ewro**

Il-Kunsill Governattiv jista' jistieden lil banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li għadhom ma addottawx l-ewro biex jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-EPCO u fil-proċeduri konġunta ta' sejħa għal offerti taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikabbli għall-banek ċentrali.

*Artikolu 6*

**Dispożizzjoni finali**

Din id-Deċizjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2008.

Magħmula fi Frankfurt am Main, 17 ta' Novembru 2008.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

## DEĊIŻJONI EUMM/1/2008 TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ

**tas-16 ta' Settembru 2008**

**dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja EUMM Georgia**

(2008/894/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta 2008/736/PESK tal-15 ta' Settembru 2008 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja (EUMM Georgia) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 10(1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2008/736/PESK, il-KPS huwa awtorizzat, konformement ma' l-Artikolu 25 tat-Trattat, jieħu d-deċiżjonijiet adegwati sabiex jeżerċita l-kontroll politiku u ta' tmexxija strateġika tal-Missjoni EUMM Georgia, u partikolarment id-deċiżjoni li jaħtar Kap tal-Missjoni.

(2) Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli ppropona l-ħatra tas-Sur Hansjörg HABER bħala Kap tal-Missjoni EUMM Georgia,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Is-Sur Hansjörg HABER huwa maħtur Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja (EUMM Georgia).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika sal-15 ta' Settembru 2009.

Magħmula fi Brussell, 16 ta' Settembru 2008.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

C. ROGER

([1]) ĠU L 248, 17.9.2008, p. 26.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ BiH/14/2008

## tal-21 ta' Novembru 2008

## dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Forza ta' l-Unjoni Ewropea għall-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil- Bosnja u Ħerzegovina

(2008/895/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet sub-paragrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 6 ta' l-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu deċiżjonijiet ulterjuri dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza ta' l-UE.

(2) Fil-25 ta' Settembru 2007, il-KPS adotta d-Deċiżjoni BiH/11/2007 ([2]) li taħtar il-Ġeneral Maġġur Ignacio MARTIN VILLALAIN bħala Kmandant tal-Forza ta' l-UE għall-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina.

(3) Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE rrakkomanda l-ħatra tal-Ġeneral Maġġur Stefano CASTAGNOTTO bħala l-Kmandant tal-Forza l-ġdid ta' l-UE għall-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina.

(4) Il-Kumitat Militari ta' l-UE appoġġa r-rakkomandazzjoni.

(5) Skond l-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża.

(6) Fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2002 il-Kunsill Ewropew ta' Kopenħagen adotta Dikjarazzjoni li tiddikjara li l-arranġamenti "Berlin Plus" u l-implementazzjoni tagħhom ser japplikaw biss għal dawk l-Istati Membri ta' l-UE li huma wkoll membri tan-NATO jew partijiet fis-"Sħubija għall-Paċi", u li għaldaqstant ikkonkludew ftehim bilaterali ta' sigurtà man-NATO,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ġeneral Maġġur Stefano CASTAGNOTTO huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza ta' l-UE għall-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiedħol fis-seħħ fl-4 ta' Diċembru 2008.

Magħmula fi Brussell, 21 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

C. ROGER

---

([1]) ĠU L 252, 28.7.2004, p. 10. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 142M, 30.5.2006, p. 162.

([2]) ĠU L 288, 6.11.2007, p. 60.